**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

## L-ERBATAX-IL PARLAMENT

**Seduta Nru 204**
**It-Tnejn, 6 ta' Frar, 2024**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 204**
**It-Tnejn, 6 ta' Frar, 2024**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.01 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 204**

**It-Tnejn, 6 ta' Frar, 2024**

**WERREJ**

MINUTI ..... 192

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ..... 192

KUNSENS GĦALL-ATTI ..... 192

MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI ..... 193

TQEGĦID TA' KARTI ..... 198

PUNTI MQAJMA MINN ONOR. MEMBRI TAL-KAMRA ..... 199

KUMITATI PERMANENTI ..... 199

STQARRIJIET MINISTERJALI ..... 200

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA
ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA (It-Tieni Qari)
CLIMATE ACTION BILL (Second Reading) ..... 208

AĠĠORNAMENT ..... 223

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ..... 227

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta Nru 203, li saret fil-5 ta' Frar 2024, ġew ikkonfermati.*

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Ninforma lill-Kamra li wara l-punt imqajjem mill-Onor. Graziella Galea fis-seduta tal-bieraħ dwar rappurtaġġ ta' ħidma parlamentari fil-ħarġa tal-bieraħ tal-gazzetta *l-orizzont*, speċifikament dwar informazzjoni li rriżultat minn mistoqsijiet parlamentari li hija għamlet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u l-Ugwaljanza, is-Sedja kitbet b'mod immedjat lill-editur ta' din il-gazzetta u ġibdet l-attenzjoni għal dak li qalet is-Sedja fir-ruling mogħti fis-Seduta 194 tat-3 ta' Novembru 2014 dwar rapporti ta' proċeduri parlamentari fil-midja.

F'dan ir-ruling is-Sedja kient saħqet illi:

> "... kull darba li f'rappurtaġġ fil-midja ssir referenza għal xi Mistoqsija Parlamentari jew xi diskors li jkun sar minn Membru Parlamentari f'din il-Kamra jew fil-Kumitati tagħha, ir-rappurtaġġ għandu jinkludi wkoll l-isem ta' dak il-Membru Parlamentari li jew ikun issottometta d-domanda parlamentari, min ikun weġibha jew li jkun għamel id-diskors."

Ovvjament, wieħed għandu jirrapporta r-risposta fl-intier tagħha. Nistenna għaldaqstant li l-gazzetta tagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa.

## KUNSENS GĦALL-ATTI

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

Att IV tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda l-Kodiċi Kriminali; u

Att V tal-2024 – Att tal-2024 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2).

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, jekk tippermettili, qabel ma ngħaddu għall-mistoqsijiet parlamentari rrid nagħmel referenza b'mod pożittiv għal-laqgħa tant interessanti li kienet ippreseduta minnek aktar kmieni llum, fejn kellna l-possibbiltà niltaqgħu mal-Ombudsman Ingliż u mal-Ombudsman Malti. Naħseb li f'isem l-Oppożizzjoni għandi nirringrazzja lil dawk kollha li kellhom x'jaqsmu ma' din l-attività għaliex, fl-opinjoni tiegħi, kienet attività ta' suċċess u importanti biex nimxu fuq il-passi ta' kif jimxi l-Ombudsman Ingliż.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Napprezza l-ħsibijiet tiegħek.

## MISTOQSIJIET – TWEĠIBIET ORALI

### PROTOKOLL NUMRU 12 TAL-KONVENZJONI EWROPEA TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

**13629. L-ONOR. ROBERT CUTAJAR (f'isem l-Onor. Ivan Bartolo)** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għala l-Gvern għadu m'għamilx traspożizzjoni tal-Protokoll numru 12 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (li tipprojbixxi kull forma ta' diskriminazzjoni)? Jista' jgħid jekk huwiex konxju li l-Avukat tal-Istat qiegħed f'diversi kawżi jgħid li la l-Gvern Malti għadu m'għamilx tali Protokoll bħala parti mil-Liġi Maltija, ħadd ma jista' jinvokaha u allura qiegħed iċaħħad liċ-ċittadini minn tali protezzjoni?

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, jista' l-Ministru jagħti aktar informazzjoni dwar l-inċident li għadu kif seħħ ġewwa l-Gżira?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, kif wieħed japprezza, l-inċident seħħ kmieni waranofsinhar. Pubblikament semmejt il-fatt li minnufih marru fuq il-post uffiċjali mill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) u mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA). Inkwantu l-BCA, anke kif ġie rrapportat, ħarġu ordnijiet minnufih biex jitwaqqfu x-xogħlijiet, minbarra dawk li huma neċessarji biex tiġi ripristinata s-sigurtà fuq is-sit u fit-triq inkwistjoni. Imbagħad jiskatta l-proċess formali min-naħa tal-BCA li f'sitwazzjonijiet bħal dawn jimblokkaw il-garanziji bankarji f'każ li jkun hemm anke talbiet minn terzi 'l quddiem. L-Awtorità tkun qed tivverifika u tagħmel l-istħarriġ tagħha biex tassigura li ma kienx hemm, jew jekk kienx hemm, ksur tal-method statement li jiġi sottomess mal-istess Awtorità, biex f'dik l-eventwalità tkun tista' tieħu l-passi neċessarji. Però ma jidhirx li kien hemm xi kwestjonijiet preċedenti marbuta ma' dan l-iżvilupp.

Bl-istess mod, fuq il-post mill-ewwel waslu l-uffiċjali tal-OHSA u nħareġ stop order biex isir l-istħarriġ neċessarju. Hawnhekk ukoll jidher li dak li bħala dokumentazzjoni neċessarja, din ġiet sottomessa debitament mal-OHSA. Kif ġie rrapportat, nikkonferma li ma weġġa' ħadd f'dan l-inċident, però jidher li kien hemm ħaddiem fuq is-sit li ma kienx hemmhekk fil-ħin li seħħ l-akkadut. Dik hija l-informazzjoni limitata li wieħed jista' jipprovdi f'dawn il-ħinijiet, ftit wara li seħħ dan l-inċident.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Albert Buttigieg, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, biex inkompli mal-mistoqsija preċedenti, jista' l-Ministru jgħid jekk wasalx iż-żmien li l-BCA, minflok ma tieħu attitudni reattiva u tmur biss fuq is-sit meta jkun hemm xi rapport jew xi każ bħalma ġara llum, tibda tkun aktar proattiva bi żjarat fuq kull sit tal-kostruzzjoni minn żmien għal żmien biex żgur nevitaw traġedji fiżiċi u umani bħalma kellna f'pajjiżna? X'inhu l-ħsieb tal-Ministeru sabiex minflok l-intervent tal-BCA ikun reattiv, jibda jkun proattiv għal kull sit ta' kostruzzjoni fejn, potenzjalment, jista' jkun hemm fatalitajiet?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nassigura lill-Onor. Interpellant li l-approċċ huwa proattiv. Mill-banda l-oħra, jekk qed nistennew li l-BCA u kwalunkwe awtorità tkun eżattament fil-post fil-mument li jseħħ xi forma ta' inċident, naħseb li nkunu qegħdin nistennew iżżejjed. Nifhem li huwa tajjeb li nkunu proattivi u dak huwa l-għan tar-riformi li seħħew fl-aħħar żmien. Nassigura lil kulħadd li se nkomplu għaddejjin b'dan il-proċess ta' riformi, li mhux biss huma marbuta mal-leġiżlazzjoni jew regolamentazzjonijiet relattivi, imma anke qed isir investiment biex ikun hemm ir-riżorsa umana neċessarja biex kemm jista' jkun inkomplu ntejbu l-operat tal-BCA. Dan anke biex, ġustament, ikun hemm dan l-approċċ kemm jista' jkun preventiv.

Mill-banda l-oħra però, jekk qed nagħtu l-impressjoni li l-BCA ma tkunx qiegħda tivverifika x-xogħlijiet minn żmien għal żmien, naħseb li tkun impressjoni totalment żbaljata.

Jekk wieħed jgħidli: Fadal xi jsir? Ngħid, iva, fadal ħafna xi jsir. Però li b'xi mod ieħor nallaċċaw inċident bħal dan ma' li l-BCA setgħet kienet hemm, naħseb li nkunu qegħdin nissimplifikaw is-settur iżżejjed.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Katya De Giovanni, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. KATYA DE GIOVANNI:** Sur President, aspett li jinteressani hu kif iż-żgħażagħ u l-adulti jkunu jistgħu jtejbu l-karriera prospettiva tagħhom. Bħalissa qed issir l-Expo fil-Junior College, fejn wieħed jagħmel is-sentejn preparatorji għall-Università. Jista' l-Ministru jispjega lill-Kamra jekk il-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għandux preżenza f'din il-career Expo? Jekk, iva, kif beħsiebu jagħmel użu minn din il-possibbiltà?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, naf kemm l-Onor. Interpellant għandha għal qalbha l-aspett formattiv taż-żgħażagħ tagħna. Din id-darba, bħala Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati (CSA) ħassejna li għandna nkunu preżenti f'din l-Expo li qed issir fil-Junior College. Ilbieraħ kelli l-okkażjoni li nżur l-Expo u l-istand li ttellgħet min-naħa tal-Aġenzija. L-iskop huwa wieħed, dak li naraw li jkun hemm l-informazzjoni neċessarja minn dawk li jkunu qegħdin jibnu l-ħsibijiet tagħhom dwar x'karriera għandhom jieħdu fil-futur.

Naħseb li dan huwa ż-żmien opportun għal dawn iż-żgħażagħ li jkunu qegħdin jippreparaw biex jidħlu l-Università għall-korsijiet varji li jiġu offruti, fejn nagħtuhom informazzjoni dwar id-diversi rwoli li hemm fi ħdan is-settur tal-ġustizzja. Hawn qed nitkellmu dwar is-CSA, li wieħed ċertament jista' jħares lejha biex jagħmel karriera. Mil-laqgħat li jkun hemm one-to-one, wieħed jirrealizza kemm huwa importanti li wieħed ifiehem ukoll il-kuntest tax-xogħol li jsir fil-qrati tagħna u li dan jista' jkun ta' tarġa għal karrieri oħrajn fi ħdan is-settur tal-ġustizzja. Kif dejjem ngħidu, hemm bżonn ta' aktar riżorsi umani adegwati fis-settur tal-ġustizzja. Dik hija l-isfida tagħna, ċjoè li nassiguraw li nkomplu ninvestu.

Nassigura lil kulħadd li investiment qed ikompli jsir. Jien dejjem insemmi bħala eżempju l-fatt li llum għandna 'l fuq minn 500 ħaddiem fil-qorti. Minnhom hemm madwar 75 li huma professjonisti legali, jiġifieri avukati. Għaldaqstant, hemm rwoli bħal dawk marbuta mad-Deputat Reġistratur li jirrikjedu ċertu livell ta' ħiliet akkademiċi, li ċertament jistgħu jkunu ta' attrazzjoni għal dawn iż-żgħażagħ tagħna. Imbagħad hemm dawk ir-rwoli li jistgħu jitħajru għalihom, jekk għandhom l-aspirazzjoni li jidħlu għal professjoni legali.

Nemmen li dan huwa proċess importantissimu. Għalhekk, irridu nsostnu l-ħidma tagħna, anke min-naħa tal-Aġenzija, li naf li qiegħda tagħmel sforzi kbar f'dan ir-rigward, biex inkomplu nattiraw aktar nies lejn is-settur. Huwa importanti li nkomplu nimmodernizzaw il-liġijiet ta' pajjiżna u nħarsu lejn il-proċedura sabiex nassiguraw li l-ġustizzja timxi b'mod aktar effiċjenti. Però huwa importanti wkoll li nżommu dan il-momentum marbut mar-riżorsa umana. Illum nistgħu ngħidu li hemm karrieri varji fis-settur tal-ġustizzja. Minn żminijiet fejn kienu biss ftit l-avukati li joffru servizz fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, pereżempju, illum għandna numru sostanzjali li mhux biss jaħdmu fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali imma anke fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat.

Illum għandna aktar minn 100 professjonist legali fiż-żewġ uffiċini. Dan b'differenza għal dak li konna mdorrijin naraw fil-passat, fejn tant kienu ftit l-avukati, li konna nkunu nafuhom personalment. Illum għandek sezzjonijiet speċjalizzati f'dak li għandu x'jaqsam anke ma' ħidma li jwettqu, inkluż fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. Għaldaqstant irridu nkomplu nippromwovu dawn il-karrieri għaliex bla dubju, huwa importanti li naraw dejjem aktar nies li jiggradwaw mill-Università, inkluż fil-kors tal-liġi, imma rridu naraw ukoll li nkomplu nattiraw aktar avukati li joffru servizz direttament lill-Aġenzija, kif ukoll biex jidħlu fil-litigazzjoni. Dan sabiex ikollna aktar avukati li jistgħu jiġu ingaġġati miċ-ċittadini tagħna meta jiġu bżonn, għal xi raġuni jew oħra, assistenza u rappreżentanza legali fil-qorti.

Hawn qed nitkellmu dwar il-Junior College, imma fi żmien li ġej l-Università se tagħmel l-Expo tagħha għall-istudenti wkoll, u rridu nkunu dejjem aktar preżenti, biex kemm jista' jkun naraw li kulħadd ikollu l-informazzjoni neċessarja biex jieħu l-aħjar deċiżjonijiet marbuta mal-karriera li jkun irid jaqbad.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Amanda Spiteri Grech, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, dan l-aħħar fil-gazzetti ġie rrapportat każ ta' allegat abbuż fuq tfal fil-gżira t'Għawdex. Naf li l-Ministeru tkellem dwar preskrizzjoni kriminali, però jista' l-Ministru jagħti aktar informazzjoni dwar il-preskrizzjoni ċivili?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, f'diskussjoni li kellna f'din il-Kamra dwar Abbozz ta' Liġi partikolari, missejna ftit dan is-suġġett. Naf li kien hemm anke diskussjoni li żvolġiet pubblikament, u li jien segwejt, wara li għal darb'oħra kien hemm dawl fuq din is-sitwazzjoni marbuta ma' dan il-każ. Mhux se nirreferi għall-każ inkwistjoni, però rrid ngħid li ħafna drabi tqum diskussjoni dwar il-preskrizzjoni fil-kamp kriminali.

Jidhirli tliet snin ilu l-Parlament Malti ħass li kellu jintervjeni b'tali mod li għal ċerti reati jżid il-preskrizzjoni fuqhom. Fil-fatt, anke vverifikajt kif pajjiżna għandu preskrizzjoni li tmur ferm lil hinn mill-minimu rikjest anke f'konvenzjonijiet li aħna firmatarji tagħhom. Mill-banda l-oħra, il-preskrizzjoni mhijiex fil-kamp kriminali biss imma hemm il-preskrizzjoni ċivili. Naħseb li trid issir diskussjoni fuq il-kwestjoni tal-preskrizzjoni ċivili, li ċertament qiegħda hemmhekk, u min iħoss li jrid jagħmel riżarċiment tad-danni jew għandu jagħti lil xi ħadd, dejjem jista' jagħżel li ma jużax il-preskrizzjoni.

Il-preskrizzjoni fiċ-ċivil ħafna drabi titqajjem minn min ikun konxju li għandu jagħmel riżarċiment ta' xi danni, jew inkella għandu xi kreditu xi jħallas. Nemmen li f'ċirkostanza bħal din, ta' min jirrifletti fuq min għandu ħafna xi jwieġeb, mhux direttament b'rabta mar-responsabbiltà jew le għal dak li ġara, però li kellu r-responsabbiltà ta' sitwazzjoni fejn persuni preżumibbilment għandhom xi danni x'jieħdu.

Naħseb li tkun ħasra jekk b'xi mod jew ieħor, f'ċirkostanzi bħal dawn fiċ-ċivil, titqajjem il-kwestjoni tal-preskrizzjoni. Naħseb li dawn il-persuni li ġarrbu tant f'ħajjithom, l-inqas ħaġa li jistgħu jiġu rinfaċċati biha hija l-kwestjoni marbuta sempliċement ma' argumenti legali ta' preskrizzjoni.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Amanda Spiteri Grech, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, illum ġie ppubblikat l-avviż tal-warrant tal-avukati u tal-prokuraturi legali. Jista' l-Ministru jagħti aktar informazzjoni lill-Kamra dwar il-proċess li se jiġi applikat?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, kif għedt il-ġimgħa li għaddiet, kienet se titħabbar id-data marbuta mal-eżamijiet tal-warrant, fejn ikun hemm żewġ sezzjonijiet. Kif qalet l-Onor. Interpellant, dawn ġew ippubblikati llum fil-Gazzetta tal-Gvern. Però lil hinn minn dan, b'differenza minn dak li sar preċedentement, kien hemm diskussjonijiet mill-aktar pożittivi mal-Kumitat għall-Avukati u l-Prokuraturi legali li huma responsabbli mill-proċess marbut mal-fit and proper test, li huwa rikjest minn dawk li juru interess u japplikaw biex jiksbu l-warrant biex jipprattikaw ta' avukati f'pajjiżna.

Din id-darba, apparti l-fatt li wieħed se jkun qed japplika biex joqgħod għal dan l-eżami tal-warrant, jista' wkoll minnufih jiskatta l-proċess online marbut mal-kwestjonarju biex jibda minnufih il-proċess tal-fit and proper. Apparti li ġiet sorvolata s-sitwazzjoni marbuta preċedentement mal-kwestjoni ta' linji gwida relattivi għall-kwestjonarju, se jkun hemm proċess aktar effiċjenti marbut mal-fit and proper li jiskatta mal-mument li wieħed juri l-interess tiegħu.

Dan il-punt kont tkellimt fuqu meta ppreżentajt il-warrants lill-aħħar grupp ta' avukati li rċevew il-warrant. Kont għedt li ma jagħmilx sens li jkollna sitwazzjoni fejn l-ewwel wieħed ipoġġi għall-eżami u għall-orali relattiv, imbagħad jiskatta l-proċess tal-fit and proper. Hemmhekk diġà għamilna pass 'il quddiem. Nemmen li l-pass li jmiss huwa li dan l-ivverifikar isir qabel ma wieħed imur jistudja għat-test tal-kitba u għat-test orali tal-warrant.

Għaldaqstant issa qed naraw li nimxu b'dik id-direzzjoni u dan huwa pass pożittiv għall-aħħar. Qed ngħidu li kif wieħed jirreġistra l-interess tiegħu biex ipoġġi għall-eżami tal-warrant, jiskatta minnufih ukoll il-proċess marbut mal-fit and proper. Dan se jwassal biex wara li wieħed ikun iġġudikat mill-ġudikatura li huwa idoneju u

wara li jkun għamel l-eżami tal-kitba u l-eżami orali, m'hemmx bżonn ikun hemm dewmien fil-proċess biex wieħed jirċievi l-warrant, ġaladarba l-proċess tal-fit and proper ikun diġà skatta.

Irrid ngħid li kien hemm sitwazzjoni oħra li żviluppat fl-aħħar snin, li ma kenitx marbuta mal-kwestjonarju tal-fit and proper u l-linji gwida relattivi, imma kienet tirrigwarda l-fatt li l-Università ta' Malta biddlet iż-żmien meta jsiru l-gradwazzjonijiet. Tradizzjonalment konna naraw il-gradwazzjonijiet isiru bejn Novembru u Diċembru tas-sena preċedenti, filwaqt li issa qed isiru fil-bidu tas-sena suċċessiva. Kien hemm sitwazzjoni fejn kien hemm min interpreta l-fatt li ġaladarba m'għandekx iċ-ċertifikat tal-gradwazzjoni f'idejk, ma tistax tapplika għall-eżami tal-warrant. Dan huwa punt li ċċarajnieh ukoll, minħabba l-fatt li essenzjalment dawn il-persuni jkunu diġà lestew il-perkors edukattiv tagħhom u jkunu jafu li temmew l-istudji tagħhom b'suċċess.

Illum nafu li mhijiex kwestjoni ta' ċertifikat biss, imma għandek it-transcript bil-credits relattivi li jindikaw li inti temmejt b'suċċess il-kors tiegħek. Rajna li niżblukkaw din is-sitwazzjoni b'tali mod li l-Fakultà tkun tista' tinforma min huma dawk li temmew il-kors b'suċċess, ħalli mbagħad ikun jista' jiskatta l-proċess relattiv mal-kisba tal-warrant, kemm tal-avukati kif ukoll tal-prokuraturi legali.

Kif qed ngħid, apparti l-fatt li ġiet ippubblikata d-data, f'żewġ sezzjonijiet, sezzjoni fil-bidu ta' din is-sena u mbagħad sezzjoni oħra jidhirli f'Settembru, wieħed jista' japplika online għall-fit and proper. B'hekk, il-proċess huwa aktar effiċjenti.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, ninnota li minn żmien għall-ieħor isiru mistoqsijiet parlamentari bil-miktub lill-Ministru rigward il-Judicial Studies Committee, fejn normalment il-Ministru jispjega li dan ma jaqax taħt il-mansjoni tiegħu. Jista' jelabora aktar dwar dan il-punt?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, iva, ħafna drabi jsiruli mistoqsijiet marbuta mal-ħidma tal-Judicial Studies Committee, li għandu funzjoni importantissima. Dan jaqa' direttament taħt ir-responsabbiltà tal-Prim Imħallef u naħseb li ċerta informazzjoni ma jkunx korrett li tingħata mill-politiku. Mill-banda l-oħra, irrid ngħid li nifhem il-fatt li jsiru ċerti mistoqsijiet u m'iniex indifferenti għal dan. Anzi, għamilt suġġeriment lill-Prim Imħallef biex jibda jsir rapport annwali minn dan il-Kumitat, li jindirizza informazzjoni li ħafna drabi tintalab bis-sistema tal-mistoqsijiet parlamentari. Dan ir-rapport annwali ta' dan il-Kumitat inkun nista' npoġġih fuq il-Mejda tal-Kamra u jkun jista' jservi biex b'xi mod jew ieħor jirrispondi għal ċerti talbiet għal informazzjoni li jsiru minn żmien għal żmien.

Irrid, b'mod ġenerali, mingħajr ma nidħol fil-kwestjoni tal-ħidma ta' dan il-Kumitat, nagħraf kemm għandu funzjoni importantissima f'dak li għandu x'jaqsam ma' taħriġ li minn żmien għal żmien ikun neċessarju anke għall-membri tal-Ġudikatura. Qed ngħid dan għax ġieli nkun mitlub nirrapporta fuq livell Ewropew fuq it-taħriġ li jkun qed isir.

Nirrikonoxxi l-fatt li fl-aħħar snin sar progress notevoli, anke f'dak li għandu x'jaqsam ma' frekwenza ta' taħriġ u seminars li jiġu organizzati, b'tali mod li l-membri tal-ġudikatura jkunu aġġornati b'ċerti żviluppi legali, kif ukoll bi prattiċi u xi jsir f'pajjiżi oħrajn. Naf li kien hemm ċerti oqsma fejn kien hemm preżentazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn ta' kif jittrattaw ċertu tip ta' reati u sitwazzjonijiet fis-sistema ġudizzjarja tagħhom. Għaldaqstant irrid infaħħar il-ħidma ta' dan il-Kumitat filwaqt li nassigura lil kulħadd li fiż-żmien li ġej, se nkun f'pożizzjoni li nippreżenta rapport annwali mħejji minn dan il-Kumitat li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tas-Sinjorija Tiegħu l-Prim Imħallef.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Amanda Spiteri Grech, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. AMANDA SPITERI GRECH:** Sur President, il-ġimgħa li għaddiet tkellimna dwar traspożizzjoni fil-liġi tagħna wara li l-Unjoni Ewropea ġibdet l-attenzjoni ta' pajjiżna biex nemendaw ħalli dak li tixtieq l-Unjoni Ewropea jkun tassew rifless fil-leġiżlazzjoni tagħna. Jista' l-Ministru jispjega x'inhuwa l-proċess rigward direttivi u traspożizzjonijiet simili? Pajjiżna jieħu inizjattiva minnufih jew inkella jistenna li jkun hemm l-implimentazzjoni fi ħdan il-membri

kollha tal-Unjoni Ewropea? Malta tieħu azzjoni qabel jew inkella wieħed jistenna li nkunu sinkronizzati mal-membri stati l-oħra?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, l-Onor. Interpellant qed tirreferi għal Abbozz ta' Liġi li kellna għad-diskussjoni u li ġie approvat minn din il-Kamra l-ġimgħa li għaddiet. Din kienet pjuttost kwistjoni ta' interpretazzjoni. Xi kultant ikollok sitwazzjonijiet fejn l-intenzjoni tkun totalment tajba fl-interpretazzjoni lokali li aħna nagħtu lil ċerti liġijiet, li jista' jagħti l-każ li jkunu diġà fis-seħħ qabel ma tkun ġiet ippubblikata direttiva. Ejja ma ninsewx li jkollna sitwazzjonijiet fejn toħroġ direttiva, però parti jew siltiet minnha jkunu diġà b'xi mod jew ieħor riflessi fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Imbagħad ikollok sitwazzjoni fejn tinġibidlek l-attenzjoni li l-ispirtu jew l-iskop tad-direttiva mhux jintlaħaq perfettament. Min-naħa tagħna, ċertament bla ebda sens ta' suppervja, naraw xi jkun il-każ u nintervjenu kif xieraq.

Dwar il-liġi li semmiet l-Onor. Interpellant kien hemm osservazzjoni ġusta ħafna fuq livell Ewropew minħabba l-fatt li filwaqt li f'pajjiżna kellna ħafna liġijiet li fejn jidħlu minuri s-sitwazzjoni kienet marbuta ma' minuri ta' taħt is-16-il sena, id-Direttiva kienet tirreferi għal minuri ta' taħt it-18-il sena. Għalhekk, ridna nassiguraw li nikkonformaw leġiżlattivament biex dawk il-persuni taħt it-18-il sena jkunu jistgħu jibbenefikaw minn dik il-protezzjoni addizzjonali li qiegħda tipprovdi d-Direttiva inkwistjoni.

Dan hu dak li approvajna l-ġimgħa li għaddiet. Però, kif qed ngħid, ikollok sitwazzjonijiet fejn tilleġiżla għaliex ikun hemm ukoll element ta' kompromess li jrid jintlaħaq, minkejja l-fatt li skont il-pariri li jingħatawlek tkun ben konsapevoli li l-għan tad-direttiva jkun qed jintlaħaq bil-liġi li jkollok fis-seħħ f'dak il-mument fil-pajjiż. Madanakollu wieħed jara wkoll li ma jkollniex sitwazzjonijiet fejn ikun hemm ċerta skumdità bil-mod ta' kif tkun trasposta direttiva jew oħra.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, fl-aħħar ġimgħat ġie mniedi dokument għal konsultazzjoni pubblika rigward riforma għal ġustizzja aktar effettiva mal-vittmi tad-droga. Nifhem li dan id-dokument ġab ħafna reazzjonijiet differenti. Nifhem ukoll li kull min qara d-dokument bl-aħjar intenzjonijiet, fehem eżatt x'kien l-skop tar-riforma. Qed ninnota wkoll li l-Ministru qed jiltaqa' ma' ħafna stakeholders differenti. Għaldaqstant jista' l-Ministru, issa li għadda numru ta' żmien minn meta ġiet ippubblikata l-White Paper, jgħid x'inhuwa r-rispons attwali fuq din ir-riforma?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, dak huwa l-iskop tal-konsultazzjoni pubblika. Dejjem għaraft li l-konsultazzjoni pubblika għandha l-iskop li mhux sempliċement tippubblika dokument għall-konsum pubbliku imma wkoll li tiltaqa' direttament mal-istakeholders. Dan il-proċess għamilnieh direttament ma' organizzazzjonijiet li jaħdmu fis-settur, imma wkoll rajna li jkollna ċertu approċċ kollettiv. Kellna wkoll business breakfast fejn kienu preżenti l-istakeholders u l-istituzzjonijiet kollha marbuta mas-settur, fejn kulħadd liberament seta' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Rajna wkoll li niġbru r-rispons tal-pubbliku inġenerali, anke f'diskussjoni pubblika, ħalli jekk hemm ċerta informazzjoni li trid tiġi ċċarata, dan isir.

Kien hemm informazzjoni li riedet tiġi ċċarata u miżinformazzjoni li riedet tiġi ribattuta. Kien hemm min diġà ssottometta r-rispons tiegħu b'mod formali. Ovvjament, il-proċess għadu għaddej u wasalna lejn l-aħħar tiegħu. Huwa mistenni li lejn l-aħħar tal-konsultazzjoni jidħlu proposti u pożizzjonijiet formali li ċertament se jservu ta' pedament biex nikkonsolidaw dan il-proċess, li mbagħad iwassalna għall-proċess leġiżlattiv f'dan il-Parlament. Dan huwa proċess importantissimu għaliex kif rajna f'ċerti abbozzi ta' liġi, il-proċess parlamentari jkompli jsaħħaħ l-għan aħħari li tkun trid tilħaq.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet issa għadda. Ngħaddu għat-Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lill-Ministru Owen Bonnici.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Sur President, inqiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

> Tagħrif dwar Kunsilli Lokali li kellhom Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill fil-perjodu bejn l-2020 u l-2024, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 15814; u
>
> Pjanta li turi burial pit fiż-żona Ta' Lablab fix-Xagħra, Għawdex, li ġie investigat mis-Sovritendenza tal-Patrimonju Kulturali f'Ġunju 2023, bi tweġiba għall mistoqsija parlamentari numru 15903;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir inqiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

> Dokument bl-isem *Preliminary Market Consultation – PMC for Proposals Relating to Floating Solar Technology Projects, Including Photovoltaic Farms, within the sea area extending up to Malta's Territorial Waters* maħruġ mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il Kbir fil-31 ta' Jannar 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15918; u

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni nqiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

> Avviż Legali Nru 22 tal-2024 – Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Theology – B.A. (Hons) Theology – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija;
>
> Avviż Legali Nru 23 tal-2024 – Ordinamenti tal-2024 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) in Pharmaceutical Technology – B.Sc. (Hons) Pharm. Tech. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;
>
> Avviż Legali Nru 24 tal-2024 – Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Grad ta' Master of Arts in Adult Education – M.A. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;
>
> Avviż Legali Nru 25 tal-2024 – Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija;
>
> Avviż Legali Nru 26 tal-2024 – Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2021 għall-Grad ta' Master of Science in Work and Organisational Behaviour – M.Sc. – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol;
>
> Avviż Legali Nru 27 tal-2024 – Ordinamenti tal-2024 skontir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali; u
>
> Avviż Legali Nru 28 tal-2024 – Ordinamenti tal-2024 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – taħt il-patroċinju tal-Iskola tal-Arti Performattiva.

## PUNTI MQAJMA MINN ONOR. MEMBRI TAL-KAMRA

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Julie Zahra.

**ONOR. JULIE ZAHRA:** Sur President, nixtieq nitlob id-direzzjoni tas-Sedja dwar mistoqsijiet parlamentari li għamilthom kemm-il darba u għadni mingħajr informazzjoni. Biss biss, tnejn minnhom għamilthom 15-il darba u dejjem jiġu lura bit-tweġiba tkun li l-informazzjoni għadha qed tinġabar. Qed nirreferi għall-mistoqsija 15885 li hija dwar kemm persuni attendew l-iscreenings tal-Mediterrane Film Festival; il-mistoqsija 15883 dwar l-ispiża totali tal-Mediterrane Film Festival; u l-mistoqsija 15884 dwar il-Golden Bee Awards, li għamiltha 13-il darba u l-Ministru għadu qed jiġbor l-informazzjoni. L-istess il-mistoqsija 15882 dwar l-allowances ta' safar tal-Kummissarju tal-Films, fejn għadni bla risposta wkoll.

Naħseb li wasal iż-żmien li jkun hemm żmien stipulat li fih għandhom jiġu mwieġba l-mistoqsijiet parlamentari. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Is-Sedja qed tieħu nota tal-punt imqajjem. Is-Sedja tat diversi rulings f'dan ir-rigward, bl-aħħar wieħed ingħata proprju fis-seduta 174 tal-20 ta' Novembru 2023, fejn is-Sedja rrimarkat illi skont l-Ordnijiet Permanenti hija m'għandhiex il-mansjoni li tidħol fir-risposti li jingħataw mill-Ministri. Madankollu s-Sedja ttenni r-rakkomandazzjoni li l-Membri Parlamentari jingħataw l-informazzjoni preċiża kemm jista' jkun fi żmien raġonevoli.

## KUMITATI PERMANENTI

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Carmelo Abela.

**ONOR. CARMELO ABELA (President tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt):** Sur President, nirrapporta li l-Abbozz Nru 79 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali – għadda mill-istadju ta' Kumitat b'emendi.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Deo Debattista,

**ONOR. DEO DEBATTISTA (President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp):** Sur President, nirrapporta li fil-laqgħa tal-Erbgħa, 31 ta' Jannar 2024, il-Kumitat iddiskuta l-*Partial Local Plan Review of the Gozo and Comino Local Plan (2006) Ħondoq ir-Rummien, Qala (Public consultation Draft) January 2024* maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar. Ninforma lill-Kamra li s-suġġerimenti li kienu saru waqt l-istess laqgħa se jintbagħtu lill-Awtorità tal-Ippjanar qabel l-4 ta' Marzu 2024, u ċjoè qabel jagħlaq il-perjodu ta' konsultazzjoni.

Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> *Partial Local Plan Review of the Gozo and Comino Local Plan (2006) Ħondoq ir-Rummien, Qala (Public consultation Draft) January 2024* maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar f'Jannar 2024; u
>
> Traskrizzjoni mhux editjata u mhux riveduta tal-Laqgħa Nru 5 tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li saret fil-31 ta' Jannar 2024, fejn ġie diskuss il-*Partial Local Plan Review of the Gozo and Comino Local Plan (2006) Ħondoq ir-Rummien, Qala (Public consultation Draft January 2024* maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar f'Jannar 2024.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Stqarrijiet Ministerjali? Il-Prim Ministru.

## STQARRIJIET MINISTERJALI

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Sur President, nhar il-Ħamis, 1 ta' Frar 2024, kellna laqgħa speċjali tal-Kunsill Ewropew li kienet immirata biex tkompli tibni fuq dak li ma konniex ikkonkludejna fil-Kunsill ta' Diċembru 2023. Kienet ukoll laqgħa speċjali minħabba l-kuntest li saret fih.

X'kien dan il-kuntest, Sur President? Proprju li f'dan il-jum tal-Kunsill it-toroq ta' Brussell kienu ddominati mill-protesti tal-bdiewa kontra regoli Ewropej imfassla, jiddispjaċini ngħid, minn istituzzjonijiet li qed ikunu akkużati, jien ngħid li xi kultant jew diversi drabi bir-raġun, li qed jinqatgħu mir-realtajiet taċ-ċittadini u miċ-ċittadini nfushom. Protesti bl-istess għan saru mhux biss fi Brussell, imma wkoll fi bliet Ewropej oħrajn.

Bħala Kunsill Ewropew meta ġejna għal dan is-suġġett addottajna konklużjonijiet qosra li fihom irrikonoxxejna dak li beda jdejjaq lill-bdiewa u tlabna lill-Kummissjoni biex tieħu l-passi meħtieġa. Minn hemm imbagħad dlonk telqu l-politiċi Ewropej fuq il-midja soċjali li immedjatament qalu li semgħu dak li kienu qed jgħidu l-bdiewa.

Jien nieħu pjaċir li kien hemm dawn it-tip ta' stqarrijiet. Jien wieħed minn dawk li ninsisti li l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jisimgħu, u jisimgħu b'serjetà, dak li jkun qiegħed joħloq dwejjaq lis-soċjetajiet tagħna. Ċertament li anke bħala wieħed mill-mexxejja tal-istati membri tal-Unjoni Ewropea, mhux se noqgħod lura milli nitkellem dwar dawk ir-regolamenti u direttivi Ewropej li qed idejqu lis-soċjetajiet tagħna.

Insemmi, pereżempju, każi li huma relevanti ferm għalina, bħas-settur marittimu, partikolarment ir-regolamenti tal-ETS u nsemmi wkoll is-settur daqstant importanti tat-trasport. Naturalment dawn, fil-każ tagħna, huma intimament marbutin ma' xulxin. Qed naraw istituzzjonijiet Ewropej li issa mhux darba, tgħid forsi bi żvista, imma ħafna drabi qegħdin jinteressahom biss minn dak li jidher sabiħ fuq il-karta, iżda li meta tanalizzah issib li fil-prattika qajla jkun jagħmel sens. Jista' jkun li forsi jkollu għan tajjeb, imma meta mbagħad tara kif jaħdem fil-prattika, ikun aktar jagħmel ħsara milli ġid. Tant hu hekk, u din ngħidha b'responsabbiltà, li ħafna drabi qed nispiċċaw b'riżultati ta' leġiżlazzjonijiet li huma perversi u li mbagħad bħala stati membri jkollna nagħmlu każ dwarhom biex nikkontestawhom quddiem il-Qrati Ewropej. Kellna każ partikolari fejn l-indikazzjonijiet huma li fuq dak li kkontestajna, qed nirreferi għas-settur tat-trasport, x'aktarx li ningħataw raġun.

Insemmi mbagħad suġġett ieħor li ddiskutejna fil-Kunsill Ewropew mingħajr ma sfortunatament wasalna għal konklużjoni bil-miktub. Qed ngħid għas-sitwazzjoni f'Gaża u l-karba ta' dawk li qed isofru hemmhekk. Hawnhekk ukoll nibqa' nemmen, u nerġa' għal dak li tlaqt bih fil-bidu, li bħala Unjoni Ewropea u nies f'pożizzjonijiet għolja fi ħdanha, partikolarment dawk li qegħdin imexxu l-istituzzjonijiet Ewropej, ħadu pożizzjonijiet insensittivi immens. Għalhekk, Sur President, jien dejjem inwassal il-messaġġ li l-istituzzjonijiet għandhom joħorġu kemm jista' jkun mill-kumdità tal-uffiċċji li jaħdmu minnhom, u jisimgħu l-karba tan-nies, iħossu u jifhmu r-realtajiet tan-nies u jkunu sensittivi għar-realtajiet tan-nies. Għaliex jekk tinjora s-sensittivitajiet u r-realtajiet tan-nies, ma jista' jkollok qatt regolamenti u direttivi li jagħmlu sens.

Nerġa' mmur lura speċifikament għas-settur tal-biedja. Kelli l-privileġġ li nitkellem mar-raħħala u mal-bdiewa b'mod dirett. Nemmen li huwa importanti li nisma' b'mod dirett dak li qiegħed idejjaqhom. Veru li l-maġġoranza tad-dwejjaq li esprimew u l-maġġoranza assoluta ta' dak li qiegħed jinkwetahom huwa marbut ma' regolamenti li huma mfassla mill-Kummissjoni Ewropea. Jien nemmen fi prinċipju wieħed, dak li dan is-settur għandu bżonn is-sostenn tagħna b'għajnuna li tkompli twittilu t-triq biex ikompli jikber. Konvint li dan is-settur huwa ta' importanza kruċjali għal pajjiżna kif ukoll għall-ekonomija tiegħu. Din l-għajnuna konsistenti hija l-mod kif ħdimna fir-rigward ta' dan is-settur bħala Gvern matul dawn l-aħħar snin. Konna ta' spalla biex lis-settur tajnieh għajnuniet li qatt ma kien ra bħalhom qabel.

Ippermettili, Sur President, insemmi ftit eżempji konkreti. Bejn l-2019 u l-2023 investejna €79 miljun f'għajnuniet diretti lis-settur biex ngħinu lill-bdiewa u lir-raħħala jinvestu f'makkinarju, inġenji u binjiet li huma neċessarji għall-operat tagħhom. Innegozjajna wkoll b'suċċess biex parti sostanzjali mill-allokazzjoni rekord ta' fondi li nnegozjajna għal pajjiżna lura

fl-2020, u li tiżboq sewwa ż-€2 biljun, tkun tinkludi ’l fuq minn €190 miljun immirati biex ngħinu lis-settur tal-agrikultura għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027. B’din l-għajnuna, is-sapport għad-dħul tal-bdiewa tela’ minn €30 għal kull tomna għal €84 għal kull bidwi, b’nefqa totali ta’ €15 miljun. Se ngħinu lill-bdiewa żgħażagħ b’inċentiv ta’ €60 għal kull tomna raba’ li jaħdmu għall-produzzjoni ta’ prodotti organiċi. (Onor. Membri: Hear, hear)

Apparti minn hekk, innegozjajna wkoll b’suċċess skema ta’ Coupled Income Support (CIS) għar-raħħala u għas-settur tat-tadam, b’nefqa ta’ €3 miljun minn fondi Ewropej, li se tkun kruċjali speċjalment għal Għawdex. Dan biex ma nsemmux ukoll li fl-2023 saru investimenti ta’ €21 miljun biex bdiewa investew fi proġetti f’żoni rurali. Hawnhekk in-nefqa fl-2024 se titla’ għal €25 miljun. Hemm eżempji oħrajn ta’ għajnuniet li tajna, fosthom bħala parti mill-pjan ta’ rkupru mill-pandemija. Hemmhekk tajna għotjiet diretti li jammontaw għal €3.5 miljuni lill-bdiewa u €8 miljuni lir-raħħala tal-bhejjem. Dawn jingħaqdu ma’ skemi oħrajn, bħal tal-fertilizzant u dawk li bihom indirizzajna l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna. Imbagħad ma’ dawn wieħed irid iżid ir-riformi jew proġetti strutturali li għandhom jagħmlu differenza kbira.

Kellna l-kuraġġ nagħmlu r-riforma tal-qbiela, ir-riforma fil-Kap. 199, li kulħadd qal li impossibbli li ssir, jiġifieri r-riforma tal-kirjiet agrikoli u l-liġijiet relatati, kif ukoll il-fidi ta’ ċnus agrikoli. (Onor. Membri: Hear, hear) Riformi li meta nhar il-Ġimgħa kont qalb il-bdiewa, ġew imfaħħra minnhom stess, għaliex taw ħaġa waħda; taw serħan il-moħħ lis-settur, serħan il-moħħ u l-istabbiltà li ma kienx hemm.

Insemmi wkoll l-estensjoni fin-network tan-new water, li huwa work in progress, għax huwa proġett li diġà wettaqna parti sostanzjali minnu, imma għad hemm fażijiet li jridu jiġu implimentati. Dan huwa investiment multimiljunarju li jikkumplimenta l-impenn tal-Gvern biex titnaqqas il-pressjoni mill-użu tal-groundwater. Dawn huma inizjattivi fejn il-Ministeri relevanti għandhom direzzjoni ċara; li huma ta’ prijorità fit-twettiq tal-ħidma tagħna.

Sur President, jien ma waqaftx ma’ status fuq Facebook. Mort niltaqa’ direttament mal-bdiewa u għall-kuntrarju ta’ dak li qalet l-Oppożizzjoni, il-bdiewa tkellmu miegħi dwar kif ma pprotestawx kontra l-Gvern, imma speċifikaw li d-dwejjaq tagħhom huma mmirati lejn regoli Ewropej li qajla jagħmlu sens. Jien tajt il-kelma li l-Gvern huwa magħhom u se jibqa’ jkun ta’ spalla għalihom kull meta jkollhom bżonn. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, ippermettili, qabel nagħlaq fuq dan is-suġġett insellem u nirringrazzja lill-Ministru Anton Refalo tal-ħidma tiegħu. Nirringrazzja wkoll lit-tim tiegħu. Nirringrazzja wkoll lis-Segretarju Permanenti responsabbli minn dan is-settur, is-Sur Sharlo Camilleri. (Onor. Membri: Hear, hear).

Sur President, tema oħra li ddiskutejna f’dan il-Kunsill kienet it-tkabbir. Fil-fatt, din it-tema ġiet diskussa fl-aħħar żewġ laqgħat tal-Kunsill, jiġifieri dak tal-ġimgħa li għaddiet kif ukoll dak ta’ Diċembru. F’din id-diskussjoni tista’ tgħid li hemm skejjel ta’ ħsieb li ma jaqblux ma’ xulxin. Hemm perspettivi differenti. Però huwa żgur li kwalunkwe tkabbir se jħalli impatt f’diversi oqsma politiċi, finanzjarji u oħrajn. Veru, u ma nistgħux niċħdu, li politikament jista’ jkun jagħmel sens li l-Unjoni tikber minħabba li b’hekk tkun qiegħda tikber is-saħħa tagħha. Però daqstant ieħor huwa veru li dan se jkun qed jimpatta d-diskussjonijiet finanzjarji, l-allokazzjonijiet ta’ fondi, it-tfassil tar-regoli u diversi aspetti oħrajn.

Il-pożizzjoni tagħna hija ċarissima, u ppermettili nerġa’ nirrepetiha, Sur President. Aħna rridu l-assigurazzjoni li se jsiru r-riformi interni meħtieġa fil-metodu li bih illum tfassal ir-regoli tagħha l-Unjoni Ewropea qabel nikkonsidraw aktar tkabbir. Irridu li l-Unjoni Ewropea tkun lesta hi, biex b’hekk tkun tista’ tilqa’ membri oħra fil-futur. Ma jistax jibqa’ jkollna, kif semmejt aktar qabel u nerġa’ nenfasizza, regoli li jagħmlu sens biss fuq il-karta bla ma jiġu kkonsidrati r-realtajiet tan-nies u l-impatti negattivi li qed iħallu dawn ir-regolamenti fuq il-ħajja tan-nies, kif ukoll fuq l-ekonomiji tagħna. (Onor. Membri: Hear, hear). Apparti minn hekk, irridu naraw li dawk is-salvagwardji li għandna llum f’oqsma bħalma hija n-newtralità, jibqgħu jiġu mħarsa.

Dwar il-pajjiżi fil-viċinat li jixtiequ jew qed jaspiraw li jsiru membri, nemmen li għandna niġġudikawhom fuq il-merti tagħhom, merti li jkunu bbażati fuq il-kwalità tar-riformi li jimplimentaw li bihom jitqarrbu aktar lejn l-Unjoni. Dik hi s-serjetà, li niġġudikaw fuq il-

merti u mhux abbażi ta' eżiġenzi politiċi, kif sfortunatament għamel ħaddieħor.

Ma naqsitx lanqas is-solitu diskussjoni dwar il-gwerra fl-Ukrajna. Il-Kunsill ħa nota tal-iżviluppi, però d-diskussjoni hawnhekk kienet aktar iddominata mill-baġit u l-għajnuniet. Sur President, dwar dan is-suġġett il-pożizzjoni tagħna baqgħet konsistenti, dik li nappoġġjaw kull sforz għall-paċi, kif nagħmlu dejjem u kullimkien. (Onor. Membri: Hear, hear) Għalhekk, kont diżappuntat immens bil-mod kif żviluppat id-diskussjoni dwar il-Lvant Nofsani. Għax għall-kuntrarju tad-diskussjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Ukrajna, fejn għall-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja addottajna konklużjonijiet kważi f'kull laqgħa tal-Kunsill, konklużjonijiet li kienu ċari u huwa tajjeb li sar hekk, dwar il-Lvant Nofsani sfortunatament il-Kunsill ilu ma jippronunzja ruħu minn Ottubru 2023.

Forsi tgħidli: Konklużjonijiet bil-miktub x'differenza kienu jagħmlu? Kienu jagħmlu, u kif! Il-fatt li l-Unjoni Ewropea hija tant assidwa, u tajjeb li huwa hekk, dwar il-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja imma mbagħad kompletament siekta fuq dak li qed jiġri fil-Lvant Nofsani, għalija hija xi ħaġa li tistona ferm. Ma nistgħux nibagħtu messaġġ, u jiddispjaċini ngħid li dan huwa l-messaġġ li joħroġ, li ħajja fil-Lvant Nofsani tiswa inqas minn ħajja fi gwerra oħra, jew li qisu l-paċi fil-Lvant Nofsani hija xi ħaġa li qtajna qalbna minnha kompletament. Għax dak hu li tgħidli l-konklużjoni ewlenija li toħroġ min-nuqqas ta' konklużjoni tal-Kunsill tal-ġimgħa li għaddiet, li qisu s-sitwazzjoni umanitarja fil-medda ta' Gaża ma tinteressax lill-Unjoni Ewropea, jew tinteressaha ħafna u ħafna inqas minn kemm jinteressawha tensjonijiet jew gwerer oħrajn.

Kont ċar dwar dan il-punt, u se nibqa' nkun issa anke fil-kuntest tad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (ICC). Nemmen għalhekk li rridu nibqgħu konsistenti mal-messaġġ li bgħatna. Pajjiżna kien wieħed mill-ftit fil-bidu, illum nieħu pjaċir li dik l-għajta ta' 'ceasefire' qiegħda taqbad aktar ritmu, li qal li rridu nkomplu ninsistu għal waqfien permanenti mill-ġlied, u li dak il-waqfien permanenti mill-ġlied isir b'mod immedjat. Iva, hemm għodod li l-Unjoni Ewropea tista' tuża, kif għamilna ma' aggressuri oħra fi bnadi differenti tad-dinja. Hija purament kwestjoni ta' jekk għandniex ir-rieda li nieħdu pożizzjonijiet konsistenti kif ħadna fuq gwerer oħrajn, jekk l-Unjoni Ewropea għandhiex l-aptit li tuża l-għodod li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, definittivament mhux kwestjoni jekk l-Unjoni Ewropea għandhiex għad-dispożizzjoni tagħha dawn l-għodod.

Ir-rieda trid tiġi mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha. Kollha kemm huma. Jeħtieġ li jsir aktar quddiem is-sitwazzjoni umanitarja ta' tkexkix li qiegħda tiżvolġi fil-Lvant Nofsani. Aħna, bħala pajjiż, se nibqgħu nwasslu dan il-messaġġ. Fl-aħħar jiem offrejna wkoll għajnuniet mediċi. Bħala Kabinett ukoll ħadna deċiżjoni li nibagħtu ikel u għajnuniet oħra biex ngħinu lill-vittmi Palestinjani.

Nagħlaq bl-aħħar punt li ddiskutejna fil-Kunsill Ewropew, jiġifieri l-mid-term revision tal-Multiannual Financial Framework (MFF). Diskussjoni li saret fi sfond ta' deċiżjonijiet minn qrati fi bliet prinċipali fl-Unjoni Ewropea dwar in-nefqiet tal-gvernijiet tagħhom u x'għajnuniet qegħdin jagħtu fil-baġits nazzjonali tagħhom, liema deċiżjonijiet tal-qrati rrestrinġew in-nefqa f'setturi kruċjali tal-istess gvernijiet.

Din id-diskussjoni tista' tgħid li telqet b'żewġ għanijiet: l-ewwel, li tkun limitata kemm jista' jkun l-ispiża filwaqt li niffinanzjaw prijoritajiet ġodda fid-dawl ta' realtajiet li nbidlu minn dakinhar li nnegozjajna fl-2022 meta kellna ftehim milħuq. It-tieni, li jkun hemm għajnuniet lill-Ukrajna. Filwaqt li f'pajjiżna komplejna nassistu kemm nifilħu lill-poplu tagħna, pajjiżi oħra Ewropej kienu mġiegħla jnaqqsu l-baġits nazzjonali tagħhom, anke b'deċiżjonijiet mill-qrati. Kelli l-opportunità li niddiskuti sentenza li ngħatat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-Ġermanja f'laqgħa bilaterali mal-Kanċillier Olaf Scholz meta kien hemm l-istate visit fil-Ġermanja. Għal dawn il-pajjiżi, minħabba s-sitwazzjonijiet lokali tagħhom fejn kienu mġiegħla jnaqqsu l-infiq, kien diffiċli jiġġustifikaw żieda fil-kontribuzzjonijiet lill-baġit tal-Unjoni Ewropea biex jiġu ffinanzjati prijoritajiet ġodda.

L-unika ġustifikazzjoni biex jagħmlu dan kien li din tkun parti minn pakkett aktar wiesa' li jkun jinkludi għajnuniet lill-Ukrajna. Din l-għajnuna kienet importanti għal dawn il-pajjiżi minħabba l-fatt li l-Ukrajna ġeografikament tinsab viċin tagħhom.

L-ikbar problema f'dan kollu iżda kienet li għalkemm qbilna prattikament fuq kollox, kellek

pajjiż li ma bediex jaqbel fuq elementi partikolari, xi ħaġa li kienet irrappurtata sewwa fil-midja u allura ma jeħtieġx li nelabora wisq hawnhekk. Però rrid insemmi ftit punti prinċipali.

L-ewwel: f'dan il-baġit ma kien hemm ebda ċaqliq fl-envelopes nazzjonali. Jiġifieri l-allokazzjoni rekord ta' Malta għal dan il-perjodu baqgħet kif innegozjajnieha b'suċċess f'Lulju 2020. (Onor. Membri: Hear, hear)

It-tieni: il-qbil kien li jkun hemm għajnuniet, f'forma ta' self u għotjiet, lill-Ukrajna fis-snin li ġejjin.

It-tielet: li jkun hemm finanzjament u injezzjonijiet ġodda fl-oqsma tal-migrazzjoni, il-fruntieri, kif ukoll is-sigurtà.

Ir-raba': li jiġu ffinanzjati n-nefqiet ġodda ta' prijoritajiet strateġiċi, magħrufa aħjar bħala STEP, l-imgħaxijiet fuq is-self li ħadet l-Unjoni għall-Pjan ta' Reżiljenza u Rkupru u spejjeż tal-istituzzjonijiet.

Għal dan kollu, inkluż is-self potenzjali lill-Ukrajna, in-nefqa globali tista' tilħaq ftit inqas minn €65 biljun. Jekk wieħed ineħħi s-self minn din il-figura, mela allura n-nefqa tammonta għal madwar €32 biljun. Minn dawn it-€32 biljun, madwar €11 biljun se jiġu ffinanzjati minn fondi li mhux se jiġu użati minn programmi eżistenti, jiġifieri se jkun hemm ċaqliq bejn il-fondi. Jifdal għalhekk €21 biljun li jridu jiġu minn kontribuzzjonijiet ġodda mill-istati membri. Jekk niġu għal pajjiżna, il-kalkolu huwa li s-sehem ta' Malta fis-snin li ġejjin ikun ta' madwar €5 miljun fis-sena. Madankollu dan jista' jkun inqas, jew ferm inqas. Jiddependi wkoll fuq x'jiġri mill-assi ffriżati Russi u d-dħul potenzjali li jiġġeneraw. Dan huwa stmat li jista' jlaħħaq €17 biljun.

Sur President, nagħlaq b'messaġġ wieħed. Inkunu fejn inkunu, jekk huwiex hawn jew fil-Kunsill Ewropew jew f'laqgħat f'istituzzjonijiet oħra, irridu nibqgħu nwasslu l-messaġġ ta' politika għan-nies. (Onor. Membri: Hear, hear) Aħna qegħdin hawnhekk fdati f'isem in-nies.

Finalment inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li nżammet fi Brussell fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2023 (EUCO 20/23); u
>
> Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li nżammet fi Brussell fl-1 ta' Frar 2024 (EUCO 2/24).

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Hawn mistoqsijiet? Il-Kap tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. BERNARD GRECH (Kap tal-Oppożizzjoni):** Sur President, qabelxejn irrid nirrimarka li l-Gvern għamel titjib u għall-inqas qiegħed jagħmel stqarrija ministerjali. Qed ngħid dan għax għal diversi xhur kien qed jevita li jagħmel stqarrijiet ministerjali. Tal-inqas, f'dawn l-aħħar xhur qiegħed jirrikonoxxi l-ħtieġa li jinforma lil dan il-Parlament dwar dak li jkun għaddej fil-laqgħat li jkollu f'istituzzjonijiet Ewropej. Irrid xorta nirrimarka l-fatt li l-Gvern għandu jirrispetta aktar lil dan il-Parlament u ma jinformax lill-Oppożizzjoni sagħtejn biss qabel jagħmel stqarrija ministerjali.

Madanakollu, anke jekk jinformana siegħa qabel, id-diskussjonijiet, il-laqgħat u l-preparazzjonijiet tagħna mal-bdiewa, fost oħrajn f'dawn iċ-ċirkostanzi, ma nagħmluhomx għax tinqala' protesta u mmorru quddiem il-camera. Il-laqgħat tagħna mal-korpi kostitwiti u ma' kull settur konċernat, f'dan il-każ il-bdiewa u r-raħħala f'pajjiżna, kif ukoll is-sajjieda, nagħmluhom b'mod regolari. Ilna niltaqgħu, inkluż jien personalment, għal dawn l-aħħar snin ma' mijiet ta' bdiewa li lkoll juru t-tħassib tagħhom fuq diversi fatturi. Fejn tidħol il-kwestjoni li fuqha qed jipprotestaw l-bdiewa Maltin u Ewropej, jidher evidenti li hemm liġijiet u żviluppi li qegħdin jinkwetaw lill-bdiewa. Għalhekk, huwa importanti li nkunu qegħdin mal-bdiewa.

Jinkwetani l-fatt li l-Prim Ministru jirrealizza u jistenbaħ li għamel żball proprju fil-mument li l-bdiewa jħabbru li se jagħmlu protesta. Filwaqt li pprova minn kollox biex iżomm il-protesta milli ssir, imbagħad ra kif għamel biex ibiddel in-narrattiva. Il-verità tibqa' waħda: Fejn kien il-Gvern, għażiż Prim Ministru, meta quddiem l-istituzzjonijiet Ewropej bdew jiġu diskussi dawn il-liġijiet? Fejn kien il-Gvern li b'id waħda jattakka l-istituzzjonijiet Ewropej u bl-id l-oħra mbagħad jiġi jgħidilna li għamel investimenti bis-saħħa ta' fondi Ewropej?

Fejn kien il-Gvern meta, skont hu, istituzzjonijiet oħrajn ma kinux qed iħarsu lejn l-interess tal-bdiewa? Jekk kien jaf li huwa hekk, il-Prim Ministru kellu allura mhux biss joqgħod aktar

attent, imma jivvota kontra dawn il-liġijiet, u mhux jivvota favur kif għamel. (Onor. Membri: Hear, hear) Lill-bdiewa ngħidulhom ċar u tond, għax huma jafu x'inhi l-verità, li għandna Gvern li jmur quddiem l-istituzzjonijiet Ewropej u jaċċetta miżuri, imbagħad jiġi hawn Malta u jilgħabha daqslikieku dak li qed jiġri lill-bdiewa lokali huwa nuqqas tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Però mhux hekk biss, Sur President. Issa drajna li l-Gvern dejjem jara f'min se jwaħħal. Pereżempju minkejja li ntefqu l-miljuni fl-investiment tan-new water f'pajjiżna, dan in-new water għadu ma laħaqx il-maġġoranza tal-bdiewa, aħseb u ara lill-bdiewa kollha f'dan il-pajjiż, minkejja l-fondi Ewropej. Ta' min huwa t-tort f'dan kollu? Kif se jispjega l-Prim Ministru kif u għaliex ma jridx jagħti s-sussidju fuq id-diesel, minkejja li għandek pajjiżi li qegħdin jagħtu sussidji fuq id-diesel lill-bdiewa? X'qed iżommu lill-Gvern milli jagħmel dan? Se nwaħħlu anke hawnhekk fl-istituzzjonijiet Ewropej? Għalhekk hemm bżonn li mhux biss niġu hawnhekk u ngħidu x'kienet il-bażi tad-diskussjoni u l-konklużjoni fl-istituzzjonijiet Ewropej, imma huwa importanti li l-Gvern ikun onest mal-poplu.

Fir-rigward tal-gwerra, nikkondividi s-sentiment tal-Gvern. Il-Gvern se jibqa' jkollu l-appoġġ ta' din in-naħa tal-Kamra għall-mod ta' kif qegħdin nimxu fejn tidħol mhux biss il-gwerra fl-Ukrajna, għalkemm fil-bidu kien hemm bżonn nimbottaw lill-Gvern biex jieħu deċiżjonijiet imma mbagħad ħadhom, imma anke fejn tidħol il-gwerra fil-Lvant Nofsani. Għalhekk kien hemm fi ftit sigħat qbil, anke fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, dwar pożizzjoni komuni bejn iż-żewġ partiti f'dan il-Parlament. Qed naqblu fid-direzzjoni, u hemm bżonn li nibqgħu niġġieldu mhux biss għall-paċi, imma anke għall-ħajjiet kollha, ikunu minn fejn ikunu u tkun xi tkun il-karnaġġon tagħhom. (Onor. Membri: Hear, hear)

Sur President, iva, din in-naħa tal-Kamra se nkomplu naqblu u anke nappoġġjaw lill-Gvern biex jittieħdu miżuri sabiex inkomplu nsejħu għall-waqfien mill-ġlied permanenti u mhux waqfien mill-ġlied temporanju biss. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Hawn aktar mistoqsijiet? L-Onor. Beppe Fenech Adami.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Sur President, ningħaqad ma' dak li għadu kif qal il-Kap tal-Oppożizzjoni. Ninsab iddiżgustat għall-mod partiġġjan li l-Prim Ministru jagħżel li jagħmel dawn l-istqarrijiet wara s-summits li jkun attenda għalihom.

Fil-bidu ta' dan id-diskors irrid insellem lil Jacques Delors, kif sellmulu f'dan is-summit, għax huwa missier l-Unjoni Ewropea moderna kif nafuha llum. Huwa missier it-Trattat ta' Maastricht li tana l-Unjoni Ewropea bl-istituzzjonijiet li nafu bihom illum. (Onor. Membri: Hear, hear)

Il-Prim Ministru għoġbu jgħidilna li hu spalla ma' spalla mal-bdiewa tagħna. Too little too late! Ma kienx spalla ma' spalla magħhom il-Ministru li qiegħed maġenbu, spalla ma' spalla miegħu, u ma vvutawx kontra dawn ir-regolamenti li qed ikissru lill-bdiewa tagħna. (Onor. Membri: Hear, hear) Tant ma jinteressahomx mill-bdiewa tagħna li l-ġimgħa oħra, bil-pompa kollha, il-Prim Ministru ħabbar programm ta' stabbiltà u biex ikompli jkisser il-bdiewa tagħna, raħħas il-ħaxix tal-friża ta' barra minflok għen lill-bdiewa Maltin. Daqshekk jistmahom lill-bdiewa tagħna! Jiffinanzja l-ikel iffriżat biex in-nies ma jixtrux il-prodott Malti!

Għalhekk ninsab verament iddiżgustat, għax naf li f'dan is-summit ġew diskussi materji importanti ħafna u l-Prim Ministru jiġi hawnhekk u jagħmilha tal-bully jgħidilna kemm ħadha kontra l-Unjoni Ewropea, kontra l-istituzzjonijiet Ewropej u kontra l-pożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, imma meta mbagħad tara r-rekords tad-diskussjonijiet li saru ssib li dan il-ħafna bullying li qed juża hawnhekk fil-konfront tal-Unjoni Ewropea, waqt is-summit ma użahx. L-istess kif ma użahx fil-kwestjoni tal-kunflitt f'Gaża, fil-kwestjoni tal-kunflitt fl-Ukrajna u fuq tant affarijiet oħra. (Onor. Membri: Hear, hear)

Naf ukoll li f'dan is-summit ġiet diskussa l-immigrazzjoni u l-pakkett finanzjarju biex tissaħħaħ il-ġlieda fuq l-immigrazzjoni u l-fruntieri tal-pajjiżi. Kont nippretendi li l-Prim Ministru, li jridha tal-pampalun li jeħodha kontra l-istituzzjonijiet Ewropej, kien se jgħidilhom kemm sejrin ħażin. Il-verità hi li la tkellem bil-mod kif jitkellem hawnhekk fuq il-kwestjoni ta' Gaża, la tkellem kif jitkellem hawnhekk fuq il-kwestjoni tal-Ukrajna u lanqas lissen kelma fuq il-problema tal-immigrazzjoni.

**L-ISPEAKER:** Onor. Fenech Adami, ikkonkludi.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Nappella lill-Prim Ministru biex jikkjarifika u jgħid għalfejn f'din l-istqarrija li għadu kemm għamel ma semmiex l-immigrazzjoni. Nappella biex jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Gvern, pereżempju, fuq il-kwestjoni tal-International Criminal Court (ICC) u l-proċeduri li bdew b'inizjattiva tas-South Africa. Kont nippretendi ħafna aktar minn dawn il-ħafna stqarrijiet li jiġi jagħmel il-Prim Ministru. M'għandux juża din l-istqarrija wara summit biex jagħmel propaganda rħisa biex mingħalih jiskorja punti politiċi li, fl-aħħar mill-aħħar, ma jwasslu mkien. Grazzi.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Hawn aktar mistoqsijiet? (Onor. Membri: No) Insejjaħ lill-Prim Ministru biex jagħmel il-konklużjoni tiegħu u jwieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu.

**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, l-ewwel nett nirringrazzja lill-Kap tal-Oppożizzjoni li rrikonoxxa li din in-naħa għamlet titjib. Sfortunatment ma nistax ngħid l-istess għalih. (Onor. Membri: Hear, hear)

Staqsa fuq is-sussidju tad-diesel lill-bdiewa. Bħala Gvern, is-sussidju tajnieh lill-pajjiż kollu. (Onor. Membri: Hear, hear) Dan kuntrarjament għall-parir li tana l-Kap tal-Oppożizzjoni li jekk jogħla l-prezz internazzjonali tal-enerġija, kif għola bil-bosta, għandu jogħla l-prezz lokali wkoll. Imnalla ma smajniex mill-parir li tana hu dwar is-settur tal-enerġija, kif wara kollox ma nisimgħux minn dak li jgħidilna fuq setturi oħra.

Qed nieħu gost nara li l-pożizzjonijiet fuq Gaża f'daqqa waħda qegħdin jinbidlu. Il-Kap tal-Oppożizzjoni semma li se jibqa' jibgħat messaġġ li se jibqgħu jiġġieldu ...

**ONOR. BERNARD GRECH:** Point of order.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili, Prim Ministru, ħalli nara x'inhu l-point of order. Il-Kap tal-Oppożizzjoni.

**ONOR. BERNARD GRECH:** Sur President, il-Prim Ministru għadu kif qal li jien għedt li m'għandux jingħata s-sussidju u l-għajnuna lill-poplu kollu fejn jidħol id-diesel u l-fuel f'pajjiżna. Nitolbu jikkwotali chapter and verse meta u fejn jien għedt hekk.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Prim Ministru, kompli bid-diskors.

**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, ilna naraw filmati tal-Kap tal-Oppożizzjoni jgħid b'mod ċar li jekk jogħla l-prezz internazzjonali għandu jogħla wkoll il-prezz lokali tal-enerġija f'elf okkażjoni. Jaf li hekk qal. Wara kollox, hemm poplu li rah jistqarr dak il-kliem.

L-Onor. Fenech Adami kien se jipprova jinterrompini fuq il-kwestjoni li nibqgħu niġġieldu għall-ħajjiet. Ma nafx din li tefa' hijiex xi botta lejn il-President tal-Parlament Ewropew li nafu x'pożizzjoni ħadet fuq il-kwestjoni ta' Gaża proprju ftit tal-ħin wara s-7 ta' Ottubru, 2023. Però nieħu gost li fl-aħħar l-Oppożizzjoni qed tibgħat messaġġ konsistenti għal dak li bagħat dan il-Gvern li għandu jkun hemm waqfien mill-ġlied b'mod permanenti. Jekk l-Onor. Beppe Fenech Adami ma fehemx il-messaġġ konsistenti li bagħat dan il-Gvern fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' Gaża, bir-rispett kollu, ngħidlu li ma kienx attent dwar dan is-suġġett f'dawn l-aħħar xhur. (Interruzzjonijiet)

Dan il-Gvern ħa pożizzjoni konsistenti dwar il-kwestjoni ta' Gaża, li għandu jkun hemm waqfien mill-ġlied b'mod permanenti u li għandha tingħata prijorità massima lill-kwestjoni umanitarja. Żgur li ma ħadniex pożizzjoni irresponsabbli fejn għall-vantaġġ jew propaganda personali morna ntiru n-naħa ta' Iżrael u bgħatna messaġġ irresponsabbli li għen biex jagħmel kuraġġ li jkun hemm ritaljazzjonijiet, kif fil-fatt ġara taħt l-iskuża ta' difiża jew awtodifiża, fejn rajna l-massakru li ġara. Imbagħad jiġi l-Onor. Beppe Fenech Adami fejn għandu l-wiċċ ...

**ONOR. BERNARD GRECH:** Sur President, point of order.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili, Prim Ministru. L-Onor. Bernard Grech on point of order.

**ONOR. BERNARD GRECH:** Il-Prim Ministru għadu kif għamel insinwazzjoni kerha ħafna. Ħa ngħid jien x'fhimt. Jekk mhux hekk, jgħid dan u niskuża ruħi. Jien fhimt li l-Prim Ministru qed jirreferi għal Roberta Metsola li marret Iżrael wara l-attakk ta' Ottubru u għax għamlet dan, tat ġustifikazzjoni lil Iżrael li jattakka lil Palestina. Jekk hu hekk, imissu jistħi jgħid dan u għandu jirtira dan il-kliem. Jekk mhux hekk, nitlob skuża.

**L-ISPEAKER:** Dan mhux point of order. Prim Ministru, kompli bid-diskors tiegħek. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, il-messaġġ tal-preżenza f'Iżrael proprju ftit tal-ħin wara l-attakk tas-7 ta' Ottubru 2023 fehmu kulħadd. (Interruzzjonijiet) Tant kemm ġie miftiehem dak il-messaġġ, li mbagħad min bagħtu, ftit ftit beda jipprova jirtira minnu. (Interruzzjonijiet) Sur President, ma jistax jibqa' jinterrompini.

**ONOR. BERNARD GRECH:** Sur President, point of order.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili, Prim Ministru, ħalli nara x'inhu l-point of order. L-Onor. Bernard Grech.

**ONOR. BERNARD GRECH:** Sur President, minkejja li l-Prim Ministru qed jgħidlek biex ma tagħtinix il-kelma, jaf x'jgħidu l-Istanding Orders tal-Parlament. Jien tlabt kjarifika fuq l-insinwazzjoni li għamel u l-Prim Ministru jrid jikkjarifika dak li qal. Inkella qed jiżgwida lill-Kamra u qed jagħmel allegazzjoni serja mhux biss nazzjonali imma internazzjonali. Imissu jistħi!

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Dan mhux point order. Prim Ministru, kompli bid-diskors tiegħek.

**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, l-ewwel nett jien nikkjarifika meta titlobni s-Sinjorija Tiegħek u mhux il-Kap tal-Oppożizzjoni. It-tieni, kont ċarissimu fil-messaġġ tiegħi. (Onor. Membri: Hear, hear) (Interruzzjonijiet) Ma jistax ikun li nitkellmu fuq il-bdiewa u jiġi l-Onor. Beppe Fenech Adami jgħidilna x'ma għamilx il-Gvern dwar il-bdiewa. Jien semmejt patafjun ta' riformi u għajnuniet li tajna lill-bdiewa kemm waqt il-pandemija u anke wara. Taf x'nista' ngħid fiċ-ċert, li kuntrarjament għall-avukat li jidher f'isem il-Partit Nazzjonalista, dan il-Gvern ma jagħmilx kawżi biex jiżgombra lill-bdiewa mir-raba' tagħhom! Ara l-avukat li jidher għall-Onor. Bernard Grech huwa l-avukat li għamel il-kawżi kollha biex jiżgombra lill-bdiewa mir-raba' tagħhom. (Interruzzjonijiet) M'għoġbitux din!

**ONOR. BERNARD GRECH:** Point of order.

**L-ISPEAKER:** Prim Ministru, ippermettili. L-Onor. Bernard Grech, on a point of order.

**ONOR. BERNARD GRECH:** Sur President, qed nifhem sew li l-Prim Ministru issa qed jattakka lil min jeżerċita l-libera professjoni ta' avukat f'dan il-pajjiż?

**L-ISPEAKER:** Dan mhux point of order. Prim Ministru, kompli bid-diskors tiegħek. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, jien mhu qed nattakka lil ħadd. Qed nagħmel statement fattwali li l-avukat tal-Onor. Bernard Grech huwa l-avukat li jiżgombra lill-bdiewa mir-raba' tagħhom. Ċara. (Onor. Membri: Hear, hear) U nżid ukoll li l-ewwel sentenza li ngħatat kontra bidwi saret mill-avukat tal-Partit Nazzjonalista.

Issa ħalli nkompli fuq l-immigrazzjoni.

**ONOR. BERNARD GRECH:** Point of order.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili, Prim Ministru. L-Onor. Bernard Grech, on a point of order.

**ONOR. BERNARD GRECH:** Sur President, il-Prim Ministru jrid jirtira allegazzjoni oħra għax la jien u lanqas il-Partit Nazzjonalista qatt ma tlabna lill-ebda avukat biex jiżgombra lil xi ħadd mill-għalqa tiegħu. Għandu jirtira din l-allegazzjoni.

**L-ISPEAKER:** Prim Ministru, inti kont qed tirreferi għal avukat partikolari. Kompli bid-diskors tiegħek. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. ROBERT ABELA:** L-Onor. Beppe Fenech Adami qal li jien u l-Gvern immexxi minni ma nitkellmux fuq l-immigrazzjoni. Li nista' ngħid fuq l-immigrazzjoni huwa li kull darba li dan il-Gvern aġixxa, l-Onor. Beppe Fenech Adami kien wieħed minn dawk li pprova jixħetna fiċ-ċella. Flimkien ma' sħabu kien parteċipi biex saru denunzji ...

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Point of order.

**L-ISPEAKER:** Ippermettili, Prim Ministru. L-Onor. Beppe Fenech Adami, on a point of order.

**ONOR. BEPPE FENECH ADAMI:** Sur President, jien qatt ma tlabt li xi ħadd jintefa'

f'ċella ħlief dawk il-kriminali korrotti li l-Prim Ministru għadu jiddefendihom sal-lum!

**L-ISPEAKER:** Dan mhux point of order. Prim Ministru, kompli bid-diskors tiegħek.

**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, meta l-kollega jrid li naqbdu t-tema tal-korruzzjoni, nistiednu mmorru fl-2004 u fis-snin ta' qabel u għandi ħafna x'ngħid fuq kif kienet issir il-korruzzjoni dakinhar. Ħafna għandi x'ngħid!

Li nista' ngħid fuq it-tema tal-immigrazzjoni huwa li meta ħadna azzjonijiet b'saħħithom lura fl-2020 fl-aktar mumenti sensittivi li kellu dan il-pajjiż, f'pandemija, b'mijiet jekk mhux eluf ta' immigranti jitilqu mix-xtut tal-Libja u jiġu lejn pajjiżna waqt li l-portijiet ta' pajjiżna huma magħluqin, l-Oppożizzjoni rreċiprokat, flimkien mas-soċjetà ċivili li hija parti integrali minnha, billi għamlet denunzji. (Interruzzjonijiet) Il-pushback dejqitkom? Jekk dejqitkom il-pushback, dakinhar aħna għedna li l-interess suprem kien li nipproteġu lil pajjiżna, però għamilna dan b'dinjità. (Interruzzjonijiet) Intom l-Eritreja kontu bgħattuhom fi żmienkom! (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Prim Ministru, indirizza lis-Sedja.

**ONOR. ROBERT ABELA:** Bagħtuhom l-Eritreja!

**L-ISPEAKER:** Prim Ministru, indirizza lis-Sedja u jekk jogħġbok tagħmilx cross debate.

**ONOR. ROBERT ABELA:** Sur President, trid tkun vera Oppożizzjoni ipokrita biex tgħid li dan il-Gvern ma jitkellimx dwar l-immigrazzjoni. Dan il-Gvern mhux jitkellem dwar l-immigrazzjoni imma jaġixxi. In-numri tal-istatistika li għandna llum jikkonfermaw kemm il-ħidma li qed jagħmel dan il-Gvern hija waħda ta' suċċess f'dan is-settur, minkejja li l-pressjonijiet li għandna fuqna llum ma kinux qegħdin hemmhekk fis-snin passati. Il-pressjonijiet li hemm illum fuq il-kwestjoni tal-immigrazzjoni irregolari huma bħal qatt qabel.

In-numri żgħar ta' wasliet f'pajjiżna llum huma konferma tas-saħħa tal-ħidma li għamilna f'dan is-settur. Jekk hemm xi ħadd li ma jistax jitkellem dwar dan il-punt huwa proprju l-Onor. Fenech Adami li dejjem ħa pożizzjoni li pajjiżna mhuwiex full-up. Bħala Gvern konna ħadna pożizzjoni ċara li pajjiżna qiegħed jerfa' pressjonijiet li huma akbar minn dawk li jiflaħ, jiġifieri jekk l-Onor. Fenech Adami qiegħed jgħid li aħna ma wasalniex għal azzjoni u riżultati konkreti dwar dan is-settur, verament ma jafx x'inhuwa jgħid.

Punt ieħor li ssemma mill-Kap tal-Oppożizzjoni, fejn bħas-soltu mhux informat tajjeb, huwa dwar il-kwestjoni tan-new water. Fil-kummenti introduttorji tiegħi kont ċar li dan huwa work in progress, jiġifieri huwa proġett b'saħħtu immens għall-bdiewa li, iva, għadu ma laħaqx lil kulħadd, imma ntlaħqu diversi żoni tal-pajjiż. Kif għedt, dan huwa proġett li għadu għaddej mill-Water Services Corporation u l-ħsieb warajh huwa li jipprovdi ilma ta' kwalità lill-bdiewa tagħna u li naturalment se jibqa' jilħaq dejjem aktar bdiewa. Nirringrazzjak, Sur President.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Mozzjonijiet? Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI FUQ AZZJONI DWAR IL-KLIMA

## CLIMATE ACTION BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir):** Sur President, għandi messaġġ mingħand il-President.

**L-ISPEAKER:** Se naqra l-messaġġ tal-President:

> "**GEORGE VELLA**
> **PRESIDENT**
>
> Il-President, wara li kien informat dwar is-suġġett tal-Abbozz ta' Liġi "sabiex jiġi stabbilit qafas legali għall-azzjoni klimatika u biex jiġi pprovdut l-istabbiliment ta' korp ġuridiku li għandu jkun magħruf bħala l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima u sabiex jipprovdi dwar kwalunkwe materja konnessa jew anċillari għalih", jirrakkomandah għall-konsiderazzjoni tal-Kamra tad-Deputati.
>
> 29 ta' Jannar 2024".

Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, nipproponi t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Rimarki? Il-Ministru Miriam Dalli.

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Sur President, illum qegħdin niddiskutu Abbozz ta' Liġi sabiex niżguraw l-attenzjoni kollha meħtieġa lill-prijorità ewlenija li għandna quddiemna. Din hija prijorità internazzjonali, kif ukoll prijorità għal Malta u Għawdex, għall-familji u n-negozji tagħna, għalina u għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna. Hawnhekk qed nirreferi għat-tibdil fil-klima li f'dawn l-aħħar snin qegħdin naraw dejjem aktar l-effetti u l-konsegwenzi tiegħu. Fil-fatt, waqt din id-diskussjoni flimkien mal-kelliema l-oħra f'din il-Kamra, nixtieq li mhux biss niffokaw fuq it-tibdil li qed jiġi propost permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, imma tajjeb inħarsu wkoll lejn dak li diġà ksibna bħala pajjiż f'dan ir-rigward, kif ukoll lejn dak li qed nagħmlu bħalissa u dak li jeħtieġ li nwettqu fis-snin li ġejjin.

It-tibdil fil-klima huwa kkawżat mill-iżbilanċ li ħoloq il-bniedem matul is-snin bit-tniġġis, b'mod speċjali bil-ħruq ta' fossil fuels bħalma huma l-faħam u ż-żejt, pereżempju. It-tibdil fil-klima qed iwassal għal temp estrem aktar frekwenti, aktar mewġiet ta' sħana kiefra, kif rajna wkoll f'pajjiżna s-sena li għaddiet, għargħar, nixfa u uragani aktar qawwija. Dan qed jiġri wkoll għaliex il-baħar qed jisħon b'rata aktar mgħaġġla mill-atmosfera u qed jitlef il-funzjoni tiegħu li jirregola s-sħana madwar iż-żoni differenti tad-dinja. Nemmen li huwa biss meta nifhmu kif dan il-fenomenu globali qiegħed bil-mod jibdel l-ambjent ta' madwarna li nkunu nistgħu verament napprezzaw il-ħidma kollettiva li għandna bżonn nagħmlu.

Din il-ħidma għandha tkun fuq żewġ binarji ewlenin. Għandek il-mitigazzjoni, jiġifieri dawk il-miżuri li permezz tagħhom nistgħu nrażżnu l-emissjonijiet iġġenerati mill-attività tal-bniedem. Imbagħad għandek l-adattament, jiġifieri dawk il-miżuri li permezz tagħhom irridu nadattaw il-komunitajiet tagħna għall-konsegwenzi tal-bidla fil-klima, li diġà qegħdin nesperjenzaw. Dan kollu jitlob minna tibdil fil-mod kif ngħixu, kif inħaddmu l-ekonomija tagħna u anke l-miżuri li hemm bżonn nieħdu f'din it-tranżizzjoni ekoloġika, magħrufa aħjar bħala t-tranżizzjoni ħadra. Din it-tranżizzjoni ekoloġika hija parti mill-mixja lejn futur aktar sostenibbli. L-azzjoni klimatika li qegħdin nitkellmu dwarha llum għandha tkun l-ambizzjoni ta' kull wieħed u waħda minna, lejn kwalità ta' ħajja aħjar u aktar b'saħħitha.

Ir-rapporti internazzjonali tal-Intergovernmental Panel on Climate Change (IPCC) qed juru kif l-impatt tal-bidla fil-klima qiegħed isir dejjem aktar evidenti u drastiku. Qed juru wkoll li rridu nħaffu l-pass biex intaffu l-kawżi ta' din il-bidla u anke biex inrażżnu l-emissjonijiet. Però, biex nagħmlu dan, irridu nieħdu azzjoni deċiżiva u jrid ikollna azzjoni kordinata. Diġà għaddejja ħidma

kbira b'diversi inizjattivi biex nilħqu l-mira tagħna li jkollna ekonomija li ma tniġġisx, anke jekk nemmen li fadal ħafna aktar xi jsir. Madanakollu, kull impenn internazzjonali u kull obbligu li Malta għandha bħala membru tal-Unjoni Ewropea jrid jissarraf f'azzjoni konkreta, policies u miżuri nazzjonali.

Diġà hemm numru ta' liġijiet u policies, però dawn iridu jkomplu jissaħħu b'ħidma u riżorsi ffokati, b'obbligi aktar ċari u b'ħidma aktar mgħaġġla. B'dak li qegħdin nipproponu llum, il-Gvern se jkun qed joħloq awtorità li se tiffoka speċifikament fuq l-azzjoni klimatika. Din l-awtorità se tkun responsabbli milli tikkordina strateġiji komprensivi biex nindirizzaw it-tibdil fil-klima fuq livell nazzjonali. L-għan tagħna huwa li nġibu flimkien esperti, stakeholders u policy makers biex jgħinu u jikkontribwixxu fit-tfassil ta' triq 'il quddiem fejn tidħol l-azzjoni klimatika b'inizjattivi li huma bbażati fuq l-evidenza u r-riċerka.

Din l-awtorità se sservi wkoll bħala pjattaforma għall-involviment u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku. Il-ħsieb tagħna huwa biex din l-awtorità tinvolvi b'mod attiv liċ-ċittadini, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lis-settur privat fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li tiżgura li nqisu wkoll perspettivi differenti. Għalhekk, permezz ta' kampanji edukattivi, workshops u konsultazzjonijiet pubbliċi, l-Awtorità se tkun qed tagħti setgħa lill-individwi u anke lill-komunitajiet biex jieħdu azzjoni u jikkontribwixxu għall-isforz kollettiv ħalli nindirizzaw it-tibdil fil-klima.

Sur President, Malta hija parti mill-Ftehim ta' Pariġi tal-2015. L-istati kollha li huma parti minn dan il-ftehim qablu li jridu jxejnu l-użu tal-fossil fuels. Dak kien mument storiku, niftakar għaliex kont hemm, fejn rajna kif il-pajjiżi ġew kollha flimkien. Bl-istess mod, kull pajjiż irid jibda jaddatta għat-tibdil fil-klima. Kull ħames snin il-pajjiżi jridu jissottomettu pjanijiet ġodda li jkunu aktar ambizzjużi sakemm id-dinja tilħaq in-newtralità fil-klima.

Dan ifisser li s-snin li ġejjin huma game changers, għaliex il-pajjiżi kollha jridu jaraw kif se jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom mill-aktar fis possibbli. Malta, bħala Stat membru tal-Unjoni Ewropea, se tibqa' taħdem bi sħiħ biex jintlaħqu l-miri li jindirizzaw it-tibdil fil-klima. Dawn huma miri ambizzjużi ħafna, b'mod partikolari għal gżira żgħira bħal tagħna, però qegħdin inħarsu lejn din l-isfida bħala waħda li ġġib magħha wkoll opportunitajiet ekonomiċi ġodda li għandhom iwasslu għal benefiċċji, bħal arja aktar nadifa, agrikultura sostenibbli, il-ħolqien ta' iżjed spazji ħodor u anke li jkollna ibħra aktar nodfa.

Sur President, m'hemmx pajjiżi oħra li ħadmu daqskemm ħadmu l-membri tal-Unjoni Ewropea biex iwettqu l-obbligi tagħhom fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Dan il-Gvern ukoll ħadem bil-għaqal u ħejja strateġija fit-tul. Hawnhekk qed nirreferi għall-Malta Low Carbon Development Strategy, li tidentifika l-aktar miżuri effettivi li għandhom iwasslu biex Malta tnaqqas l-emissjonijiet tagħha mis-setturi kollha fi żmien definit. Quddiemna għandna miri mill-aktar ambizzjużi li jnaqqsu l-emissjonijiet għal kull settur. Fuq insistenza minn pajjiżna, qed isir pjan ta' kif se nadattaw għall-konsegwenzi u neliminaw ir-riskji marbuta mat-tibdil fil-klima. Biex innaqqsu l-emissjonijiet li jikkawżaw l-effett serra, jeħtieġ ukoll li nibqgħu ninvestu biex ikollna aktar sorsi ta' enerġija alternattiva.

Il-viżjoni ta' dan il-Gvern f'dan ir-rigward hija d-dekarbonizzazzjoni u t-tranżizzjoni ħadra. Dan huwa wieħed mill-pilastri tal-viżjoni ekonomika ta' pajjiżna. Daqshekk nagħtuha importanza l-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima! Meta nitkellmu dwar il-produzzjoni tal-enerġija, m'aħniex qed nirreferu biss għall-elettriku li nużaw ta' kuljum, imma qegħdin nirreferu wkoll għall-enerġija użata fis-settur tat-trasport ta' kull forma, b'mezzi differenti fuq l-art, l-ajru u anke fil-baħar.

Tajjeb nirrimarkaw ukoll u nżommu f'moħħna li l-enerġija hija wkoll sors ewlieni għall-produzzjoni tal-ikel u l-ilma u l-manifattura ta' kull oġġett li nixtru u nużaw. Fejn jidħol is-settur tal-enerġija, dan il-pajjiż għamel avvanzi kbar. Apparti li ilna żmien twil li neħħejna l-faħam bħala sors ta' produzzjoni tal-enerġija, u dan qed insemmih għax għandna pajjiżi li sal-ġurnata tal-lum għadhom qed jużaw il-faħam bħala sors tal-produzzjoni tal-enerġija, dan il-Gvern għamel ukoll il-qalba mill-heavy fuel oil għall-gass bħala sors ewlieni tal-enerġija madwar għaxar snin ilu.

Apparti dan, irnexxielna inżidu wkoll il-persentaġġ tal-enerġija rinnovabbli minn inqas minn 2% fl-2013 għal aktar minn 13.4% fl-2022. Fl-istess waqt li qegħdin naqilbu għal sorsi alternattivi li ma jniġġsux, qegħdin naħdmu qatigħ biex niżguraw is-sigurtà u l-affordabbiltà

ta' dan is-settur daqstant kruċjali. Però m'aħniex qegħdin nitkellmu biss dwar kif se niddekarbonizzaw l-ekonomija, u allura l-aspett tal-mitigazzjoni, għaliex l-azzjoni klimatika tinvolvi wkoll l-aspett tal-adattament. Għandek id-dekarbonizzazzjoni u l-adattament li huma żewġ faċċati tal-istess munita tal-azzjoni dwar it-tibdil fil-klima. Meta nitkellmu dwar l-adattament qegħdin infissru dawk il-miżuri li permezz tagħhom inkunu nistgħu nilqgħu għall-impatt inevitabbli li jikkawża t-tibdil fil-klima.

Dan huwa kruċjali għal pajjiżna, minħabba li bħala pajjiż magħmul minn gżejjer żgħar għandna riskji ikbar li nesperjenzaw konsegwenzi ewlenin ta' tibdil fil-klima. Hawnhekk tajjeb nirrimarka li f'dan ir-rigward il-Gvern qed ifassal pjan dwar kif l-aħjar nilqgħu għal dawn l-impatti, dwar kif nidentifikaw ir-riskji skont x'qed tindika x-xjenza, u dwar kif nistgħu nibbenefikaw minn opportunitajiet ġodda, hekk kif gradwalment inwettqu t-tranżizzjoni ambjentali tagħna.

Però biex nirnexxu rridu l-ewwel nifhmu u nirrikonoxxu l-isfidi ewlenin tat-tibdil fil-klima. Hawn qed nitkellmu dwar diversi setturi, fosthom is-settur tat-turiżmu, l-ekonomija u l-kompetittività tal-pajjiż, il-futur tal-bdiewa u r-raħħala, id-domanda għall-enerġija u għall-ilma, l-infrastruttura, u l-aċċess għat-teknoloġija nadifa. Fl-istess ħin irridu naħsbu wkoll fuq fatturi oħrajn bħalma huma l-obbligi Ewropej u internazzjonali li qed isiru ferm aktar onerużi, investiment ikbar f'infrastrutturi oħra pubbliċi minħabba ż-żieda fit-temperaturi u mewġiet ta' sħana itwal, l-impatt ikkawżat minn temp estrem u ż-żieda fil-livell tal-baħar, kif ukoll l-impatt fuq il-ħajja marittima u l-bijodiversità.

Sur President, se niffoka issa fuq l-impenn tal-Gvern f'setturi differenti. Bil-ħidma li qed issir qegħdin naraw li nikkontribwixxu għat-tnaqqis fit-tniġġis u anke biex pajjiżna jadatta għall-isfidi li ġġib magħha t-tibdil fil-klima. Nibda mis-settur tal-enerġija, fejn b'inizjattiva waħda wara l-oħra qegħdin nuru fid-deher li għandna pjan ċar dwar l-enerġija nadifa u l-enerġija affordabbli. Għall-ewwel darba fl-istorja reċenti, Malta esperjenzat aktar minn għaxart ijiem konsekuttivi ta' mewġa ta' sħana, b'temperaturi li laħħqu t-42.7 gradi celsius. Hawn qed nirreferi għal Lulju 2023. Qatt qabel ma kellna mewġa ta' sħana ta' din ix-xorta. Il-Gvern kien diġà beda jwettaq pjan għat-tisħiħ tal-infrastruttura, fosthom dik tal-elettriku, imma b'dan il-fenomenu rajna impatt ferm akbar u aktar negattiv filwaqt li rajna wkoll id-domanda għall-enerġija tiżdied b'mod aktar aċċellerat minn kemm kien previst. Il-Gvern aġixxa mill-ewwel u tajna impenn ċar li qed inwettqu b'ritmu tajjeb ħafna bħalissa, ċjoè li ninvestu b'mod b'saħħtu fl-infrastruttura tagħna biex tkun tista' tilqa' għall-impatt ta' dan it-temp estrem, li kollox qed jindika li jista' jkompli jiżdied fis-snin li ġejjin.

Wara għaxar snin ta' suċċess fil-qasam tal-enerġija, fejn raħħasna l-kontijiet b'25% u żammejna l-istabbiltà minkejja kull sfida internazzjonali, komplejna ninvestu fis-settur tal-enerġija u fin-nies. Bħalissa qegħdin inġeddu din il-politika tal-enerġija permezz ta' viżjoni ġdida għas-snin li ġejjin. Il-viżjoni tagħna għas-snin li ġejjin se tibqa' waħda ta' stabbiltà. Din hija politika li nemmnu fiha b'konvinzjoni u mhux b'konvenjenza.

Qed ngħid dan, għax li kien għall-Oppożizzjoni l-kontijiet tal-enerġija ma jibqgħux stabbli u ma jibqgħux affordabbli. Għandna Kap tal-Oppożizzjoni li qal aktar minn darba li jekk jogħla l-prezz internazzjonalment, jogħla għal kulħadd u allura l-għajnuna tal-Gvern lill-familji u n-negozji fil-kontijiet tal-enerġija għandha tieqaf. Kien sejħilha mhux sostenibbli, għax dawn jemmnu li l-kontijiet tal-enerġija għandhom jinbidlu skont is-suq. Aħna differenti. Aħna nemmnu bi sħiħ li l-politika ta' stabbiltà għandha benefiċċji kbar għal pajjiżna. Bil-politika ta' stabbiltà qegħdin nuru li nemmnu fil-kapaċità tal-poplu li jadatta u javvanza. Ma nemmnux fil-politika li tikkastiga bil-piżijiet, għax dik hija politika bla viżjoni li nippreferu nħalluha għal min m'għandux fiduċja f'pajjiżna u f'niesu. Aħna nemmnu fil-Maltin u fl-Għawdxin. (Onor. Membri: Hear, hear)

Il-politika tal-istabbiltà fil-prezzijiet tal-enerġija mhux biss qed tistimula l-ekonomija biex tkompli tissaħħaħ, imma qed tagħti lill-familji u lin-negozji l-opportunità li jinvestu f'aktar teknoloġiji sostenibbli. Nemmnu li t-triq 'il quddiem hija li nkomplu ngħinu lill-familji biex ikomplu jinvestu fi djar aktar effiċjenti u f'sistemi li ma jniġġsux. Nemmnu li t-triq 'il quddiem hija li nkomplu ngħinu lin-negozji biex jipprattikaw il-prinċipji tal-Environmental, Social and Governance (ESG), jinvestu fid-diġitalizzazzjoni

u fit-transizzjoni ambjentali u li nkomplu nixprunaw l-ekonomija l-ħadra u l-ekonomija l-blu.

Fl-aħħar għaxar snin pajjiżna mhux biss żamm il-kontijiet stabbli imma permezz ta' diversifikazzjoni lejn enerġija aktar nadifa, l-emissjonijiet f'dan is-settur naqsu b'60%. Ejja ma ninsewx li sa għaxar snin ilu Malta kienet għadha qed tiddependi fuq power stations tas-snin 50 li jaħdmu bil-heavy fuel oil, li huwa l-aktar żejt li jniġġes. Ejja ma ninsewx li meta l-Gvern Nazzjonalista ġab power station ġdida tal-BWSC, ġabha taħdem bil-heavy fuel oil ukoll. Sa għaxar snin ilu l-familji madwar il-Marsa kienu jbatu minn power station li tarmi t-trab iswed. Illum, minflok jitkellmu dwar it-tniġġis fl-arja, in-nies fil-Marsa jiddiskutu dwar kif se nirriġeneraw din il-lokalità fil-qalba tal-Port il-Kbir.

Ejja niftakru li skont l-Oppożizzjoni, u dan sal-ġimgħa l-oħra stess, il-pass li għamel dan il-pajjiż biex eliminajna l-heavy fuel oil huwa l-ħrafa ta' Alice in Wonderland! Ejja niftakru li kieku kien għall-Oppożizzjoni llum għadna naħarqu l-heavy fuel oil u nħammġu l-arja miċ-ċmieni tal-Marsa u Delimara! Ejja ma ninsewx, Gvern Nazzjonalista l-ewwel webbel lin-nies li se jdaħħal il-Liquefied Natural Gas (LNG), imbagħad fl-2006 kienu huma stess li minn wara dahar kulħadd qabdu u biddlu l-livelli tal-emissjonijiet biex ikunu jistgħu jgħabbu lill-poplu b'power station li taħraq il-heavy fuel oil u fl-istess perjodu ħadu gost jivvotaw bil-qalb biex jgħollu l-kontijiet tad-dawl. (Onor. Membri: Hear, hear) Ħadd daqs Gvern Laburista mill-2013 sal-lum ma ħadem daqshekk biex inwettqu l-viżjoni għal enerġija aktar nadifa.

Tafu kemm kellna sistemi ta' enerġija rinnovabbli qabel l-2013? Għaxar megawatts! Tafu kemm kellna enerġija rinnovabbli s-sena li għaddiet? Aktar minn 230MW u qed naħdmu biex l-ammont ta' enerġija rinnovabbli f'pajjiżna nkomplu nżiduh sena wara l-oħra, għax nemmnu li pajjiżna mhux biss jista' jkollu aktar rinnovabbli, imma jista' jkun ċentru ta' enerġija nadifa fil-Mediterran. Se nibqgħu ninvestu mhux biss biex niddekarbonizzaw is-settur tal-enerġija, imma se nkomplu ninvestu biex ikollna l-kapaċità u r-reżiljenza meħtieġa ħalli negħlbu l-isfidi tal-klima fil-futur. Dan jgħodd kemm għall-ġenerazzjoni tal-elettriku kif ukoll għas-sistema tad-distribuzzjoni.

Illum pajjiżna għandu l-kapaċità li jiġġenera madwar 800MW permezz ta' sorsi rinnovabbli, l-impjanti tal-enerġija ta' Delimara u l-interconnector, li kollha huma importanti għall-ħtieġijiet tagħna llum. Irridu li din l-energy mix tkompli tiġi diversifikata. Id-domanda massima tal-enerġija li suppost intlaħqet fl-2030 intlaħqet is-sena li għaddiet, seba' snin qabel dak li kien previst. Fil-fatt, f'Lulju rreġistrajna domanda rekord ta' 663MW u għalhekk żidna l-pass b'mod mgħaġġel ħafna biex inwettqu l-pjan ħalli nkomplu nsaħħu u nżidu l-infrastruttura ta' distribuzzjoni, filwaqt li nżidu l-kapaċità tal-ġenerazzjoni f'pajjiżna.

Sur President, se niffoka issa fuq il-ħidma li qegħdin inwettqu biex ninvestu fis-sorsi rinnovabbli offshore. Il-pandemija u l-invażjoni tar-Russja fl-Ukrajna u anke s-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani ħolqu u għadhom qegħdin joħolqu sfidi kbar fis-settur internazzjonali tal-enerġija. Filwaqt li rajna numru ta' pajjiżi jreġġgħu l-arloġġ lura, fejn bdew jipproduċu anke enerġija permezz ta' sorsi li jniġġsu, inkluż il-faħam u saħansitra għollew it-tariffi tal-enerġija, f'Malta bqajna determinati li nżidu r-rinnovabbli u qegħdin inżommu l-prezzijiet stabbli. Nemmnu f'politika li l-enerġija li nwasslu għand iċ-ċittadini tkun ġejja minn sorsi varji u diversifikati.

Fi gżira żgħira li ssib spazji għall-enerġija rinnovabbli fuq l-art hija dejjem sfida. Għalhekk nemmnu li l-potenzjal li joffri l-baħar tagħna jista' jkun opportunità importanti għal pajjiżna. Permezz tal-konsultazzjoni pubblika tal-politika nazzjonali għall-iżvilupp tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli offshore, daħlu xejn inqas minn 64 sottomissjoni. Dawn is-sottomissjonijiet ġew analizzati u integrati fl-istrateġija, filwaqt li l-policy bħalissa qed tgħaddi minn proċess ta' strategic environmental assessment sabiex fix-xhur li ġejjin tkun finalizzata.

Permezz tal-konsultazzjoni preliminari tas-suq dwar iż-żona esklużiva ekonomika lil hinn mill-ibħra territorjali, kien hemm diġà diversi investituri li wrew interess fil-proġetti ta' enerġija rinnovabbli offshore. L-interess li jeżisti wassalna biex il-ġimgħa li għaddiet stess ħriġna Preliminary Market Consultation (PMC) biex naraw x'interess hemm għal investimenti potenzjali għal solar farms f'wiċċ il-baħar fl-ibħra territorjali Maltin. Hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq distanza ta' inqas minn 12-il mil

nawtiku mix-xatt. Fil-fatt, f'dan ir-rigward ġiet identifikata żona erba' mili nawtiċi 'l barra mill-kosta ta' Delimara bħala l-ewwel sit possibbli għall-iżvilupp ta' proġetti ta' teknoloġija solari mqabbda mal-grid nazzjonali. Hemmhekk qegħdin naraw kapaċità potenzjali ta' 50MW ta' enerġija rinnovabbli. Dan qed isir fl-istess waqt li qegħdin noffru diversi inizjattivi ta' appoġġ biex ninkoraġġixxu lill-familji u l-imprendituri jiżviluppaw aktar sistemi ta' enerġija aktar nadifa li huma bbażati fuq l-art.

Is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tagħna qed jiżdied kull sena u rridu nkomplu ninċentivaw biex dan il-persentaġġ ikompli jiżdied. F'dan ir-rigward, matul din is-sena, se nkomplu bix-xogħol biex niżguraw konnettività aktar b'saħħitha u sigura mal-grid Ewropew tal-enerġija. Qed naraw li permezz tal-investiment fuq it-tieni interconnector bejn Malta u Sqallija nkomplu nsaħħu l-istabbiltà fin-network ħalli jkollna r-reżiljenza meħtieġa biex nilqgħu għal aktar investiment f'enerġija nadifa, inkluż enerġija rinnovabbli offshore.

Fil-fatt, fl-aħħar xhur tħejjew diversi xogħlijiet, fosthom l-istudji ambjentali u tekniċi, sar id-disinn tal-infrastruttura meħtieġa, fosthom switchgear, transformers u tagħmir ieħor meħtieġ fit-terminals kemm fil-Magħtab kif ukoll f'Ragusa Sqallija, kif ukoll fir-rigward tal-cable sottomarin bejn Malta u Sqallija. Ix-xahar li għadda l-Awtorità tal-Ippjanar (PA) approvat il-permessi tal-proġett f'Malta, filwaqt li għaddejjin it-taħditiet u t-tħejjijiet għall-permessi tax-xogħlijiet f'Ragusa. Fil-ġimgħat li ġejjin se jkomplu joħorġu sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa fuq l-art u f'qiegħ il-baħar.

Sabiex inkomplu nħejju l-infrastruttura tal-elettriku għaż-żieda fl-investiment fl-enerġija rinnovabbli, rajna li nfasslu pjan dettaljat ta' kif se nsaħħu n-network ta' distribuzzjoni tal-elettriku. Dan se jkun qed isaħħaħ ir-reżiljenza tal-grid nazzjonali, inaqqas il-konġestjoni tal-grid u jipprovdi flessibbiltà f'termini tal-kapaċità tas-sistema biex takkomoda enerġija rinnovabbli addizzjonali. Biex inwettqu dan, il-Gvern qed jaħdem sabiex ikun katalist ħalli jiġu implimentati proġetti ta' ħażna tal-elettriku permezz ta' sistemi ta' batteriji kbar.

Bħala l-ewwel investiment, qegħdin inħejju għal żewġ proġetti ta' utility-scale battery energy storage systems. L-ewwel proġett se naraw li jkun ibbażat fil-power station ta' Delimara b'investiment ta' €35 miljun iffinanzjat permezz ta' fondi mill-European Regional Development Fund (ERDF). It-tieni proġett qed naraw li jsir fil-mina ta' taħt l-art fejn kien hemm il-power station l-antika. Hemmhekk qegħdin naraw investiment ta' €12 miljun mir-Recovery and Resilience Facility (RRF).

Il-viżjoni long-term ta' dan il-Gvern qed tinkludi kull tip ta' teknoloġija u żvilupp. Nifhmu wkoll li bil-kondizzjonijiet tal-lum, meta nitkellmu dwar l-idroġenu, pereżempju, dan għadu mhux sors ta' enerġija stabbli, però nemmnu li huwa d-dmir tagħna li nkunu minn ta' quddiem nett li nikkonsidraw din it-teknoloġija. Fil-fatt, il-Gvern se jibda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' strateġija għall-introduzzjoni u l-użu tal-idroġenu mill-industrija f'Malta sabiex fejn hu possibbli, proċessi li sal-lum għadhom jużaw diesel jew żjut oħra u ma jistgħux jaqilbu għall-elettriku, ikollhom għażla ta' fuel nadif u mingħajr tniġġis.

Kif wegħedna s-sajf li għadda u kif elenkajt aktar qabel, qegħdin naċċelleraw il-pjan tagħna għat-tisħiħ tas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Fil-fatt, fl-2022 u fl-2023 konna tellaqna pjan ta' sitt snin b'investiment ta' €15 miljun fis-sena fuq is-sistema ta' distribuzzjoni, imma matul l-2024 se nkunu qegħdin ninvestu aktar minn €55 miljun fl-infrastruttura tal-elettriku, li tinkludi mhux biss in-network ta' distribuzzjoni imma wkoll kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' riżerva addizzjonali. Dan għaliex irridu nżidu r-reżiljenza tal-infrastruttura sakemm fis-snin li ġejjin ikollna aktar sistemi ta' enerġija rinnovabbli kbar.

It-twettiq tal-investiment fl-infrastruttura ta' distribuzzjoni għaddej b'ritmu mgħaġġel ħafna. L-Enemalta wettqet proġetti biex issaħħaħ iċ-ċentri ta' distribuzzjoni ta' San Ġiljan, Ħal Tarxien, Wied il-Għajn u l-Imrieħel biex b'hekk irdoppjajna l-kapaċità tad-distribuzzjoni f'dawn iż-żoni. F'dawn l-aħħar sentejn l-Enemalta lestiet ukoll 80 substation ġdida u mmodernizzat aktar minn 66 substation eżistenti b'kapaċitajiet akbar. Fl-istess waqt, żidna aktar minn 18-il kilometru ta' konnessjonijiet b'cables ta' vultaġġ medju u 145 konnessjoni oħra ta' cables minn substations għal diversi inħawi f'lokalitajiet differenti.

Dan l-investiment fid-distribuzzjoni tal-elettriku qed inkomplu naċċelerawh. Qed naħdmu fuq pjan biex niżviluppaw ċentri ta' distribuzzjoni oħra fin-Naxxar, fl-inħawi tas-Siġġiewi, fl-

inħawi tar-Rabat u Ħad-Dingli u anke fl-inħawi tal-Kottonera. Fil-fatt, l-Enemalta diġà ħarġet sejħa għall-offerti għall-bini u t-tagħmir tal-ewwel distribution centre fin-Naxxar. Ħafna mill-cables li jissupplixxu dan iċ-ċentru diġà ġew imqiegħda.

L-Enemalta għaddejja wkoll b'ħidma preparatorja għall-immodernizzar u l-estensjoni taċ-ċentru ta' distribuzzjoni tal-Imsida u qed tħejji wkoll biex tkabbar iċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' St. Andrew's u Pembroke, fejn hemmhekk qegħdin naraw li l-kapaċità tiegħu tiġi rdoppjata. Permezz ta' dan l-investiment qawwi l-Gvern qed ikompli jsaħħaħ l-infrastruttura elettrika waqt li jkun qed jiffaċilita l-użu tat-teknoloġija ta' enerġija rinnovabbli sabiex ikollna garanzija ta' provvista tal-enerġija li tkun affordabbli u li finalment twassalna għal dekarbonizzazzjoni tal-energy mix tal-pajjiż. Għalhekk, żgur li l-kredibbiltà fil-qasam tal-enerġija, wieħed mill-pilastri ewlenin tal-azzjoni klimatika, qiegħda fuq in-naħa tal-Gvern! (Onor. Membri: Hear, hear) Bħalma hi żgur il-kredibbiltà ta' dan il-Gvern b'ħafna ħidmiet oħra li qed inwettqu biex nindirizzaw bil-fatti t-tibdil fil-klima. Dan jinvolvi l-ħidma ta' Gvern u pajjiż sħiħ, b'diversi inizjattivi biex dawn l-isfidi ambjentali nibdluhom f'opportunitajiet.

Sur President, se nsemmi setturi oħra li lkoll huma essenzjali biex nilħqu l-miri klimatiċi li għandna quddiemna. Insemmi, pereżempju, l-ilma. L-ilma u t-tibdil fil-klima huma marbutin flimkien b'mod inseparabbli. Bħas-settur tal-enerġija, hawnhekk ukoll qed nagħmlu investimenti kbar għal iżjed effiċjenza u sostenibbiltà akbar. L-avvenimenti ta' temp estrem li qegħdin isiru aktar frekwenti qed jagħmlu r-riżorsa tal-ilma aktar skarsa, aktar imprevedibbli u b'aktar riskji ta' tniġġis. L-għargħar u l-għoli fil-livell tal-baħar jistgħu jikkontaminaw l-art u allura r-riżorsi tal-ilma bi mluħa jew bi tniġġis ieħor u jikkawżaw ukoll ħsara lill-infrastruttura tal-ilma u tas-sanità, bħal punti tal-ilma, bjar, faċilitajiet sanitarji u anke s-sistemi ta' trattament tal-ilma mormi.

Minħabba li l-ilma hija riżorsa importanti ħafna f'pajjiżna, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) qed tagħmel investimenti kbar. Fil-fatt, il-Korporazzjoni diġà naqqset l-estrazzjoni tal-ilma tal-pjan b'5% u żiedet sew l-effiċjenza tal-impjanti tar-reverse osmosis tagħha biex tipproduċi aktar b'inqas ħela. Qed tinvesti wkoll biex dejjem ittejjeb il-kwalità u t-togħma tal-ilma. It-tnaqqis fl-estrazzjoni tal-ilma tal-pjan huwa importanti biex nipproteġu din l-unika riżorsa ta' ilma naturali f'pajjiżna. Bl-istess mod se nkomplu ninvestu aktar fin-new water għall-bdiewa. Konvinta li s-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said se tkun qed titkellem aktar dwar dan.

Tajjeb ngħidu li Malta hija l-uniku pajjiż fl-Unjoni Ewropea fejn id-drenaġġ qed jissaffa u qed jinbidel f'ilma tajjeb għall-agrikoltura. In-new water qed ikun kruċjali biex jagħmel tajjeb għan-nixfa li rajna fl-aħħar snin. F'sena waħda l-investiment biex inkabbru n-network tan-new water tela' għal aktar minn €1 miljun u se jkompli jiżdied. Din mhijiex biss ħidma importanti għall-adattament tal-klima, imma hija wkoll xhieda ċara tal-impenn tagħna lejn ekonomija ċirkolari.

Il-Korporazzjoni qed tippjana li żżid 350 dispenser points ta' new water fit-Tramuntana kif ukoll fin-Naħa t'Isfel ta' Malta għax irridu li aktar bdiewa jużaw dan l-ilma riċiklat minflok ma jiġbdu l-ilma tal-pjan għat-tisqija. Bl-istess mod, se nibqgħu għaddejjin b'diversi investimenti oħra fuq l-impjanti tar-reverse osmosis għax irridu nżidu l-produzzjoni tal-ilma b'50% fuq il-livelli tal-2020. Sal-2025 qegħdin naraw li nbiddlu madwar 50 kilometru ta' mains antiki biex inkomplu nżidu l-effiċjenza u nnaqqsu t-telf tal-ilma. Il-Korporazzjoni qed issaħħaħ ukoll in-network prinċipali tad-drenaġġ b'diversi proġetti madwar Malta kif ukoll Għawdex.

Issa se niffoka fuq l-iskart, għax dan ukoll huwa settur li jikkontribwixxi għall-greenhouse gas emissions. Il-passi li qegħdin nagħmlu f'dak li għandu x'jaqsam mal-ekonomija ċirkolari huma kbar u rivoluzzjonarji. Dan huwa Gvern li minflok żied il-miżbliet, ħadem biex nirriabilitawhom u nibdluhom f'parks u ġonna ġodda. Minflok ħadna aktar għelieqi u art verġni għal xi landfill ġdida, kif kien jiġri qabel, ħriġna b'soluzzjonijiet biex l-iskart nipproċessawh u nibdluh f'riżorsa.

Is-sena li għaddiet, grazzi għall-impenn tal-poplu Malti, irreġistrajna l-aqwa riżultati fl-immaniġġjar tal-iskart. Fil-fatt, fl-2023 il-Wasteserv ipproċessat u rritornat fl-ekonomija aktar minn 20,000 tunnellata ta' skart riċiklabbli, li kienet l-akbar kwantità qatt irreġistrata f'pajjiżna. Dawn il-figuri ma jinkludux ir-riżultati tajbin li qed jiġu rreġistrati permezz tal-

iskema regolata tar-rifużjoni tal-kontenituri tax-xorb minn Circular Economy Malta (CEMalta) u l-kumpanija li qed tmexxi din l-inizjattiva, jiġifieri l-Beverage Container Refund Scheme (BCRS).

Fl-istess waqt rajna li l-iskart imħallat li jintrema mid-dar, dik li hija magħrufa bħala l-borża s-sewda, naqas bi 23% u niżel għall-inqas livell li qatt irċeviet il-Wasteserv f'dawn l-aħħar 20 sena. Kien hemm ukoll żieda pożittiva ta' 35% fl-iskart organiku separat li ġej mid-djar u anke mis-settur kummerċjali meta mqabbel mal-2022. Dan l-iskart ġie mibdul f'4.1 miljun unit ta' enerġija, li hu biżżejjed biex jipprovdi sena ta' elettriku lil madwar 570 dar.

Qed jiksbu wkoll suċċess ir-Reuse Centres li bdiet tiftaħ il-Wasteserv fl-2022. Dawn diġà laqgħu fihom aktar minn 15,000 oġġett li reġgħu ngħataw ħajja ġdida minflok intremew fil-miżbliet. Għandna pjan ċar b'diversi proġetti biex kemm jista' jkun inkomplu nnaqqsu l-iskart mill-miżbliet sakemm nilħqu l-mira nazzjonali li dan l-iskart jinżel taħt l-10%.

Uħud minn dawn il-proġetti, fosthom l-impjant tal-Materials Recovery Facility (MRF) u anke l-Multi-Materials Recovery Facility (MMRF) għall-ipproċessar tal-iskart separat, lestejniehom proprju s-sena li għaddiet. Għamilna wkoll passi kbar 'il quddiem fil-proġett tal-waste-to-energy li se jkun qiegħed jilqa' l-iskart li ma jistax jiġi riċiklat biex minnu nirriġeneraw enerġija nadifa. Fil-fatt, dan l-impjant mistenni jibda jirċievi 192,000 tunnellata ta' skart biex minflok imur fil-miżbliet nużawh għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għal 4.5% tad-domanda tal-pajjiż. B'dan il-proġett waħdu se nsalvaw medda ta' art kbira daqs 30 grawnd tal-futbol li kieku pajjiżna kien ikollu jieħu biex joħloq aktar miżbliet.

Settur ieħor importanti biex jonqsu l-emissjonijiet huwa s-settur tat-trasport. F'Malta t-trasport jammonta għal madwar 30% tal-emissjonijiet f'pajjiżna u hawnhekk diġà qegħdin ninvestu bi sħiħ. Irridu nkomplu ngħinu aktar familji u lill-intrapriżi biex jaqilbu għal sistemi ta' vjaġġar u trasport li huma aktar sostenibbli. Fl-aħħar snin rajna l-inizjattiva tas-servizz tal-linja b'xejn għal kulħadd. Fil-ġimgħat li għaddew sar b'xejn ukoll is-servizz tal-ferries madwar il-portijiet u nħares 'il quddiem biex dan is-servizz ta' vjaġġar bil-baħar jkompli jiġi estiż għal aktar lokalitajiet, inkluż lejn in-Naħa ta' Fuq ta' Malta. Dan għaliex irridu li aktar persuni jużaw dawn il-mezzi alternattivi ta' vjaġġar minflok il-vettura privata tagħhom.

Għaddej ukoll investiment għall-elettrifikazzjoni tat-trasport pubbliku u diġà tħabbar proġett għall-elettrifikazzjoni tal-flotta tal-vetturi tas-settur pubbliku. Irridu li l-familji u n-negozji jkomplu jinvestu fl-elettrifikazzjoni tat-trasport. Hawnhekk qegħdin naħdmu wkoll biex inżidu l-public charging points madwar il-pajjiż kollu. L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma (EWA) tinsab fl-aħħar preparamenti għall-proġett biex dawn iċ-charging points jiżdiedu sostanzjalment mit-372 li għandna bħalissa għal 1,200. Fl-istess waqt, il-Gvern qed ikompli jżid u jsaħħaħ l-għajnuniet għall-familji u n-negozji li jridu jinvestu f'karozzi elettriċi.

Proġett ambjentali ieħor biex innaqqsu l-emissjonijiet tas-settur tat-trasport huwa dak tal-konnessjonijiet tal-elettriku shore-to-ship għall-vapuri li jidħlu fil-Port il-Kbir li beda jopera proprju f'dawn l-aħħar xhur. Wara li fis-snin li għaddew għalaqna l-power station tal-Marsa, issa qegħdin nindirizzaw ukoll l-emissjonijiet tal-vapuri għal eluf ta' familji li jgħixu madwar il-Port il-Kbir.

F'dan kollu l-edukazzjoni hija kruċjali u importanti biex niżguraw li l-ġenerazzjonijiet futuri jagħrfu l-importanza ta' attitudnijiet li jgħinu biex jaċċertaw azzjoni klimatika. Regolarment niltaqa' ma' studenti u jispjegawli dak li qed jitgħallmu dwar l-ambjent u anke dwar il-klima. F'laqgħat li kelli mal-istudenti, pereżempju fiċ-Ċentru ta' Edukazzjoni Ambjentali ġdid li ftaħna fil-Buskett, meta ltqajt ma' studenti Għawdxin li ġew Malta, l-istudenti tal-Kulleġġ De La Salle u meta ltqajt mal-istudenti fiċ-Ċentru ta' Xrobb l-Għaġin, dejjem urew l-għarfien tagħhom dwar diversi sfidi ambjentali li jħallu impatt ukoll fuq il-klima tagħna. Fost affarijiet oħra jsemmulek il-kwalità tal-arja, it-trasport u l-iskart irresponsabbli fil-kampanja jew fil-bajjiet u l-ibħra tagħna. Nemmen b'inizjattivi bħalma huma EkoSkola, fejn eluf ta' tfal qed jitgħallmu jagħrfu s-sehem tagħhom fit-transizzjoni ambjentali.

Sur President, hawnhekk ippermettili nirringrazzja lin-Nature Trust, lill-membri ta' EkoSkola u lil ħafna għaqdiet ambjentali oħra li jmexxu ħafna inizjattivi edukattivi bħal dawn fl-iskejjel u anke fil-komunitajiet tagħna. Fl-aħħar

snin, bħala Gvern nidejna diversi kampanji ta' edukazzjoni ambjentali, fosthom il-#ClimateOn Campaign u Saving Our Blue li naf kemm hija popolari man-nies, b'mod partikolari mat-tfal tagħna. Permezz ta' ħafna attivitajiet u inizjattivi oħra edukattivi qed inkomplu nressqu aktar tfal u aktar adulti lejn it-tranżizzjoni ekoloġika li għandna bżonn nagħmlu bħala pajjiż wieħed sħiħ.

Suġġett ieħor li jsemmuli t-tfal huma l-ispazji miftuħa. Qed niftakar bħalissa fl-istudenti tal-iskola sekondarja fil-Mosta u anke t-tfal tal-iskola primarja tal-Qrendi li flimkien magħhom tkellimt dwar l-ispazji li huma joħolmu li jkollhom. F'dan il-qasam ukoll qed inwettqu l-akbar pjan ta' investiment ambjentali li qatt ra pajjiżna. F'kull proġett li qed nagħmlu qed naraw li ninkludu ħafna siġar u pjanti oħra indiġeni li joħolqu ekosistemi ta' flora u fawna fil-qalba tal-komunità biex inressqu l-ambjent naturali aktar qrib il-postijiet fejn ngħixu, nistudjaw jew naħdmu.

Diġà lestejna ħafna spazji miftuħa. Ewlenin fosthom hemm il-Park ta' Bengħajsa, fejn għandek spazju ta' 17,000 metru kwadru li qabel kienet art mitluqa u llum huwa oasi b'eluf ta' siġar u pjanti oħra. Għandek spazji għall-picnics u passaġġi twal għall-mixi. Għandna r-riabilitazzjoni tal-miżbliet ta' Wied Fulija u l-Qortin, fejn hemmhekk minflok miżbliet ħloqna żewġ spazji u postijiet mill-isbaħ bi spazji kbar mimlija siġar. Park kbir ieħor li investa fih dan il-Gvern f'dawn l-aħħar snin huwa l-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali u lestejna wkoll ħafna spazji miftuħa oħra f'diversi lokalitajiet.

Nista' nsemmi, fost oħrajn, r-restawr ta' Ġnien Romeo Romano f'Santa Venera, l-ewwel eco-garden fi Ġnien ir-Rinella l-Kalkara, Ġnien San Filippu fil-Furjana, Ġnien Victor Calvagna fil-Mosta, Minden Grove f'Ta' Qali, l-estensjoni tal-Park ta' San Klement f'Ħaż-Żabbar, l-estensjoni tal-Park tal-Familja f'Wied il-Għajn, Milbrae Grove fil-Mosta, ġnien u dog park f'Ħal Safi, ir-riabilitazzjoni ta' Ġnien iż-Żgħażagħ fil-Gudja, ir-restawr tal-ġonna tal-Mall fil-Furjana u ħafna oħrajn. Ngħid ukoll li se nifthu oħrajn fix-xhur li ġejjin. Hawnhekk insemmi r-restawr ta' Ġnien Spencer fil-Marsa, eco-garden ġdid fil-Mosta, Ġnien id-Dakkara f'San Ġwann, l-estensjoni ta' Ġnien is-Serenità f'Santa Luċija u anke l-park l-ġdid fiż-żona magħrufa fuq il-Glacis fil-Birgu.

Ħabbarna għadd ta' proġetti oħra li qegħdin nippjanaw mal-kunsilli lokali, għaqdiet volontarji u entitajiet oħra li ħafna minnhom se jkunu qegħdin jibdew proprju din is-sena. B'kollox, dawn is-16-il proġett komunitarju se jfissru 80,000 metru kwadru ta' spazji mħaddra ġodda, għaxar darbiet daqs il-Fosos tal-Floriana. Din is-sena se nibdew ix-xogħol fuq diversi proġetti, fosthom l-ewwel eco-garden f'Għawdex li se jsir fix-Xewkija, u permezz ta' GreenServ qegħdin nippjanaw proġett biex l-impjant ta' riċiklaġġ f'Wied il-Għajn li waqqaf l-operat tiegħu fl-2022 nibdluh f'park tal-familja. Biex insaħħu din il-ħidma allokajna wkoll fondi Ewropej.

L-akbar żewġ proġetti b'dawn il-fondi se jsiru fil-Fgura u f'Bormla. Fil-Fgura għandek art kbira biswit is-swar tal-Kottonera li ilha għal snin twal magħluqa u issa se tinfetaħ għall-pubbliku biex isir park ġdid. Imbagħad, man-naħa l-oħra tas-swar f'Bormla, qegħdin naraw it-tieni proġett li jinkludi riġenerazzjoni ta' Ġnien Kottoner sabiex fih isir park innovattiv li jinkoraġġixxi ħajja aktar attiva. Dawn il-ġonna kbar flimkien mal-Park ta' San Klement se jingħaqdu flimkien b'passaġġi siguri biex joħolqu dak li se jkun l-akbar park fin-Nofsinhar ta' Malta. Imbagħad f'Baħar iċ-Ċagħaq se noħolqu ġnien ġdid b'żoni rikreattivi differenti, fosthom korsa tal-mixi u anke logħob għat-tfal.

Diġà rreferejt għall-park ta' Bengħajsa, fejn permezz ta' fondi Ewropej se naraw li nirdoppjaw l-ispazju miftuħ ta' dan il-park b'aktar siġar u elementi sostenibbli oħrajn, fosthom mogħdijiet tar-roti apposta għat-tfal. Bħalissa għaddej ukoll l-ippjanar ta' diversi proġetti kbar, fosthom dak li se jbiddel il-qalba ta' San Ġwann fejn se nagħmlu park ġdid minflok parti minn triq ewlenija u parkeġġ eżistenti fl-inħawi tal-knisja parrokkjali.

Proġett simili li għalih għadhom kemm iddaħħlu l-applikazzjonijiet tal-iżvilupp quddiem l-awtoritajiet huwa dak tal-ġnien ġdid f'Bormla, fejn se nittrasformaw żona li qabel kienet ippjanata għall-iżvilupp f'parkeġġ taħt l-art u spazju miftuħ b'ħafna faċilitajiet rikreattivi għall-komunità. Qegħdin nagħmlu dan għaliex aktar ma jkollna spazji miftuħa bħal dawn, aktar ikollna arja nadifa u komunitajiet li jgħixu f'ambjent aktar b'saħħtu bi kwalità ta' ħajja aħjar.

Quddiem din l-isfida għandek is-sehem tal-intrapriża li huwa kruċjali. In-negozji u l-imprendituri f'pajjiżna huma pilastru ewlieni tal-

azzjoni klimatika. Jekk irridu nilħqu l-mira ta' ekonomija li ma tniġġisx, bilfors irridu nixprunaw lill-intrapriżi ħalli huma wkoll jinvestu fis-sostenibbiltà. Matul is-snin l-imprendituri f'pajjiżna wrew determinazzjoni u ħila kbira biex minkejja l-limitazzjonijiet ġeografiċi ta' pajjiżna, xorta waħda joħolqu l-ġid u rnexxielhom joħolqu l-impjiegi.

Gvern Laburista jemmen li din id-determinazzjoni hija waħda mill-ikbar riżorsi ta' pajjiżna. Nemmnu li din id-determinazzjoni hija kruċjali għat-tranżizzjoni ambjentali. Fis-snin li għaddew ħdimna bi sħiħ biex noffru għajnuniet kbar lin-negozji ħalli anke huma jibdew it-triq ta' dekarbonizzazzjoni u s-sostenibbiltà. Rajna li l-għajnuniet kollha li l-Gvern jagħti lin-negozji jkollhom fihom inċentivi li jħajru iżjed investiment fl-enerġija nadifa, fl-effiċjenza, fl-użu tal-enerġija u l-ilma, fl-innovazzjoni, fit-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart u anke f'operat b'inqas tniġġis, fost oħrajn.

Fil-fatt, fl-aħħar Baġit irdoppjajna l-fondi għall-inizjattivi ta' appoġġ lin-negozji b'investiment ta' madwar €60 miljun. Ħafna minn dawn il-fondi qegħdin jgħinu lill-kumpaniji f'Malta u Għawdex biex isiru aktar sostenibbli. Nista' nsemmi diversi inizjattivi, fosthom l-iskema Smart and Sustainable Investment Grant li s-sena li għaddiet irdoppjajnieha biex issa qed tagħti sa €140,000 f'għajnuna finanzjarja lin-negozji li jinvestu fis-sostenibbiltà. Għandna ħafna fabbriki li b'dawn l-għajnuniet diġà naqqsu eluf ta' kilogrammi ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-sena.

Qed nallokaw għajnuniet finanzjarji kbar anke biex in-negozji jkomplu jinvestu fl-enerġija rinnovabbli u f'sistemi ta' effiċjenza fl-enerġija u l-ilma. Permezz ta' diversi skemi, qegħdin ngħinu lin-negozji u lill-imprendituri biex jevalwaw l-operat tagħhom u jaraw kif jistgħu jsiru aktar effiċjenti biex inaqqsu l-impatt tagħhom fuq il-klima.

Bl-allokazzjonijiet li offrejna għall-proġetti ta' pannelli fotovoltajċi kbar u medji, is-sena li għaddiet biss inċentivajna lis-settur privat biex jiġġenera enerġija nadifa għal madwar 3,650 familja, li jfisser 6,000 anqas tunnellata ta' emissjonijiet tal-karbonju fis-sena. Iżda nemmnu li s-settur privat f'pajjiżna kapaċi jinvesti ferm aktar. Fil-fatt, matul l-2024 qegħdin inkomplu nżidu dawn l-allokazzjonijiet għal sistemi ta' enerġija rinnovabbli kbar.

Fl-2021, bħala Ministeru konna l-ewwel li bdejna ngħinu lin-negozji biex jintroduċu l-kriterji u l-azzjonijiet tal-ESG fl-operat u l-investiment tagħhom. Minbarra għajnuniet differenti marbuta mar-rappurtaġġ u l-implimentazzjoni tal-prattiċi stabbiliti mill-prinċipji tal-ESG, bdejna wkoll l-ewwel ESG portal f'Malta biex kumpaniji privati jkejlu u jirrapportaw it-titjib li jagħmlu fl-oqsma ambjentali, soċjali u ta' governanza. Hawnhekk ukoll qegħdin naraw sinjali ċari ta' titjib fl-azzjoni li tindirizza t-tibdil fil-klima. Fost l-ewwel riżultati tal-kumpaniji li qegħdin jirrapportaw l-progress tagħhom rajna tnaqqis ta' 8% fl-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju, is-$CO_2$, u 9% inqas ġenerazzjoni ta' skart. Is-sena li għaddiet, fil-fatt, ħabbarna skemi ġodda biex aktar kumpaniji jiksbu r-riżorsi tekniċi meħtieġa biex jibdew iwettqu azzjonijiet pożittivi u jirrapportaw it-titjib tagħhom fuq il-kriterji tal-ESG.

Nemmnu li f'pajjiżna għandna l-aptit u l-kapaċità għal aktar inizjattivi ta' green finance. Huwa ta' sodisfazzjon ukoll għal pajjiżna li naraw kif għandna ħafna banek li llum saru joffru rati vantaġġużi ta' self fuq proġetti ambjentali, kemm għall-familji kif ukoll għan-negozji. Dan ifisser li anke l-istituzzjonijiet finanzjarji qed jagħrfu l-importanza tal-azzjoni klimatika. Is-sena li għaddiet rajna żvilupp storiku f'dan il-qasam hekk kif il-KSI kienet l-ewwel f'Malta li ħarġet green bonds għal proġetti ambjentali. Kienet ukoll l-ewwel utility fl-Unjoni Ewropea li ħarġet green bonds. Hawn qegħdin nitkellmu dwar sejħa ta' €25 miljun f'bonds li nħatfet fi ftit sigħat. Din hija turija ta' kemm hawn aptit u fiduċja f'dawn il-proġetti ambjentali.

Dwar il-ħruġ ta' green bonds qegħdin immexxu bl-eżempju u mhux bil-kliem. Urejna li hemm opportunitajiet kbar f'dan it-tip ta' investiment ambjentali li huwa kruċjali għall-azzjonijiet klimatiċi li pajjiżna jeħtieġ jieħu fis-snin li ġejjin. Dan il-Gvern se jkompli jaħdem biex nagħmluha aktar faċli għall-kumpaniji privati li joħorġu dawn it-tip ta' bonds u biex ikollna aktar riżorsi finanzjarji ddedikati għall-proġetti ta' adattament u anke mitigazzjoni klimatika.

Kif se jispjegaw kelliema oħra waqt din id-diskussjoni, hemm ħafna oqsma oħra li fihom qed naħdmu biex nilħqu l-miri klimatiċi ta' pajjiżna. Għandna quddiemna pjanijiet varji li tressqu quddiem il-Kummissjoni Ewropea. Hemm bżonn li nżidu l-koordinament u r-riżorsi ħalli nwettqu

dawn il-pjanijiet b'suċċess u b'ambizzjoni. Huwa għalhekk li l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima li qed nipproponu llum se tkun qed tikkordina l-isforzi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-klima, tqajjem kuxjenza dwar it-tibdil fil-klima u timplimenta programmi ta' mitigazzjoni u adattament, fost responsabbiltajiet oħra.

Ix-xogħol li wettaqna s'issa qiegħed dejjem jintensifika sabiex inkunu qed inlaħħqu l-miri tagħna. Kif semmejt qabel, l-isfidi huma kbar, imma pajjiżna ma jistax jaqa' lura. Pajjiżna ma jistax ma jippreparax biex jibqa' kompetittiv f'dinja li qed taqbel li għandu jkun hemm tranżizzjoni mill-fossil fuels u għaldaqstant irridu naraw li s-setturi ekonomiċi tagħna jadattaw ruħhom biex jibqgħu reżiljenti u b'ħaddiema b'ħiliet ġodda u neċessarji għal din il-bidla.

Pajjiżna qed jaħdem biex joħloq niċeċ ġodda ta' attività ekonomika li toħroġ mit-tranżizzjoni l-ħadra. Fuq kollox, pajjiżna jrid ikun eżempju ta' tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jaqa' lura. Tajjeb li nfakkru li Gvern Laburista kien l-ewwel Gvern li abbozza liġi dwar il-tibdil fil-klima fl-2015, ftit qabel it-Trattat ta' Pariġi, liema liġi kienet strumentali biex niġbru taħt qafas legali wieħed il-liġijiet kollha li jittrattaw l-obbligi tagħna dwar it-tibdil fil-klima. Però ma waqafniex hemmhekk. Deher biċ-ċar li l-ħidma bla waqfien fil-politika tal-Gvern dwar it-tibdil fil-klima teħtieġ qafas istituzzjonali ġdid li jkompli jmexxi 'l quddiem din l-azzjoni li dejjem qed issir aktar iffokata.

F'dawn l-aħħar snin Malta ħadet id-deċiżjoni ambizzjuża u kuraġġuża li tilħaq kollettivament ma' stati membri oħra n-newtralità tal-klima sal-2050. Huwa għalhekk li llum qegħdin inressqu dan l-Abbozz ta' Liġi biex nagħtu ħajja lill-Awtorità li tiffoka fuq l-azzjoni dwar il-klima. L-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima se tieħu r-responsabbiltà ta' issues relatati mal-politika dwar it-tibdil fil-klima, l-għarfien dwar il-klima, kif ukoll programmi u inizjattivi dwar it-tibdil fil-klima, inkluż il-miżuri ta' mitigazzjoni u ta' adattament. Se ssegwi u tevalwa l-impatt ta' attivitajiet differenti u tikkordina l-proposti, mhux biss ma' entitajiet governattivi imma anke ma' dawk privati. Din l-Awtorità, bħala istituzzjoni pubblika b'personalità ġuridika, se tkun qed tmexxi 'l quddiem b'mod koordinat awtoritajiet oħra li jirregolaw f'pajjiżna. Se tkun awtorità li tirregola l-mira għad-dekarbonizzazzjoni u dawk biex nadattaw u nippreparaw lil pajjiżna għat-tibdil fil-klima.

Il-Gvern, fil-Baġit għas-sena 2024, introduċa u tejjeb sensiela ta' miżuri li jindirizzaw it-tibdil fil-klima. Għall-ewwel darba fl-istorja ta' pajjiżna qed jingħata baġit speċifiku ta' €1.75 miljun għat-twaqqif u l-operat ta' awtorità dwar l-azzjoni klimatika. Fil-fatt, il-Baġit 2024 inkluda wkoll allokazzjonijiet oħra li huma relatati, fosthom għall-Climate Action Fund li għall-ewwel darba se narawh jiġi azzjonat u ggvernat mill-Awtorità li qed tiġi mwaqqfa b'dan l-istess Abbozz.

Sur President, b'dan l-Abbozz ta' Liġi qed nuru b'mod ċar fejn se nieħdu lil pajjiżna fiż-żmien li ġej, fejn mhux biss qegħdin nippreżentaw dan l-Att imma qed ngħidu kif se nkunu qegħdin nimplimentawh. Permezz ta' dan l-Abbozz qed naraw li jkollna awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għall-eżerċizzju tal-azzjoni dwar il-klima u azzjoni biex nimmitigaw u nadattaw għat-tibdil fil-klima. Din l-Awtorità se tikkordina u se tissorvelja l-politika u l-miżuri ta' mitigazzjoni u adattament u kwalunkwe kwestjonijiet li huma konnessi magħhom, sabiex tipprovdi wkoll għar-rappurtaġġ ta' tali azzjoni dwar il-klima.

Hawnhekk qegħdin naraw Att li se jservi ta' għodda għal kulħadd. L-Awtorità se jkollha l-obbligu li tara li l-Gvern ikun qed iwettaq dawn l-obbligi, tagħti pariri u tipproponi strateġija u pjanijiet ta' azzjoni fuq bażi xjentifika sabiex il-Gvern jimxi fit-triq it-tajba ħalli jilħaq il-mira tan-newtralità klimatika. Din l-Awtorità ġdida se jkollha diversi responsabbiltajiet bħall-kumpilazzjoni tal-inventarju tal-greenhouse gas emissions, il-kumpilazzjoni ta' rappurtaġġ ieħor, filwaqt li se sservi ta' awtorità kompetenti għall-implimentazzjoni tal-liġijiet Ewropej fir-rigward ta' klima u policies oħra relatati.

Nifhmu li hekk kif l-obbligi f'dan ir-rigward qed jikbru, hemm bżonn urġenti li nagħmlu dan it-tisħiħ istituzzjonali sabiex Malta mhux biss tagħmel dmirha u tissodisfa dak li hija obbligata tagħmel, imma anke ssaħħaħ il-kapaċità sabiex l-isfidi u l-obbligi ndawruhom f'opportunitajiet. Però l-viżjoni tiegħi u ta' dan il-Gvern ma tiqafx fuq il-bżonnijiet tal-lum, imma tħares aktar 'il quddiem. Ħassejna li l-Att dwar il-Klima kellu bżonn jitneħħa u jsir mill-ġdid, għaliex irridu ninkludu fih l-artikoli kollha rigward l-Awtorità l-ġdida kif ukoll bdilna, irranġajna u neħħejna artikoli skont il-bżonn tal-Att nnifsu.

L-Awtorità ġdida se jkollha bord tad-diretturi, kap eżekuttiv, kif ukoll in-National Climate Action Council. Dan l-Att qed jistabbilixxi t-twaqqif ta' dan il-kunsill li jkun indipendenti mill-Gvern u li se jikkonsisti minn esperti f'oqsma relatati mal-klima, inkluż dawk xjentifiċi, politika pubblika, finanzi, politika ekonomika u anke soċjali. Qed noħolqu dan il-kunsill indipendenti għaliex irridu noħolqu forum li għandu jgħin fit-twettiq tal-ħidma tal-Awtorità. Il-kunsill se jkun qed jara wkoll li jirrapporta dwar il-progress li jkun qed jiġi reġistrat. Permezz ta' dan il-pass, l-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima se tkun qed tieħu post dik li llum hija magħrufa bħala l-Malta Resources Authority (MRA). Għalhekk, dan l-Abbozz ta' Liġi qiegħed ukoll jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549 tal-Liġijiet ta' Malta, imma dwar dan it-tibdil inkunu nistgħu nitkellmu f'seduta parlamentari oħra.

Sur President, b'dan kollu li qegħdin nipproponu qegħdin inwessgħu d-definizzjoni u l-ambitu tal-azzjoni klimatika biex ninkludu fiha l-oqsma kollha relatati, mhux biss dawk marbutin mal-emissjonijiet fl-arja. Qed nagħmlu dan għax qegħdin naraw x'qed jiġri madwarna kif ukoll fejn irridu lil pajjiżna fis-snin li ġejjin. Dan il-Gvern se jkompli jappoġġja lill-komunitajiet fit-tranżizzjoni ambjentali meħtieġa biex nadottaw politika li tinċentiva lin-nies u mhux politika ta' impożizzjoni u kastigi. Irridu li din it-tranżizzjoni tkun impenn kollettiv. Fl-istess waqt irridu li l-Gvern jibqa' jappoġġja lis-soċjetà kollha kemm hi biex flimkien intaffu l-ħsara li diġà saret globalment fil-passat u nassiguraw li din il-ħsara ma tibqax iseħħ. Dan biex inħallu lil ta' warajna pajjiż ferm aħjar milli sibnieh aħna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. L-Onor. Robert Cutajar.

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Sur President, ninforma lill-Kamra li skont ftehim milħuq mal-Whip tal-Gvern, l-Onor. Eve Borg Bonello, li hija l-ewwel kelliem tal-Oppożizzjoni, se tkun qed tagħmel id-diskors tagħha fis-seduta ta' għada, peress li bħalissa għaddejja b'eżami.

**L-ISPEAKER:** Nawguraw lill-Onor. Eve Borg Bonello li tmur tajjeb fl-eżami! Aktar rimarki? L-Onor. Albert Buttigieg.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, quddiemna għandna l-Abbozz ta' Liġi Nru 89 dwar it-tibdil tal-klima u t-twaqqif ta' Awtorità ġdida biex tieħu l-passi meħtieġa biex tħares it-tibdil tal-klima. Filwaqt li bħala Oppożizzjoni nilqgħu dan l-Abbozz ta' Liġi bil-qalb kollha u naqblu fl-intenzjoni tiegħu, irrid nistqarr li dan huwa tliet snin tard. Qed ngħid dan għaliex irrid infakkar lil din l-Kamra li fl-2019 u fl-2022, il-Partit Nazzjonalista kien għamel din il-proposta, li daħħalha fil-manifest elettorali tal-2022. Ma nafx x'kienet l-attitudni tal-Partit Laburista dak iż-żmien, forsi kienet bħas-soltu, fejn jgħid li aħna negattivi u allura l-proposta tagħna ma qablux magħha. Infakkar li din il-Kamra kienet laqgħet it-talba tal-Partit Nazzjonalista biex f'pajjiżna niddikjaraw li qegħdin f'emerġenza tal-klima. Kif jgħidu l-Ingliżi, better late than never, jew inkella kif jgħid il-Malti, min imaqdar irid jixtri! Dan għaliex din il-proposta qed narawha ssir illum, proprju tliet snin wara li saret minn din in-naħa tal-Kamra.

Lil hinn mill-battibekki politiċi rridu naqblu lkoll bejnietna li dan il-fenomenu huwa realtà. Ma nistgħux nibqgħu nippretendu u ngħidu li din hija bħal xi ħolma jew fantasija ta' xi ambjentalisti fanatiċi. Sa ftit taż-żmien ilu, sfortunatment, mhux l-ewwel darba li xi ħadd li kien jitkellem fuq il-klima kien jiġi ttimbrat li hu ambjentalista fanatiku u li dak li qed jgħid mhux minnu. Illum ix-xjenza qiegħda turina ċar daqs il-kristall li din hija r-realtà u li hemm relazzjoni bejn l-ambjent u l-klima. Ambjent tajjeb iwassal għal klima tajba u ambjent ħażin se jwassal għal klima ħażina.

Il-pjaneta tagħna, li fir-realtà nistgħu nsejħulha d-dar komuni tagħna, issa ilha għal diversi snin tibgħatilna messaġġ wara l-ieħor taħt forma jew oħra li aħna r-razza umana m'aħniex qegħdin nibżgħu għan-natura, li nsejħulha l-omm tagħna u qed nagħmlu l-ħsara lil din ommna. L-esperjenza qiegħda turina li meta nagħtu bis-sieq lin-natura fir-realtà nkunu qed inġibu l-ġebla fuq saqajna. Dan għaliex din il-pjaneta hija d-dar tagħna u l-post fejn irridu ngħixu. Għalhekk, ma nistgħux nibqgħu niġġustifikaw, f'isem il-progress jew il-profitt, ikun xi jkun il-prezz, u nkomplu nkissru u nagħmlu ħsara lid-dar komuni tagħna.

Għalkemm Malta u l-klima tagħna l-Maltin tiddependi ħafna minn diversi fatturi oħrajn, fosthom it-tniġġis minn pajjiżi akbar minna, bħalma huma ċ-Ċina u l-Amerika, xorta waħda għandna responsabbiltà u aħna mistiedna biex nagħmlu l-parti tagħna, għaliex bħala parti minn

din id-dinja u l-familja umana rridu lkoll kemm aħna, anke f'pajjiż żgħir bħal tagħna, nagħmlu l-parti tagħna. Dan nagħmluh aktar u aktar meta l-ekosistema tagħna qiegħda tinbidel bil-mod il-mod u qed issir tixbah lill-klima ta' deżert. Dan mhux qed ngħidu jien imma qed jgħiduh nies li huma studjużi fil-mestier, fejn qed isostnu li l-ekosistema fil-Mediterran, inkluż f'pajjiżna, qiegħda tersaq bil-mod il-mod għall-klima ta' deżert.

Dan m'għandniex għalfejn immeruh, għaliex rajnieh fis-sajf li għadu kemm għadda, li kien sajf diffiċli għal kulħadd u kellna ħafna qtugħ ta' dawl għaliex ix-xemx tant kienet qawwija li l-wires u l-pajpijiet spiċċaw dabu! Ninsabu fi Frar, illum kienet ġurnata sabiħa, imma fir-realtà mhux normali li fil-bidu ta' Frar ikollna dan it-temp sħun. Ġeneralment lil Frar nassoċjawh ma' San Pawl u t-tempesti, jiġifieri dan mhuwiex temp taċ-ċiklu naturali. Dan qed ikompli jikkonferma li anke f'pajjiżna qed nesperjenzaw it-tibdil tal-klima. Dan se jħalli impatt kbir mhux biss fuq il-bdiewa u l-prodotti agrikoli tagħhom imma anke fuq il-kwalità tal-ħajja tagħna u saħansitra fuq il-pakkett turistiku tagħna. Dan għaliex għalkemm it-turisti jieħdu gost għax għandna x-xemx, imma jekk ikollna ħafna xemx, hemm turisti li ma jersqux lejna għax ma jissaportux ċertu ammont ta' sħana.

Għalhekk, huwa tajjeb li qegħdin nagħmlu dan il-pass 'il quddiem fejn qegħdin nitkellmu fuq it-twaqqif ta' din l-Awtorità li se tieħu ħsieb il-ħarsien tal-ambjent. Imma, u hawn irrid inpoġġi l-imma tiegħi għax nemmen li tajjeb li nirriflettu fuqha, it-twaqqif ta' awtorità fiha nnifisha mhux se jbiddel is-sitwazzjoni u mhux se jkun is-soluzzjoni għat-tibdil fil-klima tagħna. Irridu nkunu onesti biżżejjed li nistaqsu din il-mistoqsija: Imma din l-Awtorità, li lkoll qegħdin naqblu dwarha, se tkun sempliċement awtorità oħra, li fuq il-karta għandna ħafna minnhom, jew se jkollu s-saħħa u l-vuċi?! Irridu nkunu onesti biżżejjed u ngħidu li din se tkun awtorità oħra bħal ħafna oħrajn.

Sfortunatment għandna diversi awtoritajiet, anke fl-ambitu ambjentali, li jissodisfaw il-liġi imma meta niġu għall-fatti, dawn l-awtoritajiet jonqsu mid-dmir tagħhom, jew idawru wiċċhom, jew ma jagħtux kas, jew jaqgħu fis-silenzju. Hawn se nagħti ftit eżempji biex min qiegħed isegwina jifhem li għandna awtoritajiet għall-ħarsien tal-ambjent, imma dawn mhux l-ewwel darba li jonqsu mid-dmirijiet tagħhom lejn il-ġid komuni.

Insemmi l-ewwel l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) li suppost tħares l-interessi tal-ambjent imma ħafna drabi mhux biss tonqos minn dmirha, ma titkellimx u ma tagħtix ir-risposti tagħha, imma saħansitra taħsel idejha jew ma tinvolvix ruħha. Hawn insemmi każ partikolari fejn l-ERA taħsel idejha għax tgħid li m'għandhiex il-forza tidħol fuq il-kwestjoni. Qed nirreferi għall-kwestjoni tal-impjant tat-tarmak fl-Iklin u San Ġwann fejn ir-residenti kontinwament qed jgħidu li qed ixommu rwejjaħ ta' tarmak, u l-ERA taqa' fil-muta. Nista' nġib eżempji wieħed wara l-ieħor f'San Ġiljan u Paceville, li meta jien kont sindku konna naraw l-ERA tkun kompliċi f'ċerti applikazzjonijiet.

Insemmi l-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman li għalkemm ngħid li mhux l-ewwel darba jiġbed l-attenzjoni, jispiċċa injorat mhux biss mill-Awtorità tal-Ippjanar imma anke minn din il-Kamra stess. Infakkar li dan l-aħħar il-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar poġġa rapport fuq din il-Mejda tal-Kamra dwar struttura fil-Balluta u bqajna ma tajniex kasu.

Insemmi Awtorità oħra li taħdem fil-qasam tal-ambjent, li donnha taqa' fil-muta, li hija s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, li mhux biss xi kultant tiġi injorata imma saħansitra tagħlaq għajnejha u lanqas biss titkellem fuq sitwazzjonijiet li huma ta' interess ambjentali. Lanqas kienet kapaċi ġġib lura l-ġebla li ħadilha l-Ministru Anton Refalo fid-dar tiegħu! Din l-Awtorità ma kenitx kapaċi tieħu pożizzjoni u tgħid li dik il-ġebla trid terġa' tintradd lura. Lanqas dik il-forza ma kellha!

U jekk insemmi the cherry on the cake, kif jgħidu l-Ingliżi, hemm l-Awtorità tal-Ippjanar li għal diversi drabi tmur kontra l-policies tagħha stess biex tipprova taġevola, taqdi u tpaxxi lil xi 'fat cat', kif inħobb insejħilhom jien! Jekk hawn min irid eżempji ta' dan, għandi lista sħiħa ta' kemm-il darba l-Awtorità tal-Ippjanar, li suppost qiegħda hemm biex tħares lill-ambjent, għażlet li taġevola l-applikant minflok issegwi l-policies tagħha stess.

Għalhekk, filwaqt li naqblu, inkluż jien personalment, mal-proposta li jkun hemm din l-Awtorità, imma jekk din se tkun kelb jinbaħ u ma jigdimx, allura se tkun kelb ieħor li qiegħed

jinbaħ u m'hemmx sugu fih! Meta nara t-track record ta' diversi awtoritajiet, ma tlumnix li jien u diversi oħrajn bħali ninsabu ftit xettiċi meta nibdew nisimgħu fuq awtorità oħra. Però nagħtu l-benefiċċju tad-dubju, nistennew u naraw.

Sadanittant, jekk irridu nkunu onesti magħna nfusna u maċ-ċittadini u jekk verament irridu nħarsu l-ambjent u naħdmu favur il-klima, irridu nagħmlu mistoqsija sempliċi u nistaqsu: Iva jew le? Jekk iva, u nittama u nistenna li r-risposta tkun iva, allura ma nistgħux nieħdu deċiżjonijiet li mhumiex diffiċli, ma nistgħux nibqgħu nibżgħu nidhru koroh, u rridu nipproponu mod u stil ġdid ta' ħajja. Bħal meta pazjent ikun mgħarraf li għandu l-pressjoni jew il-kolesterol għoli u t-tabib jgħidlu li jekk ma jridx jara n-naħa l-oħra, irid ibiddel l-istil tal-ħajja tiegħu u jieħu ċerti deċiżjonijiet, anke jekk huma diffiċli, bħal pereżempju li jieqaf jiekol il-ġobon u l-laħam proċessat għax huma ta' ħsara. Bl-istess mod jekk irridu nsalvaw l-ambjent u l-klima tagħna, irridu nkunu kapaċi li nbiddlu l-istil ta' ħajja tagħna u nieħdu deċiżjonijiet diffiċli u iebsa, imma neċessarji.

F'dan il-kuntest nixtieq nagħmel numru ta' mistoqsijiet li għandhom joffru punti ta' riflessjoni jew it-triq 'il quddiem. L-ewwel nett biex verament nibżgħu għall-ambjent, wasal iż-żmien li naċċettaw li ma nistgħux nibqgħu nibnu, nibnu u nibnu, anke jekk xi ħadd qalilna li għandna nibnu għal 100 sena oħra?! Il-Ministru tkellmet fuq l-ambjent. Żgur li jekk hemm xi ħaġa li l-Partit Laburista ma jistax jiftaħar biha, din hija l-ambjent, għax kemm ilna taħt din l-amministrazzjoni, sar sfreġju fl-ambjent. Nistgħu nkomplu nibnu fil-widien jew fl-Outside Development Zone (ODZ) taħt skuża jew oħra?

Nistgħu nħallu li kamra li ilha s-snin abbandunata, f'daqqa waħda ssir villa jew hotel? Insemmi l-każ tal-Miżieb il-Mellieħa, il-każijiet f'Wied Għomor San Ġiljan u tant eżempji oħra ta' kmamar abbandunati, li ilhom ma jintużaw għal snin twal, u f'daqqa waħda jsiru vilel jew djar. Dan għaliex ivvintajna policy biex nakkomodaw lil xi ħadd u mbagħad ngħidu li rridu nħarsu l-ambjent! Nistgħu nkomplu ma ninforzawx bis-serjetà l-policy fuq il-kontroll tat-trab, pereżempju, meta jkun hemm invjar tal-faċċati jew bini?

Nistieden lill-Ministru tiġi sa San Ġiljan, il-Gżira u Tas-Sliema u tara t-trab tal-kostruzzjoni jtir kontinwament, speċjalment meta jkun ir-riħ. Suppost ikun hemm ilqugħ bi xbieki u apparat ieħor biex jinġabar t-trab, imma l-liġi għal xi wħud tgħodd u għal oħrajn ma tgħoddx!

Wasal iż-żmien li bil-liġi jkollna t-twieqi tagħna double glazed u d-djar bl-insulazzjoni, b'mod partikolari l-binjiet ġodda? Dan għax nafu li jekk ikollok twieqi double glazed se tnaqqas il-konsum tal-enerġija. Wasal iż-żmien li kull dar jew binja jkollha bir għall-ilma tax-xita? F'mistoqsija parlamentari li għamilt, il-Ministru weġibni li l-Awtorità tal-Ippjanar ma tistax tivverifika jekk l-applikazzjoni għandhiex bir jew ġiebja. Il-Kavallieri jagħtuna eżempju, għax il-binjiet tagħhom għamluhom kollha bil-bjar u l-ġwiebi, imbagħad aħna llum għandna l-ilma tax-xita li qed jispiċċa fil-baħar.

Nistieden lill-Ministru tiġi Pjazza Spinola f'San Ġiljan meta tagħmel ix-xita biex tara l-ilma tax-xita li minn San Ġwann jinżel fil-baħar wara l-monument LOVE. Wasal iż-żmien li l-Awtorità tal-Ippjanar tinforza bis-serjetà l-policy ta' one apartment and one car garage jew car space? Il-liġi qiegħda hemm, imma Gvern Laburista, biex jakkomoda lil xi wħud, daħħal eċċezzjoni li jekk inti tħallas multa, tista' ma tagħmilx garage jew car space. Mela minn naħa rridu nnaqqsu l-karozzi mit-toroq u min-naħa l-oħra qed nerġgħu npoġġuhom fit-toroq, għaliex qed naċċettaw li ma jkunx hemm l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' din il-policy.

Inkompli nistaqsi fuq il-kwestjoni ambjentali: Wasal iż-żmien li fuq kull bejt ikun hemm il-pannelli solari? Issa naf li diġà hemm skema intiża għal dan, li ma daħlitx mal-Partit Laburista, għax ix-xemx ma telgħetx meta l-Partit Laburista tela' fil-gvern, imma naf ukoll li ma jiswa xejn li jkollok il-pannelli solari jekk ta' ħdejk jibni u jitfgħek fid-dell u fid-dlam. Jekk nemmnu fl-ambjent, wasal iż-żmien li nibdew nitkellmu fuq is-solar rights, jiġifieri li jkollok id-dritt għax-xemx, u allura nassiguraw li kull applikazzjoni tal-ippjanar ma ttellifx lil ħaddieħor? Sewwa, biex tibni inti, titfa' lili fid-dell il-ġurnata kollha! Għandna l-kuraġġ li nieħdu dawn id-deċiżjonijiet? Tajjeb li l-Ministru tiġi hawn b'ħafna kliem sabiħ fuq l-ambjent imma l-prova hi meta toħroġ għonqok biex twettaq dak li temmen fih, għax hemmhekk trid il-kuraġġ!

Ngħaddi issa għall-karozzi, Sur President. Naqbel ma' dak li qalet il-Ministru li l-karozzi

huma l-akbar polluter tal-ambjent u l-klima tagħna. Irridu nkunu onesti biżżejjed li nagħrfu li aħna għandna ċerta dipendenza fuq il-karozzi, ma mmorru mkien mingħajr karozza, u jekk nistgħu ndaħħlu l-karozza fis-salott jew fil-kċina, nagħmlu dan ukoll! Imma fl-istess ħin wasal iż-żmien li nintebħu li ma jistax jibqa' jkollna 60 karozza ġdida kuljum fit-triq. Tajjeb li l-Ministru tiġi hawn u titkellem dwar dan, imma tajjeb li jibqa' jkollna 60 karozza ġdida kuljum fit-triq? Wasal iż-żmien li naħsbu bis-serjetà li jkollna trasport tal-massa? Nistgħu nitkellmu fuq pjan, imma l-pjan irid ikun pjan u mhux gimmicks kif kellna qabel l-aħħar elezzjoni, b'tinda kbira li swiet ma nafx kemm u ma ħadna xejn minnha. Kif jgħidu l-Ingliżi, twikkejna b'white elephant! Litteralment kellna ħafna pjanijiet u fir-realtà ma kellna xejn!

Wasal il-mument li ngħidu li rridu nagħmlu trasport tal-massa? Għalkemm għandna s-servizz tat-trasport pubbliku b'xejn, kulħadd jaf li dan jintuża mill-barranin jew min-nies li m'għandhomx finanzi biżżejjed biex jixtru karozza. Ma noqogħdux induru mal-lewża u ninħbew wara subgħajna. It-trasport pubbliku huwa tajjeb u żdied, imma żdied għax żdiedet il-popolazzjoni. Dan għaliex Gvern Laburista jippromwovi ċ-cheap labour u min jaħdem f'pajjiżna qed jaqla' l-paga minima u ma jaffordjax karozza, petrol, assikurazzjoni u manutenzjoni u jkollu juża s-servizz tat-trasport pubbliku.

Inkompli nagħmel mistoqsijiet, u dan mhux biex noħloq kontroversja, imma biex nagħmlu diskussjoni serja. Wasal iż-żmien li minħabba l-ammont ta' vetturi fit-toroq tagħna, li huma l-akbar polluter, naraw li ngħollu l-età li wieħed ikollu l-liċenzja tas-sewqan? Din hija mistoqsija, ma jfissirx li qed naqbel jew le magħha, imma nistgħu nikkonsidrawha. Hawn qed ngħid li nagħtu l-liċenzja tas-sewqan aktar tard. Din hija biss mistoqsija.

Wasal iż-żmien li l-ħlas tal-liċenzja tas-sewqan ma jkunx fiss, imma jkun marbut mal-kilometraġġ li tagħmel, jiġifieri pay as you go, fejn aktar ma tuża l-karozza aktar tħallas għall-liċenzja tas-sewqan? B'hekk naqtgħu l-użu bla bżonn tal-karozza. Sintendi, biex ma jkunx hemm xi ħadd li jeħodni barra mill-kuntest, għal dawk li jużaw il-karozzi għal skop ta' xogħol, bħad-delivery persons, irid ikun hemm skema għalihom. Kapaċi nagħmlu din id-diskussjoni?

Wasal żmien li t-test tal-VRT ikun verament test u mhux ċertifikat? Issa hawn ma rrid nagħmel l-ebda akkużi, imma mhux l-ewwel darba li tkun qed issuq wara karozza u tibda tgħid kif irnexxielha tgħaddi mit-test tal-VRT għaliex tidfnek f'daħna totali! Għalhekk, tajjeb li nkunu onesti u nistaqsu jekk il-VRT test hux qed ikun verament test jew sempliċement tħallas u tieħu ċ-ċertifikat.

Wasal iż-żmien li nagħtu aktar għajnuna għall-vetturi elettroniċi? Issa naf li hemm skema għal dan, imma qed nistaqsi jekk nistgħux nagħtu aktar għajnuna u jekk jistax ikollna aktar charging stations. Il-Ministru indikat li se jiżdiedu dawn iċ-charging stations u nemmen li dik hija t-triq 'il quddiem. Dan għaliex ħafna drabi n-nies jaqtgħu qalbhom li jixtru karozza elettrika għar-raġuni li n-numru ta' charging stations huwa limitat u għalhekk jgħidu li mhux vijabbli.

Nistgħu nieħdu proposta oħra li għamilna bħala Partit Nazzjonalista u ninċentivaw lil dawk is-sidien tal-vetturi li għal ċertu żmien ma jużawx il-karozzi tagħhom? Qed ngħidu li dawn il-persuni jkollhom inċentivi, anke fiskali, jekk għal ċertu perjodu ma jużawx il-vettura tagħhom. Hawn mhux qed insemmi affarijiet tad-dinja l-oħra, imma huma affarijiet li f'pajjiżi oħra ħadu deċiżjonijiet dwarhom, għaliex raw li jħarsu l-ambjent.

Ħa niġi issa għas-siġar li nafu li huma mezz ta' ambjent u klima nadifa. Ikoll nafu li s-siġar jagħtuna mhux biss serħan tal-moħħ meta narawhom u nindukrawhom – jien inħobb naħdem fil-ġonna u nieħu gost bihom – imma huma l-pulmun tagħna. Però donnu li f'dan il-pajjiż għandna marda u kull siġra rridu naraw kif naqtgħuha, għal raġuni jew oħra! Għandna din il-manija li kull siġra rridu nqaċċtuha. Il-każ li kellna dan l-aħħar fil-pjazza tal-Mosta huwa eżempju klassiku. In-nies xebgħu u ddejqu jaraw siġar jinqatgħu taħt skuża jew oħra. Allura nistaqsi: Wasal iż-żmien li l-ERA tieqaf tagħmel diskriminazzjoni bejn siġra u oħra?! Hawn qed nirreferi għal siġra endemika u siġra oħra li mhijiex endemika, fejn dik li mhijiex endemika naqtugħha, anke jekk ikollha xi 40 jew 50 sena ħajja fuqha, biex il-kuntrattur ikun jista' jibni l-appartamenti tiegħu. Irridu nifhmu li ma nistgħux nagħmlu diskriminazzjoni bejn is-siġar, għax is-siġar huma kollha ta' għajnuna. Bl-istess mod, u din nemmen ħafna fiha, nistaqsi: Wasal iż-żmien

li l-ġonna tagħna, jiġifieri l-front gardens u l-back gardens, ikunu protetti? Sfortunatament, diversi ġonna, speċjalment f'terraced houses, qegħdin jinqerdu biex jinbnew. Dan minbarra li r-residenti qegħdin jispiċċaw fid-dell. Immaġina jien għandi terraced house bil-ġnien u ta' ħdejja, li għandu terraced house bil-ġnien ukoll, jiddeċiedi li jibni u f'daqqa waħda jien nispiċċa b'ħajt quddiemi! Barra li jtellifni mill-kwalità tal-ħajja tiegħi, qtilna ġnien li huwa l-pulmun ta' dik il-lokalità.

Għalhekk, jekk verament nemmnu fl-ambjent u s-siġar li jaħdmu fuq il-klima, għandna bżonn naraw jekk wasalx iż-żmien li nipproteġu lill-ġonna tagħna. Hawn nagħmel mistoqsija oħra: Wasal iż-żmien li minflok nagħtu s-sussidju fuq il-petrol u l-enerġija lil kulħadd, nisimgħu minn dawk li qegħdin jgħidulna li dan is-sussidju għandu jingħata lil min tassew għandu bżonnu? Dan mhux qed ngħidu jien biss, imma qed jgħiduh awtoritajiet oħra, inkluż il-Ministru għall-Finanzi. Jiġifieri s-sussidju jingħata lil dawk li verament huma fil-bżonn, biex b'hekk il-flus li niffrankaw imorru għal investiment fl-enerġija alternattiva, bħalma huma l-wind farms u s-solar energy.

Issa jien naf li din mhijiex tema popolari. Huwa aktar popolari li tgħid li s-sussidju għandu jieħdu kulħadd, għax hija l-aktar ħaġa li tingħoġob minn kulħadd. Imma ejja nkunu onesti u nistaqsu: Kulħadd huwa bħal kulħadd? Jiġifieri wieħed li jieħu l-petrol sussidjat biex ikun jista' jmur bil-boat Sqallija huwa bħal wieħed li juża l-petrol biex imur jagħmel xogħol part-time? Jew inkella wieħed li juża l-elettriku biex isaħħan l-indoor pool tiegħu huwa l-istess bħal dik l-anzjana li tipprova ssaħħan id-dar tagħha għax fiha ħafna umdità? Naħseb li mhux kulħadd hu bħal kulħadd!

Sur President, jekk irridu nibżgħu għall-klima u jekk verament m'aħniex qed ngħidu biss kliem sabiħ bi slogans u buzzwords biex nintgħoġbu u nkunu popolari, allura ma rridux nibżgħu nieħdu ċerti deċiżjonijiet. Ma nistgħux nibqgħu nibżgħu u niġu rikattati bil-voti. Huwa minnu li kull Gvern jitla' bis-saħħa tal-voti, imma r-responsabbiltà tal-Gvern u anke tagħna fuq din in-naħa tal-Kamra hija li nħarsu l-ġid komuni. Dan nagħmluh billi nkunu ta' għajnuna lil xulxin... 

ħolistiku li jtejjeb l-ambjent tagħna. Nemmen li flimkien aħna aktar b'saħħitna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Hawn qbil li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun issa u li jitressaq l-aġġornament? (Onor. Membri: Iva) Insejjaħ lis-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said biex, jekk jogħġobha, tressaq l-Aġġornament.

*Fis-6.45 p.m. id-diskussjoni ġiet interrotta u baqgħet aġġornata.*

*Il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-Aġġornament.*

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. ALICIA BUGEJA SAJD (Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali)**: Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal għada l-Erbgħa, 7 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

__Ordnijiet tal-Ġurnata__

Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima - Tieni Qari (Kont.);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent -Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari (Kont.);

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkmandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra bi rwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali - Tieni Qari;

Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 – Kontinwazzjoni;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Tielet Qari;

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati - Kumitat Permanenti.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Rimarki? L-Onor. Joe Giglio.

**ONOR. JOE GIGLIO:** Sur President, f'dan l-ewwel aġġornament tiegħi bħala x-shadow minister għall-infrastruttura wara r-reshuffle li għamel il-Kap tal-Oppożizzjoni li fih ġew allokati dekasteri differenti, se niffoka fuq dan id-dekasteru ġdid li ġie fdat lili biex insegwi.

Hija realtà li f'dan il-pajjiż kull wieħed u waħda minna qed inħossu li qegħdin ngħixu f'pajjiż fejn hawn sens qawwi ta' klawstrofobija u qed inħossuna fgati f'pajjiżna stess. Ir-raġuni għal dan hija li l-Gvern nieda pjan ekonomiku msejjes fuq il-kwantità, iżjed milli fuq il-kwalità. Fil-fatt, ilkoll nafu li f'dawn l-aħħar snin kien hawn splużjoni fil-popolazzjoni ta' pajjiżna, konsegwenza tal-fatt li llum għandna ekonomija li hija msejsa fuq l-importazzjoni tal-barranin.

Dan huwa effettivament dak li ġara, għax għandna ekonomija bla pjan, bla viżjoni u mingħajr ebda ħsieb dwar x'impatt din se jkollha fuq il-pajjiż sabiħ tagħna. Huwa fatt li skont il-Ministru Clyde Caruana qiegħed jiġi antiċipat li sas-sena 2040 il-popolazzjoni tagħna tkun waslet viċin it-800,000 ruħ. Immaġina ftit kif f'din il-gżira tagħna, fejn id-daqs u l-parametri tagħha se

jibqgħu l-istess, qed jiġi antiċipat influss li se jwassal biex il-popolazzjoni tagħna tilħaq it-800,000 ruħ!

Huwa minnu li hawn ċerti setturi fil-pajjiż tagħna li jiddependu fuq l-importazzjoni tal-ħaddiema barranin u li llum il-ġurnata ma jistgħux ikampaw jekk mhux bl-importazzjoni ta' ħaddiema barranin. Huwa fatt ukoll li dawn l-industriji li qed nalludi għalihom se jibqgħu bil-ħtieġa li jiġu importati ħaddiema barranin. Però ma jistax ikun li l-ekonomija ta' pajjiżna tibqa' waħda li hija mibnija biss fuq l-importazzjoni taċ-cheap labour. Ikun ħafna aktar għaqli li nibdew inħarsu biex inniedu u ndaħħlu fis-seħħ dak li l-Partit Nazzjonalista ilu jisħaq dwaru, jiġifieri l-ħolqien ta' industriji u niċeċ ġodda li jġibu xorta tkabbir ekonomiku iżda li ma jġibux magħhom dan l-influss qawwi ta' nies li jwassal għal dan is-sens fejn kulħadd qed iħossu fgat f'pajjiżu stess.

Il-Partit Nazzjonalista diġà ppropona diversi niċeċ ġodda li nistgħu ninvestu fihom biex kulħadd ikompli jgawdi mit-tkabbir ekonomiku, però ma nibqgħux f'sitwazzjoni fejn it-tkabbir ekonomiku qed iġib konsegwenzi diffiċli ħafna fuq pajjiżna. Irridu settur ekonomiku ta' kwalità minflok settur ekonomiku mibni fuq il-kwantità.

Sur President, dan iwassalni biex nispjega x'inhuma l-konsegwenzi ta' dan il-kunċett ekonomiku bla pjan fuq pajjiżna u fuq l-infrastruttura tagħna. L-impatt fuq l-infrastruttura qed narawh u nħossuh kuljum, kemm fit-toroq tagħna minħabba t-traffiku li neħlu fih, kif ukoll fl-iffullar qawwi li naraw kullimkien. Diversi nies qed ikollhom jgħixu taħt saqaf wieħed, ħafna drabi anke sfruttati u mingħajr id-dinjità li jistħoqqilhom. Dan l-influss ġab ukoll diffikultajiet fuq l-isptarijiet u l-iskejjel tagħna. Għalhekk, jeħtieġ li jsir pjan biex ikollna infrastruttura li tista' tlaħħaq ma' dan kollu, liema pjan, sfortunatament, ma kienx fil-ħsieb ta' min oriġinarjament ħareġ b'din l-idea ta' ekonomija ta' kwantità minflok ekonomija ta' kwalità.

Bħala Oppożizzjoni se nibqgħu impenjati li nkomplu nwasslu dan il-messaġġ li l-pajjiż jeħtieġ direzzjoni ekonomika b'mansjoni differenti. Jeħtieġ li wieħed jibda tabilħaqq u bis-serjetà jippjana biex ikollna tkabbir ekonomiku li ma jkomplix jiddependi biss mill-importazzjoni tal-ħaddiema. Jeħtieġ li wieħed tabilħaqq jibda jaħseb b'mod immedjat dwar il-ħtieġa li jiġu introdotti niċeċ ekonomiċi ġodda li jkattru l-ġid u jkabbru l-ekonomija ta' dan il-pajjiż, iżda li ma jiġux magħhom il-konsegwenzi ta' ffullar li qed naraw llum, fejn kulħadd qed iħossu fgat f'pajjiżu.

Sur President, nappella u nittama li l-Gvern jieħu nota ta' dan il-messaġġ u jieħu azzjoni b'mod immedjat, għax huwa inkonċepibbli kif din il-gżira tagħna se jirnexxilha tkabbar il-popolazzjoni mingħajr pjan u viżjoni, fejn, kif qalilna l-Ministru Clyde Caruana, sas-sena 2040 se jkollna popolazzjoni ta' 800,000 ruħ. Nawgura u nittama li dawn l-appelli ma jaqgħux fuq widnejn torox. Ejja nagħmlu ħilitna kollha biex intejbu l-kwalità tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Galea.

**ONOR. GRAZIELLA GALEA:** Sur President, matul dawn l-aħħar jiem rajna li bdew iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Karnival. Se niddedika dan il-ħin tal-aġġornament biex nitkellem dwar ix-xogħol volontarju f'pajjiżna.

Skont it-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14966 li kont għamilt jien, f'pajjiżna sal-aħħar tas-sena 2023 kien hawn total ta' 1,862 għaqda volontarja. Wara kull għaqda volontarja hemm eluf ta' voluntiera u żgur li l-Karnival huwa xempju tax-xogħol volontarju li jsir. F'pajjiżna għandna numru ta' għaqdiet volontarji f'oqsma differenti, ilkoll bl-għan tagħhom. Aktar kmieni llum, flimkien mal-Kap tal-Partit Nazzjonalista l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Charles Azzopardi u l-Onor. Julie Zahra żorna l-post fejn għaddej ix-xogħol għall-Karnival. Dan ix-xogħol ilu għaddej għal numru ta' xhur u mbagħad iwassal għal tant briju għal kull min jattendi dawn l-attivitajiet.

Nixtieq insellem il-memorja ta' Pawlu Curmi, magħruf aħjar bħala l-Pampalun, missier il-Karnival. Żgur li din is-sena, wara madwar 60 sena, ilkoll kemm aħna se nħossu n-nuqqas ta' Pawlu Curmi. Ħadt gost nara li Pawlu Curmi se jkun qed jidher f'numru ta' karrijiet li se naraw matul il-jiem li ġejjin. Dan juri kemm din il-persuna ħalliet impatt qawwi fuq numru ta' voluntiera. Il-ħidma tal-voluntiera tissarraf f'numru ta' karrijiet u żfin b'kostumi u b'kuluri mill-isbaħ, li jwasslu għal tant briju li lkoll kemm aħna nittamaw li se nkunu nistgħu ngawdu matul il-jiem li ġejjin. Qed ngħid nittama għaliex ovvjament, kif nafu, il-Karnival jiddependi wkoll

fuq it-temp u għaldaqstant nawgura li ma jkollniex maltemp biex inkunu nistgħu ngawdu l-jiem tal-Karnival. Hemm tant xogħol li jsir minn mhux dilettanti imma minn professjonisti, u li aħna nammiraw bil-kbir.

Kull darba li nżur il-post fejn qed isir dan ix-xogħol bla dubju niftakar fil-wegħda li għamel dan il-Gvern li se jkollna villaġġ tal-Karnival, proġett li ilu jiġi mwiegħed minn dan il-Gvern prattikament għal 11-il sena. Forsi hawn se jkun hawn min jgħidli li lanqas Gvern Nazzjonalista ma wettaq dan il-proġett. Però ejja nkunu realistiċi u ngħidu li dan il-Gvern issa ilu 11-il sena jmexxi dan il-pajjiż u dan il-proġett mhux talli għadu ma twettaqx, talli lanqas biss inbeda.

Sirna nafu wkoll li lanqas għadha saret l-applikazzjoni għall-fondi għal dan il-proġett. Għalhekk nappella lill-Gvern biex mhux biss jipprovdi sit għal dan il-villaġġ tal-Karnival, imma jara li jkun hemm ukoll postijiet fejn jintramaw il-karrijiet. Waqt din iż-żjara li għamilna stajna naraw numru ta' voluntiera li lanqas biss kellhom post fejn jarmaw il-karrijiet. Kien hemm ukoll nuqqas ta' sigurtà u periklu fejn qiegħed isir ix-xogħol u kien hemm każ fejn il-vann ta' persuna spiċċa l-istore fejn irid jaħżen dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Karnival. Għalhekk, nittama li dan il-Gvern jagħti aktar widen lil dawn il-voluntiera.

Niftakar ukoll li meta kont Sindku ta' San Pawl il-Baħar bdejna għall-ewwel darba l-Karnival tas-sajf. Din kienet sfida, għax kienet xi ħaġa ġdida, però żgur li ma jiddispjaċinix għax dan il-Karnival tas-sajf baqa' jsir u nittama li anke din is-sena jerġa' jsir. Nixtieq nawgura kull suċċess lil kull voluntier li jaħdem għall-Karnival u, kif għedt, nittama li jkollna temp sabiħ ħalli lkoll kemm aħna ngawdu x-xogħol li jkunu għamlu dawn il-voluntiera.

Nixtieq nagħmel referenza wkoll għall-Għaqda Bdiewa Attivi. Illum smajna lill-Prim Ministru jagħmel eloġju ta' x'suppost għamel dan il-Gvern b'risq il-bdiewa. Fil-verità rajna li matul il-jiem li għaddew kien hemm protesta ġustifikata min-naħa tal-bdiewa, għaliex il-bidwi jqatta' sigħat twal fir-raba', ikun xi jkun it-temp, biex jipprovdilna l-aqwa prodotti agrikoli. Niskanta kif il-Prim Ministru jgħidilna li kien viċin dawn il-bdiewa. Dan il-Gvern qisu sema' mill-ħtiġijiet tal-bdiewa fil-protesta li saret. Nittama li jisma' verament lil dawn il-bdiewa u li jkun hemm kampanja favur il-prodott Malti frisk, kuntrarjament għal dak li rajna matul il-jiem li għaddew, li rrefera għalih anke l-Onor. Beppe Fenech Adami, fejn il-prodott Malti qed jiġi kkastigat permezz tal-iskema tal-istabilità fil-prezzijiet. Żgur li l-bidwi Malti jistħoqqlu ħafna aħjar minn hekk.

Nittama li dan il-Gvern jagħti l-għajnuna sabiex il-bidwi verament ikun jista' jagħtina l-aqwa prodott, li nafu li lkoll kemm aħna għandna bżonnu. Niftakar kif fi tfuliti kont inqatta' ġranet sħaħ man-nanniet tiegħi. Għalija kienet tkun avventura, però għalihom kienet tkun ġurnata twila minn xħin jisbaħ sa xħin jidlam fl-għelieqi, fejn kienu jieqfu biss għal ftit ħin sabiex jieklu xi ħaġa.

Sur President, il-bdiewa qalulna li bla bdiewa ma jkollniex ikel x'nieklu. Għalhekk, nittama li dan il-Gvern verament jagħti widen lil dawn il-bdiewa u minflok jiftaħar fuq dak li suppost għamel, jassigura li l-bidwi u l-prodott Malti u Għawdxi jkun stmat sabiex ikollna prodott mill-aqwa. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ryan Callus.

**ONOR. RYAN CALLUS:** Sur President, f'dan il-ħin tal-Aġġornament nixtieq nitkellem dwar numru ta' sfidi li qegħdin niffaċċjaw fis-Sitt Distrett Elettorali. Nemmen li kull deputat għandu mhux biss jassigura li jħares id-dekasteru li huwa jkun fdat bih, imma li fuq kollox iħares il-kostitwenza tiegħu li tkun eleġġietu f'dan il-Parlament.

Se nagħmel punt li ma jolqotx biss ir-residenti tas-Sitt Distrett jew il-Qriema, imma lil ħafna Maltin. Qed nirreferi għall-problema tal-junction ta' Ħal Qormi, li nirreferu għaliha bħala dik ta' fejn l-imgħallaq. Dak huwa t-titolu ta' din iż-żona. Din il-junction twasslek lejn Ħal Luqa, Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u postijiet oħra. Filwaqt li nirrikonoxxi li saru investimenti infrastrutturali f'numru ta' junctions f'pajjiżna, donnu l-Gvern, lanqas nista' ngħid huwa maqtugħ mir-realtà, għax dawn huma affarijiet li tarahom b'għajnejk, imma ma jridx jindirizza s-sitwazzjoni f'din il-junction tant ċentrali, li ripetutament f'dan il-Parlament saru diversi mistoqsijiet parlamentari dwarha.

Kellna numru ta' Ministri responsabbli mill-infrastruttura u t-trasport, bħall-Onor. Ian Borg, l-Onor. Aaron Farrugia u issa l-Onor. Chris Bonett, imma donnu li din il-junction mhijiex ta' importanza għalihom. Huwa evidenti li din il-junction qiegħda toħloq inkonvenjent mhux biss lil kull min jużaha, imma qed iżżid it-traffiku lin-negozji u lill-familji tal-madwar. Din hija ta' inkonvenjent kbir, b'mod partikolari għall-Qriema, li ta' kull filgħodu qed isibuha diffiċli biex joħorġu minn Ħal Qormi. Dan biex ma nsemmix ukoll il-problema l-oħra fil-wied li jwasslek minn Ħal Qormi għal Santa Venera, fejn hemm ukoll ċerti sfidi.

Għalhekk issa li għadu kif kellna reshuffle, jew aħjar musical chairs kożmetiċi fir-reshuffle ta' dan il-Gvern, nispera li l-Onor. Chris Bonett, għall-kuntrarju ta' oħrajn li ġew qablu, jindirizza din il-problema f'din il-junction f'Ħal Qormi. Anzi, nappellalu biex jagħti attenzjoni speċjali biex din il-problema tissolva, għax qiegħda taffettwa din iż-żona, minbarra l-kumplikazzjoni taċ-ċentru kummerċjali li hemm aktar 'l isfel f'Ħal Qormi. Biex in-nies jifhmuni mingħajr ma nagħmel reklami, qed nirreferi għaż-żona fejn hemm il-Pavi u l-korsa taż-żwiemel tal-Marsa.

Kif qed nitkellem fuq il-korsa taż-żwiemel tal-Marsa, irrid infakkar li meta snin ilu jien kont il-kelliem tal-Oppożizzjoni għall-isports, konna vvotajna favur il-proposta tal-Gvern li l-korsa tal-Marsa tingħata lill-privat għat-tmexxija. Irrid ngħid li minn dak iż-żmien sal-lum ma sar assolutament xejn, u dan huwa ta' dispjaċir. Ngħid hekk għaliex dakinhar, bħala Oppożizzjoni, minkejja li ma konniex nafu min kien se jmexxi dan il-proġett, ridna nagħtu ċ-ċans li dan il-proġett isir. Ma ridna lil ħadd jgħid, speċjalment il-prattikanti tat-tiġrijiet taż-żwiemel u s-sidien taż-żwiemel, li ma tajniex lok biex il-Gvern ikun jista' jmexxi b'dan il-proġett.

Dan mhux għax il-Gvern kellu bżonn l-appoġġ tagħna, għax bħalma nafu l-Gvern ħafna drabi jgħaddi romblu minn fuqna, però dakinhar ridna nibagħtu messaġġ li konna favur dan il-proġett. Sfortunatament, wara dawn is-snin kollha minn mindu ngħata dan il-kuntratt għall-proġett tal-korsa taż-żwiemel tal-Marsa, għadu ma sar xejn. Il-korsa kienet u għadha l-istess sal-lum, wara numru ta' snin. Huwa tal-mistħija li dan il-Gvern iwiegħed ċerti proġetti b'ħafna fanfarunati u konferenzi stampa, imma mbagħad meta niġu għas-*si* u n-*no*, ma nsibu assolutament xejn.

Sur President, nixtieq nitkellem ukoll dwar it-titjib tal-junction fejn iċ-ċimiterju ta' Brija fis-Siġġiewi. Malli taqbeż dan iċ-ċimiterju storiku, hemm junction żgħira li min-naħa tibagħtek għall-Girgenti u min-naħa l-oħra għar-Rabat. Jien niskanta kif kelli nagħmel intervent jien – tgħiduli mhux għalhekk qegħdin id-deputati – ma' Infrastructure Malta, bil-periti u l-persuni kollha ta' fiduċja tal-Gvern, biex nifhilhom għajnejhom li t-titjib infrastrutturali li se jsir se joħloq l-inċidenti. F'parti minn din il-junction hemm kisra perikoluża, li diġà kienet kważi black spot, u konna se nġibuha agħar billi ndejquha aktar.

Issa se jkun hemm min jgħidli: Jekk inwessgħu t-toroq, mhux aktar isiru inċidenti? Veru, però żgur li se jsir inċident jekk fi triq partikolari ma jgħaddux żewġ karozzi kontra xulxin, jekk għandek triq li hija f'żewġ direzzjonijiet. Qed ngħid dan għax ngħaddi minn din it-triq kuljum u għax naturalment kellmuni dwarha kostitwenti Siġġiwin. Hija tal-iskantament li għal proġett bħal dan irid jidħol fih deputat biex juri lil min qed imexxi din l-Aġenzija, bħalma jiġri f'aġenziji oħrajn, li x-xogħol li qed isir se joħloq aktar periklu. Nifhem l-importanza u l-bżonn li ntejbu l-infrastruttura u l-junctions tagħna, imma jekk se nagħmlu dan, irridu naraw li x-xogħol isir sew u mhux nispiċċaw inżidu l-inċidenti.

Però rrid ngħid kollox. Wara li ktibt lill-Ministru Chris Bonett u lis-CEO ta' Transport Malta Ivan Falzon, milli qed nara f'post jidher li wessgħu din il-parti. Naturalment se nżomm lura milli nikkummenta u ngħid li ġiet tajba, sakemm nara x-xogħol totalment lest. Però t-tagħlima minn din l-istorja hi li Infrastructure Malta ma tistax tagħmel dawn il-proġetti u ma tikkonsultax imqar mal-kunsilli u mar-residenti. Jekk Transport Malta kkonsultat mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ninkwieta ruħi, għaliex jekk dan qal iva, huwa ovvju li għamel dan mingħajr ma studja l-pjanti.

Sur President, l-Onor. Graziella Galea tkellmet fuq il-bdiewa. Jien ġej mir-raħal tal-bdiewa, is-Siġġiewi. In-nannu u z-zijiet kollha kienu bdiewi, b'eċċezzjoni ta' missieri li ma ħariġx bidwi, għalkemm iħobb il-biedja u allura nifhem it-tbatija tal-bidwi. Fit-triq tiegħi hemm bidwi, m'iniex se nsemmi ismu, li niltaqa' miegħu meta nkun ġej mill-Parlament fis-7.30 p.m. u meta jkolli xi laqgħa ġieli anke fid-9.00 p.m. Narah ġej kollu maħmuġ bil-ħamrija wara li jkun daħħal it-

tractor tiegħu fil-garaxx. Lil dan il-bidwi nammirah, għaliex il-biedja m'għandniex neħduha for granted. Illum tant hawn setturi fejn tista' tagħmel lira b'mod aktar faċli li ż-żgħażagħ tagħna mhumiex imorru għall-biedja. Dan ifisser li rridu ninċentivaw aktar.

Huwa faċli għall-Prim Ministru li ssir protesta tal-bdiewa u jinżel magħhom. Però jien ma kontx impressjonat b'dan. Forsi kien hemm min ċapċaplu. Inċapċaplu jekk il-bdiewa ħarġu jipprotestaw għax l-Unjoni Ewropea qed tieħu ċerti deċiżjonijiet, meta suppost kien hemm il-Gvern tagħna li qabeż għalihom? Aħna nifirħu u nkunu kburin li qegħdin madwar il-mejda tad-diskussjoni, però dik fiha ir-responsabbiltajiet ukoll. Irrid nara lill-Prim Ministru jinżel fil-protesta mhux għall-cameras, imma biex jassigura li dan il-Gvern se jiġġieled verament għall-bdiewa tagħna. Il-bdiewa Maltin qed isibu l-isfida minn swieq barra mill-Ewropa, u jekk hemm xi ħadd li rrid jiġġieled għalihom huwa dan il-Gvern li jirrappreżentahom.

Fl-aħħar mill-aħħar, Sur Presdent, ejja ma ninsewx li aħna Stat gżira, li ma nistgħux niddependu għall-ikel tagħna kollu mill-importazzjoni, għax fi żmien ta' kriżi l-bidwi Malti u l-prodott tiegħu se jkunu viċin tagħna. Dan apparti l-fatt li kif dejjem ngħid, il-frott u l-ħxejjex tal-bidwi Malti huwa l-aktar prodotti friski għax huma viċin tagħna. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Kamra hija aġġornata għal għada l-Erbgħa, 7 ta' Frar 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said.

*Fis-7.13 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### JUDICIAL STUDIES COMMITTEE – MEMBRU

**13641. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11423 fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11440, peress li din it-tweġiba ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba, jista' l-Ministru jgħid jekk is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tiegħu huwiex parti mill-Judicial Studies Committee? Jista' jgħid ukoll jekk kienx il-Ministru stess li nnominah f'dan il-Kumitat wara l-2021 għall-ewwel darba minn kemm ilu jeżisti dan il-Kumitat?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 11440.

### PSC – DEĊIŻJONI DWAR INDIVIDWU

**13650. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 11405 li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa u jgħid x'kienet id-deċiżjoni tal-Public Service Commission (PSC) fil-każ tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, fejn kien ammetta li arrikkixxa ruħu illegalment minn fondi pubbliċi?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

### Ħ'ATTARD – TRIQ VICTOR VASSALLO – XOGĦLIJIET

**13699. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm se jiġi jiswa x-xogħol b'rabta mal-proġett ta' Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard, u meta hu stmat li jitlesta?

**ONOR. CHRIS BONETT (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi:** Infrastructure Malta daħlet għall-

implimentazzjoni ta' dan il-proġett wara talba biex din it-triq tinbena mill-ġdid mill-Kunsill Lokali. Dan se jsir b'investiment ta' madwar €1.3 miljun li jinkludi servizzi ġodda taħt l-art proposti minn entitajiet oħra, mogħdijiet u saffi ta'asfalt.

Ix-xogħlijiet maġġuri u ewlenin mitluba minn entitajiet oħra huma prinċipalment it-tibdil tas-sistema l-antika tad-drenaġġ u l-installazzjoni ta' sistema ġdida tal-ilma tax-xita biex tilqa' għall-problemi magħrufa ta' għargħar f'din iż-żona partikolari. Huwa fatt magħruf li dawn ix-xogħlijiet jeħtieġu trinek wesgħin u fondi biex ikunu jistgħu jiġu installati l-pajpijiet ġodda meħtieġa fil-livelli stabbiliti. Xogħlijiet bħal dawn huma intensivi ħafna fix-xogħol u jeħtieġu miżuri ta' mitigazzjoni biex tiġi żgurata s-sikurezza tas-sit waqt l-implimentazzjoni ta' tali xogħlijiet fuq il-post.

Ix-xogħlijiet kollha f'din it- triq huma maħsuba li jitlestew fit-tielet kwart tal-2024.

## SPTAR MATER DEI – BARRANIN LI ĦALLSU GĦAS-SERVIZZI TAS-SAĦĦA

**13700. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11436, jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni barranin minn pajjiżi terzi li ħallsu għas-servizzi tas-saħħa ġewwa l-Isptar Mater Dei jew Ċentri tas-Saħħa bejn is-sena 2017 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kemm kien l-ammont li nġabar? Minn liema pajjiż kienu ġejjin?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva):** L-informazzjoni qed tinġabar.

## JUDICIAL STUDIES COMMITTEE – INFIQ FUQ SAFAR U IKLIET

**13701. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11499, fejn il-Ministru rreferieni għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11440, peress li din it-tweġiba ma tipprovdix l-informazzjoni mitluba, jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus mill-Judicial Studies Committee fuq safar u ikliet fl-2022 u fl-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż fuq il-mawra ta' ġimgħa fl-Albanija għal numru żgħir ta' maġistrati u mħallfin ftit ġimgħat ilu u jgħid ukoll x'kien il-programm ta' kull żjara fl-2022 u fl-2023?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija numru 11440.

## SERVIZZ PROFESSJONALI U AĊĊESSIBBLI TA' TRADUTTURI

**14310. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux pjanijiet biex f'pajjiżna jkollna servizz professjonali u aċċessibbli ta' tradutturi (translators) biex ħaddiema fis-servizz pubbliku, fil-qasam tas-saħħa, edukazzjoni, soċjali u legali jkunu jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv ma' min qed jirċievi s-servizz?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Is-settur pubbliku jieħu inizjattivi kontinwi biex isaħħaħ is-servizz li joffri lill-klijenti tiegħu.

L-inizjattivi meħtieġa jvarjaw skont il-każ.

## SERVIZZ PROFESSJONALI U AĊĊESSIBBLI TA' TRADUTTURI

**14311. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux pjanijiet biex f'pajjiżna jkollna servizz professjonali u aċċessibbli ta' tradutturi (translators) biex ħaddiema fis-servizz pubbliku, fil-qasam tas-saħħa, edukazzjoni, soċjali u legali jkunu jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv ma' min qed jirċievi s-servizz?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Is-settur pubbliku jieħu inizjattivi kontinwi biex isaħħaħ is-servizz li joffri lill-klijenti tiegħu.

L-inizjattivi meħtieġa jvarjaw skont il-każ.

**IL-QTIL TA' KARIN GRECH – INVESTIGAZZJONI TAL-PULIZIJA**

**14312. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar il-qtil ta' Karin Grech għadhiex miftuħa jew le? Jekk magħluqa, jista' jgħid meta ngħalaq il-każ uffiċjalment u għalfejn ingħalaq?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kif jaf tajjeb l-Onor. Interpellant, investigazzjonijiet f'allegati illegalitajiet isiru mill-istituzzjonijiet rilevanti li jaħdmu lil hinn mill-politiku. Bħala regola ġenerali, każ ma jkunx magħluq jekk ma jkunx solvut.

**IL-QTIL TA' KARIN GRECH – INVESTIGAZZJONI TAL-PULIZIJA**

**14313. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma:
i. jekk l-investigazzjoni tal-Pulizija dwar il-qtil ta' Karin Grech għadhiex miftuħa jew le;
ii. jekk magħluqa, meta ngħalaq il-każ uffiċjalment;
iii. għalfejn ingħalaq il-każ; u
iv. jekk tressqu persuni l-Qorti f'dan il-każ, meta sar dan?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14312.

**DIRETTORAT TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM – PUSHBACKS TAL-IMMIGRANTI**

**14314. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni uffiċjali tad-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-allegati pushbacks tal-immigranti li qed isiru mill-Gvern Malti fiż-żona tas-salvataġġ (SAR) li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Malti?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Hekk kif diġà ġie spjegat tant u tant drabi, hemm distinzjoni bejn l-ibħra territorjali u ż-żona ta' tiftix u salvataġġ fl-ibħra internazzjonali. L-awtoritajiet Maltin jaqdu d-doveri tagħhom skont il-liġijiet internazzjonali applikabbli u huwa ħasra li l-Oppożizzjoni tinqeda fuq rapporti mhux sostanzjati, ħafna drabi miġjuba mill-midja soċjali, sabiex ittappan jew tostakola il-ħidma kbira tal-Forzi Armati ta' Malta.

Nixtieq ukoll niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li d-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa parti mill-istruttura governattiva tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u allura ma' għandux pożizzjoni distinta minn dik addottata mill-Gvern.

**DIRETTORAT TAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM – DRITT TAS-SIDIEN TAL-PROPRJETÀ LI JGAWDU L-PROPRJETÀ TAGĦHOM**

**14315. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-pożizzjoni uffiċjali tad-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-diversi sentenzi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt tas-sidien tal-proprjetà li jgawdu l-proprjetà tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Id-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem huwa parti mill-istruttura governattiva tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u allura m'għandux pożizzjoni distinta minn dik addottata mill-Istat.

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14863. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu

jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-gurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14864. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali):** Fil-perjodu msemmi minnu ma kienx kemm persuni impjegati kif mistoqsi minnu.

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14865. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 ma kienx kemm deputati tal-Oppożizzjoni impjegati kif mistoqsi fil-mistoqsija. Niġbed l-attenzjoni li l-informazzjoni disponibbli mill-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati tkopri mil-2009 'l hawn.

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14866. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa

pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14867. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji / banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tagħrif qed jinġabar.

## UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DEPUTATI TAL-GVERN

**14868. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, ingħataw xi kuntratt ta' konsulenza miċ-Ċivil, servizz pubbliku, jew minn kumpaniji / banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, minn aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat x'tip ta' konsulenza kienu qed jagħtu, fejn kienu qegħdin iservu, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu ingaġġati (jekk hux b'sejħa pubblika, direct order, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif mitlub qed jinġabar.

## KORP TAL-PULIZIJA – RENDIKONT TA' PULIZIJA

**15035. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' pulizija mal-Korp tal-Pulizija u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2020?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI – RENDIKONT TA' UFFIĊJALI

**15036. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' uffiċjali mal-Protezzjoni Ċivili, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Matul is-sena 2023 fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili temmew l-impjieg tagħhom 1 Station Officer li kien għamel iktar minn 25 sena servizz, 1 Assistance and Rescue Officer u 1 LARO li sfortunatament tilef ħajtu waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Ġew appuntati 12-il Station Officer wara sejħa dipartimentali, Direttur Ġenerali u żewġ Diretturi (service wide calls) u Clerk. Ġew appuntati wkoll 64 Trainee Assistance and Rescue Officers li bħalissa qed jattendu kors tar-reklutaġġ wara sejħa għall-applikazzjonijiet ppubblikata fl-2022. Ingħaqdet mad-Dipartiment 1 Assistant Principal li ġiet trasferita minn Dipartiment ieħor filwaqt li Assistant Manager impjegata mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ġiet detailed.

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI – RENDIKONT TA' UFFIĊJALI**

**15037. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' uffiċjali mal-Protezzjoni Ċivili, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2022?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Mis-sena 2022 itterminaw l-impjieg tagħhom minn mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili Chief Assistance and Rescue Officer, tliet Station Officers u Assistance and Rescue Officer li temmew l-impjieg tagħhom wara li servew 25 sena servizz f'korp dixxiplinat. Itterminaw ukoll l-impjieg tagħhom Labourer li ġie medically boarded out, messaġġier, u d-Direttur Ġenerali li ġie appuntat Segretarju Permanenti.

Mad-Dipartiment matul l-2022 ingħaqdu Clerk li ġiet re-employed u Labourer. Ġie sekondat Tradesman. Ġew appuntati sitt Chief Assistance and Rescue Officers erba' Leading Assistance and Rescue Officers (Departmental calls for applications).

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI – RENDIKONT TA' UFFIĊJALI**

**15038. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' uffiċjali mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2021?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili matul is-sena 2021 irtiraw Leading Assistance and Rescue Officer u Assistance and Rescue Officers wara li kellhom 25 sena servizz fi ħdan Korp Dixxiplinat. Assistance and Rescue Officer ieħor irtira wara li ġie medically boarded out. Irtira wkoll Marine Engineer li laħaq l-età tal-irtirar. Matul l-istess sena ingħaqdu mad-Dipartiment tliet clerks, li waħda minnhom ġiet trasferita matul l-istess sena. Ġew appuntati Director Operations, Assistant Manager, Senior Manager (service wide calls) u ġew appuntati 63 Leading Assistance and Rescue Officer u 18-il Station Officer (Departmental Calls for applications).

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI – RENDIKONT TA' UFFIĊJALI**

**15039. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' uffiċjali mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2020?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Matul is-sena 2020 fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili rtiraw tliet uffiċjali li kienu: Service Officer, Leading Assistance and Rescue Officer li rtira wara li għalaq 25 sena servizz; u Assistance and Rescue Officer li rtira wara li għalaq 25 sena servizz.

Matul l-istess sena ġie appuntat Direttur Ġenerali ġdid (service wide call) u ġew trasferiti lejn id-Dipartiment żewġ Service Officers, Senior Staff Nurse u Staff Nurse.

**GWARDJANI LOKALI – RENDIKONT**

**15040. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jipprovdi rendikont tat-total ta' gwardjani lokali, u jipprovdi informazzjoni dwar kemm irtiraw, kemm waqfu volontarjament milli jkomplu fis-servizz, u kemm żdiedu sal-31 ta' Diċembru 2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** It-total tal-Uffiċjali tal-Komunità huwa 142. Fis-sena 2023 irtiraw jew temmew l-impjieg 19-il persuna u ġew impjegati 36 persuna. It-total jinkludi kemm dawk l-uffiċjali li jaqdu dmirhom fuq barra fil-komunità, immaniġġjar tat-traffiku, servizz marbut ma' rapporti ta' ħbit ta' vetturi kif ukoll dawk li jaqdu dmirhom fil-control room tal-LESA.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAS-SAJD, L-AKWAKULTURA U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ĦADDIEMA

**15187. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15171.

## MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA – ĦADDIEMA

**15188. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lil Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15176.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – ĦADDIEMA

**15189. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15180.

## MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U L-INDAFA PUBBLIKA – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-INDAFA PUBBLIKA – ĦADDIEMA

**15190. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15177.

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – ĦADDIEMA

**15191. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15183.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – ĦADDIEMA

**15192. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi, jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tagħrif mitlub jinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| **Numru ta' Impjegati** | **Total** |
|---|---|
| Nisa | 45 |
| Irġiel | 588 |
| **Grand Total** | **633** |

| **Values** | **Nisa** | **Irġiel** | **Total** |
|---|---|---|---|
| Flexi Time | 26 | 88 | 114 |
| Flexi Week | | | |
| Reduced Hours | 2 | | 2 |
| Extended Remote Working | 14 | 12 | 26 |
| Remote working | 7 | 18 | 25 |
| **Total** | **49** | **118** | **167** |

## TENDER IMT007/2022 'TENDER FOR THE PROVISION OF AN HVSC AND LVSC ONSHORE POWER SUPPLY (OPS) SYSTEM IN THE SOUTH HARBOUR REGION AND LASCARIS WHARF, GRAND HARBOUR, PORT OF VALLETTA MALTA'

**15252. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jagħti informazzjoni dwar is-sejħa 'IMT007/2022 - Tender for the Provision of an HVSC and LVSC Onshore Power Supply (OPS) system in the South Harbour Region and Lascaris Wharf, Grand Harbour, Port of Valletta Malta', u jgħid fiex wasal il-proċess ta' aġġudikazzjoni? Minn min huma ffurmati ż-żewġ kumpaniji li tefgħu l-offerta? Jista' jgħid ukoll jekk dan il-proġett huwiex ser ikun iffinanzjat minn xi programm tal-Unjoni Ewropea u jekk iva, minn liema programm u minn liema baġit u meta hu ppjanat li jitlesta dan ix-xogħol?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-proċess tal-aġġudikazzjoni ġie konkluż u beda l-proċess biex jiġi ffirmat il-kuntratt. Kien hemm żewġ offerti, offerta mingħand SNP Construction JV, iffurmat minn Bonnici Bros Services Ltd u Excel Sis Enerji Uretim Ltd, u offerta oħra mingħand Shining Start Infrastructure and Co Ltd.

Dan il-proġett huwa eliġibbli biex ikun iffinanzjat mill-Fond Għal Tranżizzjoni Ġusta tal-Unjoni Ewropea li hemm għal perjodu 2021-2027.

Ix-xogħol mistenni jieħu 104 ġimgħat minn meta tinħareġ l-ordni li jista' jinbeda x-xogħol.

## GĦAWDEX – PROĠETT TA' PIXXINA TERAPEWTIKA

**15253. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda l-proġett ta' pixxina terapewtika li ġiet imwiegħda mill-Gvern li ser issir fl-iSpecial Unit, fl-Iskola tas-Sannat, Għawdex? Jista' jgħid ukoll jekk inħariġx tender u jekk iva, lil min ingħata? X'sar f'din l-aħħar sena rigward dan il-proġett u kemm intefqu flus f'din l-aħħar sena fuq dan il-proġett?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar):** L-Onor. Interpellant mitlub sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 4369.

## IL-FONTANA GĦAWDEX – TRIQ MONS. MIKIEL F. BUTTIGIEG – XOGĦOL

**15306. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8739 li ġiet imwieġba fl-24 ta' Mejju 2023 dwar meta se jsir ix-xogħol fi Triq Mons Mikiel F. Buttigieg fil-Fontana Għawdex, peress li parti sostanzjali minn din it-triq għadha sal-lum bla wiċċ, u peress li kien ġie mwieġeb "li l-Ministeru qed jistenna d-deċiżjoni tal-PCRB fuq sejħa għall-offerti għal xogħlijiet fuq toroq biex ikun jista' jkompli x-xogħlijiet fuq din it-triq kif ukoll spjegat fil-mistoqsija parlamentari numru 8732", jista' l-Ministru jgħid kemm-il xahar ilu li nbeda x-xogħol? Jista' jgħid f'liema xahar se jitkompla u meta se titlesta minn kollox din it-triq u kemm huma stmati li se jiġu jiswew ix-xogħlijiet fuq din l-imsemmija triq?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Inkun nista' nagħtik din l-informazzjoni aktar 'il quddiem.

## IX-XEWKIJA GĦAWDEX – TA' XĦAJMA – PARK AND RIDE

**15355. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid minn liema programm/programmi tal-Unjoni Ewropea qed ikun u ser ikun iffinanzjat il-proġett tal-Park and Ride f'Ta' Xħajma fix-Xewkija Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm ser ikun l-ammont globali ta' flus li ser jiġu mill-programm/programmi tal-Unjoni Ewropea għal dan il-proġett u kemm tħallsu s'issa u kemm għad baqa' biex jitħallsu?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ix-xogħlijiet tal-Park and Ride f'Ta' Xħajma fix-Xewkija Għawdex jagħmlu parti mill-proġett tal-iSMITHS (ERDF.07.091 Sustainable Multi modalIntelligent Transport Hubs across Malta and Gozo). Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) taħt il-programm tal- 2014-2020.

L-ispiża li tħallset sa issa fuq dan il-Park and Ride taħt il-FEŻR sal-lum tammonta għal €5,084,786.15.

## IS-SANNAT GĦAWDEX – TRIQ IL-KBIRA – ĠIBJUN TAL-ILMA

**15356. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' xogħlijiet inbdew f'dawn l-aħħar ġranet mill-Kunsill Lokali Sannat fuq il-ġibjun tal-ilma li hemm fi Triq il-Kbira ġewwa s-Sannat Għawdex, kemm ser jiġi jiswa dan ix-xogħol u jekk ingħatatx għajnuna mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar biex isir dan ix-xogħol? Jekk iva, jista' jgħid fiex kienet tikkonsisti u tammonta din l-għajnuna? Jista' jgħid ukoll meta hu maħsub li jitlesta dan ix-xogħol?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ix-xogħlijiet relattivi jikkonsistu f'pavimentar, dwal, bankijiet u qsari bi xtieli ġodda.

Il-proġett li sar mill-Kunsill Lokali ta' Sannat ġie jiswa €33,090.98. Ix-xogħol tlesta lejn l-aħħar tas-sena 2023.

## IS-SANNAT GĦAWDEX – SNTLC/07/2023 – XOGĦLIJIET

**15357. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li jibda u jitlesta x-xogħol relatat mas-sejħa 'WORKS – ROADWORKS IN TA' SANNAT, IN A RESOURCE EFFICIENT MANNER CFT CA UNIQUE ID: SNTLC/07/2023' li nħarġet mill-Kunsilli Lokali Sannat? Jista' jgħid ukoll fiex tikkonsisti din is-sejħa u kemm kien il-valur li biha ġiet awarded din is-sejħa biex isiru x-xogħlijiet mitluba minn din is-sejħa?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ix-xogħlijiet huma mistennija li se jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

Is-sejħa li qed issir referenza għaliha mill-Onor. Interpellant kienet tikkonsisti f'toroq bl-asfalt u l-valur li biha ġiet assenjata kien ta' €640,057.44 (VAT eskluż).

## AĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-AŻIL – IMPJEGATI

**15472. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni ta' ċittadinanza Maltija li huma impjegati mal-aġenzija Ewropea (EUAA)?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Nirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15471.

## TEATRU MANOEL – STRUMENTI MUŻIKALI

**15473. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx strumenti mużikali fit-Teatru Manoel li qegħdin jiġu restawrati jew li għandhom bżonn li jiġu msewwija?

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-Teatru Manoel jagħmel xogħol ta' restawr fuq il-pjanijiet u l-istrumenti antiki minn żmien għal żmien skont il-bżonn. It-Teatru għandu l-intenzjoni illi tlieta mill-pjanijiet prinċipali li jintużaw għall-kunċerti isirilhom xogħol ta' manutenzjoni s-sena li ġejja.

## TEATRU MANOEL – STRUMENTI MUŻIKALI

**15474. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm strumenti mużikali li huma għad-dispożizzjoni tat-Teatru Manoel?

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-Teatru Manoel għandu fil-pussess tiegħu erba' pjanijiet (grand pianos) li jintużaw għall-kunċerti, tmien pjanijiet oħrajn li jintużaw għall-provi, żewġ pjanijiet antiki, tliet harpsichords, żewġ viola da gamba, kuntrabaxx, theorbo, żewġ timpani u tliet klarinetti antiki.

## WIED-IL-GĦAJN – TRIQ LA SENGLE

**15475. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-

Ministru jgħid jekk Triq La Sengle f'Wied-il-Għajn fil-parti ta' qabel il-Mużew, hijiex ser tiġi rranġata, billi għandha bżonn sew?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

**WIED-IL-GĦAJN – TRIQ LA SENGLE**

**15476. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Triq La Sengle f'Wied-il-Għajn fil-parti ta' qabel il-Mużew, hijiex ser tiġi rranġata billi għandha bżonn sew?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Triq La Sengle hija fil-lista tat-toroq li l-Kunsill Lokali ta' Wied-il-Għajn ippropona lill-Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom u ser isir fiż-żmien li ġej.

**WIED-IL-GĦAJN – OPEN AIR GYM – XOGĦLIJIET**

**15477. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-open air gym li hemm fil-Bajja ta' San Tumas f'Wied-il-Għajn huwiex ser jiġi rranġat?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala għadu kemm irnexxielu jikseb fondi minn entità pubblika (LESA) u ħareġ sejħa għall-offerti, liema sejħa ġiet aġġudikata u fil-jiem li ġejjin ser jibda ix-xogħol fuq il-bdil tal-apparat eżistenti.

**SPEED GUNS – ĊITAZZJONIJIET IMĦALLSA**

**15517. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu miċ-ċitazzjonijiet li saru permezz tal-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15516.

**SPEED GUNS – VALUR TA' ĊITAZZJONIJIET IMĦALLSA**

**15518. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-valur miġbur miċ-ċitazzjonijiet li saru permezz tal-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15516.

**SPEED GUNS – ĊITAZZJONIJIET MHUX IMĦALLSA**

**15519. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ċitazzjonijiet li saru permezz tal-ispeed guns li għadhom mhux imħallsa?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15516.

**SPEED GUNS – VALUR TA' ĊITAZZJONIJIET MHUX IMĦALLSA**

**15520. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-valur taċ-ċitazzjonijiet li saru permezz tal-ispeed guns li għadhom mhux imħallsa?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15516.

**UFFIĊJALI ADDETTI BIEX JUŻAW L-ISPEED GUNS**

**15521. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali addetti biex jużaw l-ispeed guns?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Hemm 58 uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija u 19-il uffiċjal tal-LESA li huma mħarrġa u jużaw l-ispeed guns.

## UFFIĊJALI ADDETTI BIEX JUŻAW L-ISPEED GUNS – TAĦRIĠ

**15522. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-uffiċjali addetti għall-użu tal-ispeed guns ingħatawx xi taħriġ?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-uffiċjali tal-Pulizija u tal-LESA li jagħmlu użu mill-ispeed guns ingħataw it-taħriġ neċessarju u meħtieġ, kif dejjem isir meta jiġi akkwistat kull tip ta' apparat.

## SAN PAWL IL-BAĦAR – TRIQ SAN PUBLIJU – PROĠETT

**15615. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14904, jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-applikazzjonijiet DNO (jew applikazzjonijiet oħra mal-Awtorità tal-Ippjanar) relatati mal-proġett fi Triq San Publiju, f'San Pawl il-Baħar? Jista' jgħid jekk dawn l-applikazzjonijiet ġewx deċiżi u x'kienet id-deċiżjoni għal kull wieħed minn dawn id-DNOs? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti relatati mal-istess applikazzjonijiet? Jista' jgħid ukoll jekk ix-xogħol li ser isir hux skont l-istess permessi inkella hux ser isir xogħol ieħor li ma jeħtieġx applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar? Jekk ser isir xogħol ieħor li ma jeħtieġx applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, jista' jagħti tagħrif dwar fiex jikkonsisti dan ix-xogħol?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14512, ninformaha li fl-2021 l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kienet applikat għal DNO (DN00531/21) li ġiet approvata fl-14 ta' Ottubru 2021 biex tagħmel tisbiħ mill-bankina li tinsab biswit Triq San Publiju kantuniera ma' Triq San Franġisk, ġewwa San Pawl il-Baħar.

Eventwalment ittieħdet deċiżjoni li jsiru iktar emendi fuq il-proġett. Ix-xogħlijiet li qed jiġu implimentati huma xogħlijiet ta' manutenzjoni u jikkonsistu f'tibdil ta' railings, tibdil ta' dawl, għamara urbana ġdida kif ukoll tibdil fil-pavimentar.

## IN-NAXXAR – TRIQ IL-FORTIZZA TAL-MOSTA – ROTOT TAL-LINJA

**15616. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 14507 u 14956, jista' l-Ministru jgħid liema huma dawk il-bus stops li jservu Triq il-Fortizza tal-Mosta, fin-Naxxar, u jekk ma hemmx, jgħid jekk hux possibbli li jsiru bus stops f'din l-istess triq?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 14507 fejn kien speċifikat li l-ebda rotta tat-trasport pubbliku ma tgħaddi minn Triq il-Fortizza tal-Mosta, fin-Naxxar, u li madanakollu hemm rotot tas-servizz tat-trasport pubbliku li jgħaddu mill-viċinanzi, u ċjoè minn Triq Murray u Triq San Pawl fin-Naxxar.

Inżid li qed tittieħed nota ta' din il-proposta u ser tkun qed tiġi evalwata tali possibbiltà.

## FAĊILITÀ SAN VINCENZ DE PAUL – DAR NARĊIS

**15653. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm bdil fl-użu ta' dar Narċis ġewwa l-Faċilità San Vinċenz de Paul matul l-aħħar sena? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm residenti jew pazjenti fl-istess dar li ġew imwaqqfa milli jużaw is-servizzi f'din id-dar? Jekk iva, jista' jgħid jekk dawn l-istess persuni ngħatawx alternattiva għas-servizzi li kienu jibbenefikaw minnhom f'Dar Narċis?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-iskop ewlieni tan-Narċis huwa li jipprovdi riabilitazzjoni għal persuni bejn it-18 u d-59 sena, speċjalment dawk il-persuni li jeħtieġu riabilitazzjoni aktar fit-tul, bil-għan ewlieni jkun li dawn eventwalment jiġu rilaxxati f'ambjent komunitarju. Narċis kien qed jipprovdi wkoll servizzi ta' respite fuq bażi temporanja bħala l-funzjoni sekondarja tiegħu. Madankollu dan is-servizz kien dipendenti fuq id-disponibbiltà tal-post peress li l-għan proprju huwa dak ta' riabilitazzjoni.

Persuni li temmew il-kura tagħhom fin-Narċis jinkludu tliet individwi li ġew rilaxxati lura fil-komunità, persuna waħda rritornat id-dar b'suċċess u żewġ persuni oħra rritornaw f'ambjent komunitarju, skont il-ħtiġijiet partikolari tagħhom.

Ir-rwol ta' Narċis dan l-aħħar ġie rivedut u bħalissa se jiġi pprovdut biss mill-pjan terran u għalhekk is-sodod disponibbli se jiġu utilizzati minn klijenti li jeħtieġu riabilitazzjoni. Għalhekk, is-servizz ta' respite mhux se jibqa' jingħata, però l-persuni li jeħtieġu dan is-servizz se jkunu ggwidati lejn oqsma oħra li jistgħu jagħtu servizz bħal dan.

Kellna persuna waħda li talbet respite fin-Narċis u minflok ġiet offruta alternattiva oħra f'Dar il-Kaptan.

## LOKALITAJIET FEJN MHUX PERMESS LI PERSUNI JIXORBU ALKOĦOL F'POSTIJIET PUBBLIĊI

**15654. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid f'liema lokalitajiet mhux permess li persuni jixorbu alkoħol f'postijiet pubbliċi jew ikollhom fil-pussess tagħhom alkoħol f'kontenituri mhux issiġillati u/jew tal-ħġieġ, dan skont bye-law għal dik il-lokalità partikolari? Għal kull lokalità, jista' jgħid kemm-il persuna nqabdet tikser din il-bye-law u kemm-il taħrika nħarġet? Kemm minn dawn it-taħrikiet ġew imħallsa, kemm għadhom pendenti u kemm minnhom ġew ikkontestati u l-persuna ma nstabitx ħatja? Għal kull lokalità, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni li għaliha nħarġet kull waħda minn dawn it-taħrikiet?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Id-dettalji mitluba mill-Onor. Membru dwar lokalitajiet fejn hemm bye laws li jkopru kontravenzjonijiet ta' xorb ta' alkoħol f'postijiet pubbliċi u kontravenzjonijiet relatati jinsabu fit-tabella t'hawn taħt, miġbura skont il-lokalità. It-tabella tkopri l-perjodu mis-17 ta' Jannar 2017 sad-29 ta' Jannar 2024. Hemm ukoll Bye Laws tal-Isla (S.L. 363.226) u l-Għarb, Għawdex (S.L. 363.229), fejn ma kienx hemm kontravenzjonijiet reġistrati fis-sistema elettronika f'dan il-perjodu.

| Local Council / Offence | Grand Total |
|---|---|
| **MARSA SL 363.191 Beverages in Glass Container and Consumption of Alcohol in Public Places (Marsa Local Council) Bye-Laws** | **1,340** |
| As a person you carried alcoholic beverages in any public place which were not in a sealed unopened container | 1,120 |
| As a person you consumed alcohol in the streets or public places other than in the designated areas | 220 |
| **SAN ĠILJAN SL 363.113 Beverages in Glass Containers and Consumption of Alcohol in Public Places (San Ġiljan Local Council) Bye Laws** | **388** |
| As a commercial establishment that operates in the locality of San Ġiljan selling beverages, you failed to provide containers made of a material other than glass if such beverage is to be consumed in a public place | 3 |
| As a person you carried alcohol in in any public place other than in a sealed unopened container (San Ġiljan Local Council) | 339 |
| As a person you loitered in any public place while holding or having on your person any glass containers (San Ġiljan Local Council) | 18 |
| As a person you consumed alcohol in public places other than in the designated areas (San Ġiljan Local Council) | 28 |
| **ĦAMRUN SL 363.217 Consumption of Alcoholic Beverages in Public Places (Ħamrun Local Council) Bye-Laws** | **254** |
| As a person you carried alcoholic beverages which were not in a sealed recipient | 94 |
| As a person you loitered in any public space while holding or in possession of alcoholic beverages | 160 |
| **SAN PAWL IL-BAĦAR SL 363.228 Consumption of Alcoholic Beverages in Public Places (Local Council San Pawl il-Baħar) Bye Laws** | **248** |
| As a person you consumed alcohol in public places other than in the designated areas (San Pawl il-Baħar Local Council) | 227 |
| As a person you loitered in any public place while holding or having on your person any alcoholic beverages (San Pawl il-Baħar Local Council) | 20 |
| As a person you loitered in any public place while holding or in possession of a glass container | 1 |
| **RABAT-Gozo SL 363.183 Beverages in Glass Containers and Consumption of Alcohol in Public Places (Victoria Local Council)** | **46** |
| You carried alcohol or any other drink in public places other than in a sealed unopened container (Victoria Gozo) | 46 |
| **ŻEBBUĠ-Gozo SL 363.237 Beverages in Glass Containers and Consumption of Alcohol in Public Places, and Catering Establishments in Outdoor Spaces (Żebbuġ Gozo Local Council) Bye-laws** | **42** |

| | |
|---|---|
| As a person you loitered in any public place while holding, carrying or having in your possession or on your person alcoholic beverages (Żebbuġ Gozo Local Council) | 42 |
| **GŻIRA SL 363.182 (Consumption of Alcoholic Beverages in Public Places (Gżira Local Council)** | **3** |
| You loitered in any public place holding or having on your person any alcoholic beverages | 3 |
| **MSIDA SL 363.222 Beverages in Glass Containers and Consumption of Alcohol in Public Places (Imsida Local Council) Bye-Laws** | **2** |
| You carried alcohol or any other drink in public places other than in a sealed container | 2 |
| **BIRŻEBBUĠA SL 363.193 Beverages in Glass Containers in Public (Birżebbuġa Local Council) Bye-Laws** | **1** |
| As a person you carried alcohol or any other drinks in glass containers in any public place other than in a sealed unopened container (Birżebbuġa Local Council) | 1 |

## PULIZIJA – SKWADRI SPEĊJALI

**15655. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid f'liema lokalitajiet jew żoni ser ikun hemm skwadra speċjali ta' pulizija, bħal pereżempju intelligence-led policing? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li dan is-servizz jibda jingħata għal kull lokalità?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Intelligence-led policing mhix skwadra speċjali tal-Korp tal-Pulizija.

Dwar skwadri speċjalizzati ta' pulizija f'lokalitajiet f'dawn il-gżejjer, l-Onor. Membru konxja li diġà hemm diversi lokalitajiet li huma koperti min tali skwadri u ċjoè mill-Crime Prevention and Community Policing Teams (CPT). Dan illum ġie estiż għal 44 lokalità li jammontaw għal 85% tal-lokalitajiet f'pajjiżna. It-tabella turi wkoll il-kumplament ta' lokalitajiet fejn huwa previst illi l-Pulizija tal-Komunità jibdew joperaw fiż-żmien li ġej.

| **Lokalitajiet f'Malta fejn joperaw Pulizija tal-Komunità** | | | |
|---|---|---|---|
| Attard | Kirkop | Msida | Sta Venera |
| Balzan | Kottonera | Mtarfa | Siġġiewi |
| Birżebbuġa | Lija | Paola | Sta Luċija |
| Dingli | Luqa | Pembroke | Swieqi |
| Fgura | Marsa | Pietà | Ta' Xbiex |
| Floriana | Marsaskala | Qrendi | Tarxien |
| G'Manġa | Marsaxlokk | Rabat | Valletta |
| Gżira | Mdina | Safi | Xgħajra |
| Ħamrun | Mellieħa | San Ġiljan | Żabbar |
| Iklin | Mosta | San Ġwann | Żebbuġ |
| Kalkara | Mqabba | San Pawl il-Baħar | Żurrieq |

| **Lokalitajiet fejn hu previst li jibdew joperaw Pulizija tal-Komunità** |
|---|
| Birkirkara |
| Naxxar |
| Għargħur |
| Żejtun |
| Gudja |
| Ħal Għaxaq |
| Qormi |
| Sliema |

Il-Korp kommess li joffri servizz reġjonali fil-qasam tal-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika wara li ġie miftuħ hub ġdid ġewwa Santa Luċija. Waqt li dan iċ-ċentru ser jaqdi l-ħtiġijiet relatati ma' Vjolenza Domestika għar-reġjun tan-Nofsinhar ta' Malta, hemm proġett ieħor, u għaddejjin arranġamenti biex eventwalment jinfetaħ ċentru li jlaħħaq it-Tramuntana tal-pajjiż. Dan waqt li jkompli jiġi offrut is-servizz kontra l-Vjolenza Abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika mill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Roads Policing ser tkun skwadra speċjalizzata ġdida fil-Korp tal-Pulizija, iffokata sabiex tassisti fis-sigurtà tat-toroq tagħna. Din l-iskwadra ser tassisti wkoll sabiex wara li jsiru l-emendi legali meħtieġa, jitnaqqas id-dewmien tal-ftuħ mill-ġdid tat-toroq wara xi inċident tat-traffiku.

## PROJECT GREEN – APPLIKAZZJONIJIET MILL-KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA

**15656. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ssottomettiex applikazzjoni/applikazzjonijiet ma' Project Green? Jekk iva:

a. kemm-il proġett ġie sottomess minn dan il-Kunsill Lokali;
b. fiex kienet tikkonsisti kull proposta;

ċ. kemm kienet l-istima għal kull proġett sottomess;
d. kemm minn dawn il-proġetti ġew approvati minn Project Green biex ikunu attwati u kemm hu l-ammont li ġie approvat għall kull proġett;
e. tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti, photo montages, 3D Visuals eċċ. ta' kull proġett sottomess;
f. jekk proġetti sottomessi ma jkunux ġew ikkunsidrati minn Project Green, dawn jistgħu jiġu rikonsidrati fil-futur biex ikunu jistgħu jsiru;
g. tista' tgħid jekk sarux laqgħat mal-Kunsill Lokali rispettiv biex jiġi diskuss kif dawn il-proposti jiġu ameljorati biex ikunu jistgħu jikkwalifikaw għall-finanzjament meħtieġ?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Project Green irċeviet applikazzjoni waħda mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-Community Greening Grant. Dan il-proġett ġie magħżul u se jsir fuq medda ta' 2,000 metru kwadru ta' spazju miftuħ li bħalissa jinsab mitluq f'żona residenzjali f'din il-lokalità. Dan is-sit se jiġi riġenerat fi ġnien u fih se jsiru wkoll tliet ġwiebi biex l-ilma maħżun fihom jintuża għat-tisqija tas-siġar u l-pjanti li se jitħawlu fl-istess ġnien. Aktar dettalji dwar dan il-proġett ser jitħabbru aktar 'il quddiem.

## IS-SIĠĠIEWI – ROUNDABOUT TA' BRIJA

**15675. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Fid-dawl ta' diversi lmenti minn residenti Siġġiwin għaliex bix-xogħol infrastrutturali viċin ir-roundabout ta' Brija (bejn Triq Blat il-Qamar u Triq it-Tiġrija), il-blind spot issa ġiet agħar, jista' l-Ministru jara li tittieħed azzjoni minnufih qabel ikun tard wisq?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ix-xogħlijiet viċin ir-roundabout ta' Brija bejn Triq Blat il-Qamar u Triq it-Tiġrija għadhom għaddejjin. Ix-xogħlijiet jinkludu d-disinn ġdid għal din il-junction, l-introduzzjoni ta' bankini għal min juża l-akkwati bil-mixi u anke miżuri li jikkontrollaw il-veloċità. Nikkonferma li Infrastructure Malta qed tindirizza l-imsemmija roundabout bl-aħjar mod possibbli, fil-limitazzjoni tas-sit imsemmi.

## IS-SIĠĠIEWI – ROUNDABOUT TA' BRIJA

**15676. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl ta' diversi ilmenti minn residenti Siġġiwin għaliex bix-xogħol infrastrutturali viċin ir-roundabout ta' Brija (bejn Triq Blat il-Qamar u Triq it-Tiġrija), il-blind spot issa ġiet agħar, jista' l-Ministru jara li tittieħed azzjoni minnufih qabel ikun tard wisq?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

## L-IMTARFA – RAPPORTI TA' SERQ

**15731. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' serq fil-lokalità tal-Imtarfa matul is-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** In-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati fil-lokalità tal-Imtarfa matul is-sena 2023 kien kif jidher fit-tabella t'hawn taħt, fejn id-dettalji huma maqsuma xahar b'xahar kif mitlub fil-mistoqsija. Dettalji tan-numru ta' każijiet ta' serq irrappurtati għall-istess lokalità f'Jannar 2024 għadhom qed jiġu kkompilati u mhux disponibbli.

| **2023** | **Rapporti ta' serq fl-Imtarfa** |
|---|---|
| Jannar | 1 |
| Frar | 0 |
| Marzu | 0 |
| April | 0 |
| Mejju | 0 |
| Ġunju | 0 |
| Lulju | 1 |
| Awwissu | 0 |
| Settembru | 0 |
| Ottubru | 2 |
| Novembru | 0 |
| Diċembru | 1 |

## IR-RABAT, L-IMTARFA, ĦAD-DINGLI, L-IMĠARR U ĦAŻ-ŻEBBUĠ – PERSUNI LI TRESSQU L-QORTI FUQ KAŻIJIET TA' SERQ

**15732. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-

Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li tressqu l-Qorti fuq każijiet ta' serq, li saru fil-lokalità tar-Rabat, l-Imtarfa, Ħad-Dingli, l-Imġarr u Ħaż-Żebbuġ mill-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom għadhom qed jistennew ġustizzja?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fil-perjodu mis-sena 2023 sat-30 ta' Jannar 2024 kien hemm żewg persuni li tressqu fuq serq mil-lokalità ta' Ħaż-Żebbuġ li wieħed minnhom tressaq fuq żewg każi ta' serq mill-istess lokalità. Ħames persuni li tressqu l-qorti fuq serq mil-lokalità tar-Rabat u persuna waħda li tressqet il-qorti fuq serq mil-lokalità tal-Imġarr, waqt li oħra ser titressaq dwar serq mill-istess lokalità. Mill-persuni kollha li tressqu każ wieħed biss ġie deċiż, fejn il-persuna responsabbli ġiet sentenzjata xahrejn u nofs priġunerija, dwar serq minn Ħaż-Żebbuġ.

**DIRECT ORDERS**

**15733. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u l-ammonti totali tal-valur tagħhom, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

**DIRECT ORDERS**

**15734. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u l-ammonti totali tal-valur tagħhom, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Il-contracting authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

**DIRECT ORDERS**

**15735. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, matul l-2023 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u l-ammonti totali tal-valur tagħhom, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13746.

**DIRECT ORDERS**

**15736. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ingħataw direct orders mill-Ministeru li llum huwa mmexxi minnu, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u l-ammont totali tal-valur tagħhom, fil-perjodu bejn l-2020 u l-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

**PUBLIC WORKS DEPARTMENT – SERVIZZI LEGALI**

**15757. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk apparti l-Legal Office, jingħatawx servizzi legali mingħand persuni/entitajiet oħra u jekk iva, mingħand min?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jingħata servizzi legali mill-uffiċċju legali fi ħdanu u mill-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat skont il-ħtieġa.

**DIRETTORAT GĦAD-DISINN TA' PROĠETTI U L-INĠINERIJA – TAQSIMA TAD-DISINN STRUTTURALI – ĦADDIEMA**

**15758. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema jaħdmu ġewwa t-Taqsima tad-Disinn Strutturali fi ħdan id-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi jingħata servizzi legali mill-uffiċċju legali fi ħdanu u mill-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat skont il-ħtieġa.

**DIRETTORAT GĦAD-DISINN TA' PROĠETTI U L-INĠINERIJA – MECHANICAL AND ENGINEERING DESIGN UNIT - ĦADDIEMA**

**15759. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu ġewwa l-Mechanical and Engineering Design Unit fi ħdan id-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Hemm tmien persuni jaħdmu fil-Mechanical and Electrical Design Unit fi ħdan id-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Chief Engineer (Mechanical)
- Senior Engineer (Mechanical)
- Junior Engineer (Mechanical)
- Chief Engineer (Electrical)
- Engineer (Electrical)

**DIRETTORAT GĦAD-DISINN TA' PROĠETTI U L-INĠINERIJA – LAND SURVEYING UNIT - ĦADDIEMA**

**15760. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu fi ħdan it-Taqsima tal-Land Surveying tad-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Hemm tmien persuni jaħdmu fit-Taqsima tal-Land Surveying fi ħdan id-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Principal Technical Officer
- Technical Officer
- Assistant Technical Officer

**DIRETTORAT GĦAD-DISINN TA' PROĠETTI U L-INĠINERIJA – DRAWING OFFICE – ĦADDIEMA**

**15761. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema li jaħdmu fi ħdan id-Drawing Office tad-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Hemm għaxar persuni jaħdmu fid-Drawing Office fi ħdan id-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Operations Manager
- Manager I
- Principal Technical Officer
- Senior Technical Officer (Draughtsperson)
- Draughtsperson
- Foreman

**PLANNING AND DESIGN DIRECTORATE – PROJECT SUPERVISION OFFICE**

**15762. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm

hemm ħaddiema li jaħdmu fi ħdan il-Project Supervision Office tal-Planning and Design Directorate u x'inhuma l-gradi li tali ħaddiema għandhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Hemm tliet persuni jaħdmu fil-Project Supervision Office fi ħdan id-Direttorat għad-Disinn ta' Proġetti u l-Inġinerija.

Il-gradi ta' dawn il-ħaddiema huma kif ġej:
- Senior Manager (Project Management)
- Manager I
- Senior Technical Officer

**PA 0179/17 – PASSI MEĦTIEĠA**

**15784. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ser jittieħdu rigward il-permess PA0179/17 u tal-Enforcement Notice CM1746/23 li nħareġ għalih?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jivverifika u jiċċara n-numru tal-permess (PA), in-numru tal-avviż tal-Infurzar (EC), kif ukoll in-numru tal-ilment (CM). Il-lokazzjoni tar-riferenzi mogħtija fil-mistoqsija huma differenti minn xulxin.

**SIT SKEDAT FI GRAD 2 – PROĊEDURA SABIEX JINSTAB POST ALTERNATTIV**

**15811. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta sit skedat fi Grad 2 ikun inqala' minn postu minħabba proġett tal-Gvern jew tal-privat ikunx hemm obbligu li dan bilfors irid jerġa' jeħel fil-post eżatt fejn kien? Jekk le, jista' jgħid x'inhi l-proċedura sabiex jinstab post alternattiv?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Id-deċiżjonijiet relatati ma' talbiet bħal dawn jittieħdu fil-proċess tal-applikazzjoni relatata.

**KLABBS SPORTIVI – ADOLEXXENTI REĠISTRATI**

**15812. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm adolexxenti ta' bejn l-għaxar snin u s-17-il sena reġistrati ma' klabbs sportivi? Jista' jagħti din l-informazzjoni skont id-dixxiplina sportiva u skont l-età għal dawn l-aħħar għaxar snin?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni ma tistax tingħata għax l-assoċjazzjonijiet, għaqdiet u federazzjonijiet sportivi mhumiex parti mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

**KLABBS SPORTIVI – ŻGĦAŻAGĦ REĠISTRATI**

**15813. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm żgħażagħ ta' bejn it-18 u l-35 sena reġistrati ma' klabbs sportivi? Jista' jagħti din l-informazzjoni skont id-dixxiplini rispettivi u skont l-età għal dawn l-aħħar għaxar snin?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 15812.

**KUNSILLI LOKALI – AMBAXXATUR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

**15814. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema kunsilli lokali kellhom Ambaxxatur taż-Żgħażagħ fil-Kunsill Lokali tagħhom bid-dritt li jattendi għal-laqgħat tal-Kunsill u jagħti din l-informazzjoni sena b'sena mis-sena 2020 sal-bidu tal-2024?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Tabella bl-informazzjoni miġbura mill-Kunsilli Lokali li bagħtu l-informazzjoni mitluba lilhom sad-data tat-tweġiba ta' din il-mistoqsija, hekk kif mitlub mill-Onor. Interpellant, tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**KUNSILLIERI LOKALI F'MALTA U GĦAWDEX**

**15815. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hu

n-numru totali ta' kunsillieri lokali f'Malta u Għawdex u x'inhu s-sess tagħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| | LOKALITÀ | RĠIEL | NISA | TOTAL |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Il-Belt Valletta (Città Umilissima) | 7 | 0 | 7 |
| 2 | L-Imdina (Città Notabile) | 3 | 2 | 5 |
| 3 | Il-Birgu (Città Vittoriosa) | 5 | 0 | 5 |
| 4 | L-Isla (Città Invicta) | 3 | 2 | 5 |
| 5 | Bormla (Città Cospicua) | 4 | 3 | 7 |
| 6 | Ħal Qormi (Città Pinto) | 7 | 4 | 11 |
| 7 | Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) | 9 | 0 | 9 |
| 8 | Ħaż-Żabbar (Città Hompesch) | 7 | 4 | 11 |
| 9 | Is-Siġġiewi (Città Ferdinand) | 4 | 3 | 7 |
| 10 | Iż-Żejtun (Città Beland) | 4 | 5 | 9 |
| 11 | Ir-Rabat (Città Victoria) | 6 | 1 | 7 |
| 12 | Ħ'Attard | 7 | 2 | 9 |
| 13 | Ħal Balzan | 4 | 1 | 5 |
| 14 | Birkirkara | 8 | 5 | 13 |
| 15 | Birżebbuġa | 6 | 3 | 9 |
| 16 | Ħad-Dingli | 5 | 0 | 5 |
| 17 | Il-Fgura | 8 | 1 | 9 |
| 18 | Floriana | 3 | 2 | 5 |
| 19 | Il-Fontana | 4 | 1 | 5 |
| 20 | Il-Gudja | 1 | 3 | 4 |
| 21 | Il-Gżira | 8 | 1 | 9 |
| 22 | Għajnsielem | 5 | 0 | 5 |
| 23 | L-Għarb | 4 | 1 | 5 |
| 24 | Ħal Għargħur | 3 | 2 | 5 |
| 25 | L-Għasri | 4 | 1 | 5 |
| 26 | Ħal Għaxaq | 3 | 2 | 5 |
| 27 | Il-Ħamrun | 6 | 1 | 7 |
| 28 | L-Iklin | 3 | 2 | 5 |
| 29 | Il-Kalkara | 3 | 2 | 5 |
| 30 | Ta' Kerċem | 5 | 0 | 5 |
| 31 | Ħal Kirkop | 4 | 1 | 5 |
| 32 | Ħal Lija | 4 | 1 | 5 |
| 33 | Ħal Luqa | 5 | 2 | 7 |
| 34 | Il-Marsa | 6 | 1 | 7 |
| 35 | Marsaskala | 7 | 2 | 9 |
| 36 | Marsaxlokk | 3 | 1 | 4 |
| 37 | Il-Mellieħa | 7 | 2 | 9 |
| 38 | L-Imġarr | 3 | 2 | 5 |
| 39 | Il-Mosta | 9 | 4 | 13 |
| 40 | L-Imqabba | 4 | 1 | 5 |
| 41 | L-Imsida | 7 | 2 | 9 |
| 42 | Il-Munxar | 3 | 2 | 5 |
| 43 | In-Nadur | 5 | 0 | 5 |
| 44 | In-Naxxar | 7 | 2 | 9 |
| 45 | Paola | 5 | 2 | 7 |
| 46 | Pembroke | 4 | 1 | 5 |
| 47 | Tal-Pietà | 4 | 1 | 5 |
| 48 | Il-Qala | 4 | 1 | 5 |
| 49 | Il-Qrendi | 4 | 1 | 5 |
| 50 | Ir-Rabat | 7 | 2 | 9 |
| 51 | Ħal Safi | 4 | 1 | 5 |
| 52 | San Ġiljan | 7 | 2 | 9 |
| 53 | San Ġwann | 5 | 3 | 8 |
| 54 | San Lawrenz | 4 | 1 | 5 |
| 55 | San Pawl il-Baħar | 10 | 3 | 13 |
| 56 | Ta' Sannat | 4 | 1 | 5 |
| 57 | Santa Luċija | 3 | 2 | 5 |
| 58 | Santa Venera | 5 | 2 | 7 |
| 59 | Tas-Sliema | 10 | 2 | 12 |
| 60 | Is-Swieqi | 5 | 4 | 9 |
| 61 | Ta' Xbiex | 3 | 2 | 5 |
| 62 | Ħal Tarxien | 5 | 2 | 7 |
| 63 | Ix-Xagħra | 5 | 0 | 5 |
| 64 | Ix-Xewkija | 4 | 1 | 5 |
| 65 | Ix-Xgħajra | 3 | 2 | 5 |
| 66 | Iż-Żebbuġ | 3 | 2 | 5 |
| 67 | Iż-Żurrieq | 6 | 3 | 9 |
| 68 | L-Imtarfa | 3 | 2 | 5 |
| | | **340** | **120** | **460** |

**KUNSILLIERI LOKALI TAĦT IL-35 SENA**

**15816. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kunsillieri lokali, kunsill b'kunsill taħt il-35 sena u x'inhu s-sess tagħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella t'hawn taħt.

| Councillors born after 1987 | | |
|---|---|---|
| **LOKALITÀ** | **IRĠIEL** | **NISA** |
| Il-Belt Valletta (Città Umilissima) | 3 | 0 |
| L-Isla (Città Invicta) | 0 | 1 |
| Bormla (Città Cospicua) | 0 | 1 |
| Ħal Qormi (Città Pinto) | 1 | 3 |
| Ħaż-Żebbuġ (Città Rohan) | 2 | 0 |
| Ħaż-Żabbar (Città Hompesch) | 2 | 2 |
| Is-Siġġiewi (Città Ferdinand) | 0 | 1 |
| Iż-Żejtun (Città Beland) | 0 | 1 |
| Ir-Rabat (Città Victoria) | 0 | 1 |
| Ħ'Attard | 1 | 0 |
| Birkirkara | 3 | 0 |
| Birebbuġa | 1 | 0 |
| Ħad-Dingli | 1 | 0 |
| Il-Fgura | 1 | 1 |
| Floriana | 1 | 1 |
| Il-Fontana | 1 | 0 |
| Il-Gudja | 0 | 2 |
| Il-Gżira | 1 | 1 |
| Ħal Għargħur | 2 | 2 |
| Ħal Għaxaq | 0 | 1 |
| Il-Ħamrun | 1 | 0 |
| L-Iklin | 2 | 1 |
| Ħal Kirkop | 3 | 0 |
| Ħal Lija | 1 | 0 |

| | | |
|---|---|---|
| Ħal Luqa | 0 | 0 |
| Ħal Luqa | 2 | 1 |
| Marsaskala | 1 | 1 |
| Marsaxlokk | 0 | 1 |
| Il-Mellieħa | 3 | 0 |
| L-Imġarr | 0 | 1 |
| Il-Mosta | 0 | 0 |
| Il-Mosta | 2 | 1 |
| L-Imsida | 2 | 0 |
| Il-Munxar | 1 | 0 |
| In-Nadur | 2 | 0 |
| Paola | 1 | 0 |
| Pembroke | 2 | 0 |
| Tal-Pietà | 1 | 1 |
| Il-Qala | 1 | 0 |
| Ir-Rabat | 3 | 0 |
| San Ġiljan | 2 | 0 |
| San Pawl il-Baħar | 1 | 0 |
| Ta' Sannat | 2 | 0 |
| Santa Luċija | 1 | 1 |
| Santa Venera | 2 | 1 |
| Tas-Sliema | 1 | 1 |
| Ta' Xbiex | 0 | 1 |
| Ħal Tarxien | 1 | 0 |
| Ix-Xagħra | 1 | 0 |
| Iż-Żebbuġ | 1 | 1 |
| Iż-Żurrieq | 2 | 1 |
| L-Imtarfa | 2 | 1 |
| | **64** | **32** |

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - DIRECT ORDERS**

**15826. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15419.

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DIRECT ORDERS**

**15827. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur):** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15420.

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DIRECT ORDERS**

**15828. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost.

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – DIRECT ORDERS**

**15829. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu matul l-2023?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant jinqabeż l-advisory cost.

**SLEEPING POLICE/ROAD HUMPS F'TOROQ RESIDENZJALI – PROĊEDURA**

**15852. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura ta' kif toroq residenzjali tista' ssirilhom sleeping police/road hump?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Sabiex toroq residenzjali ssirilhom sleeping police/road hump, il-kunsill lokali jrid japplika għand it-Traffic Management Division fi ħdan Transport Malta. Nirrimarka li l-formola tal-applikazzjoni hija disponibbli fuq il-website tal-Awtorità. L-Awtorità mbagħad tagħmel evalwazzjoni teknika ta' din it-talba. Jekk it-talba tiġi milqugħa, il-kunsill ikun jista' jimplimenta skont il-kundizzjonijiet tal-Awtorizzazzjoni.

Inżid li l-proċedura li semmejt tapplika għal kull tip ta' traffic calming measure.

**IS-SETTUR PUBBLIKU U S-SETTUR ĊIVILI – FTEHIM KOLLETTIV**

**15862. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15125 li oriġinarjament saret lid-Deputat Prim Ministru u jippreżenta lista li turi:
a. iż-żieda perċentwali fil-pagi għal kull ftehim kollettiv iffirmat matul l-2022 u l-2023 fis-Settur Pubbliku u Ċivili u s-Section/Sector/Authority li ġie ffirmat il-ftehim kollettiv; u
b. l-isem tal-Union li magħha saru n-negozjati?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Dan il-Gvern hu impenjat li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema u għalhekk f'okkażjoni wara oħra għalaq ftehimiet kollettivi u settorjali ġodda. Iż-żidiet ikunu jvarjaw skont l-istrutturi u l-livelli li fihom l-impjegati jkunu qegħdin u għalhekk it-tagħrif ma jistax jingħata kif mitlub. Dan apparti titjib fl-allowances u kundizzjonijiet oħra. Il-kumplament tat-tagħrif qed jingħabar.

**DIER - ĦADDIEMA**

**15864. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15123, jista' d-Deputat Prim Ministru jagħti lista tal-gradi u kemm hemm ħaddiema f'dawn il-gradi fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER)?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** It-58 persuna li jaħdmu fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER) huma mqassma hekk:
45 (Public Officers)
2 (RSSL)
6 (Students within the IPS scheme)
5 (Contractor)

**INDUSTRIAL RELATIONS UNIT – ĦADDIEMA**

**15865. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15122, jista' d-Deputat Prim Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu fl-Industrial Relations Unit u jipprovdi lista tal-gradi kollha u ta' kemm hemm ħaddiema f'kull grad?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

**IS-SETTUR PUBBLIKU U S-SERVIZZ PUBBLIKU – FTEHIM KOLLETTIV**

**15866. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15120 li oriġinarjament saret lid-Depuat Prim Ministru u jippreżenta lista b'kull ftehim kollettiv pendenti fis-settur pubbliku u fiċ-Ċivil u meta dawn skadew? Jista' jgħid ukoll ma' liema union qed isiru jew se jsiru d-diskussjonijiet?

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif mitlub qed jingħabar.

**COLA – MEKKANIŻMU ĠDID**

**15867. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15134, jista' l-Ministru jgħid jekk sarux laqgħat fuq tibdil tal-mekkaniżmu l-ġdid tal-COLA?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ma hemm l-ebda taħditiet għaddejjin f'dan ir-rigward.

## KAŻ TA' INDIVIDWU

**15868. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14625, jista' l-Ministru jagħti raġuni għaliex il-Kummissarju Għoli ta' Malta għall-Ghana reġa' ġie konfermat fil-kariga fl-2022 bla skrutinju tal-Parlament, jiġifieri ma kienx hemm ħtieġa?

**ONOR. IAN BORG:** L-artiklu 38 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jpoġġix il-ħtieġa ta' skrutinju mill-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi f'każi fejn Ambaxxatur jew Kummissarju Għoli tkun qed issirlu estensjoni ta' ħatra li diġà jokkupa.

## L-IMSIDA – DAR TAL-ANZJANI – SEJĦA GĦALL-OFFERTI

**15872. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15440, jista' l-Ministru jagħti data preċiża jew almenu indikazzjoni f'liema xahar f'din is-sena ser tkun qed tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għad-Dar tal-Anzjani tal-Imsida?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Meta jkun il-waqt nagħtu aktar dettalji.

## BORMLA – DAR TAL-ANZJANI – SERVIZZ TA' SIGURTÀ

**15873. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15439, jista' l-Ministru jgħid jekk illum għadux jingħata s-servizz ta' sigurtà mad-Dar tal-Anzjani f'Bormla li issa ilha magħluqa minn Lulju 2023?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-ammont mogħti fit-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15439 jirreferi għall-bini ta' ħitan biex jiġu blukkati l-entraturi tad-Dar tal-Anzjani f'Bormla. B'dan il-mod ma hemmx bżonn ta' sigurtà oħra. Is-Servizz ta' sigurtà permezz ta' uffiċjal tas-sigurtà ġie provdut għal 16-il ġimgħa.

## SKEMA ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ – ANZJANI LI MA JŻURHOM ĦADD

**15874. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15443, jista' l-Ministru jgħid għaliex ma tinżammx statistika dwar in-numru ta' anzjani li qegħdin fid-djar residenzjali tal-anzjani li jaqgħu taħt l-iskema tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità li ma jżurhom ħadd? Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser tibda tinżamm din l-istatistika u x'se tkun l-istrateġija tal-Gvern biex dawn l-anzjani ma jħossuhomx waħedhom u jiġu pprovduti b'dak kollu li għandhom bżonn?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Dawk l-anzjani li qegħdin f'dar tal-anzjani taħt l-iskema tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u li ma jżurhom ħadd jistgħu jiġu riferuti biex jingħatalhom sapport permezz tas-servizzi ta' social workers u psikoterapija fejn ikun hemm bżonn. Hemm ukoll attivitajiet li jsiru matul is-sena li huma mmirati għal dawn l-anzjani, jekk ikunu jixtiequ jipparteċipaw.

## ANZJANI LI MA JŻURHOM ĦADD

**15875. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15443, jista' l-Ministru jgħid x'qiegħed isir biex dawn il-35 resident f'San Vinċenz de Paul li ma jżurhom ħadd ma jħossuhomx waħedhom? Jista' jikkonferma illi l-Gvern jipprovdi lil dawn l-anzjani dak kollu li jeħtieġu?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Dawn il-35 resident f'San Vinċenz de Paul li ma jżurhom ħadd qed jibbenefikaw mis-servizz tal-Active Ageing Unit fi ħdan San Vinċenz de Paul stess. Dan is-servizz jindirizza l-ħtiġijiet soċjali u l-inklużjoni soċjali tar-residenti kollha, jiġifieri jiżgura li r-residenti jinżammu fiżikament, mentalment u soċjalment attivi sabiex kemm jista' jkun, ħadd ma jkun iżolat. Il-Gvern qed jipprovdi lil dawn l-anzjani b'dak kollu li jeħtieġu, permezz ta' bosta attivitajiet, bħal

logħob tal-bord, logħob sportiv, logħob tal-pari, logħob interattiv, reminixxenza, tpinġija, qari, eċċ. kif ukoll ħarġiet u żjarat fi spazji miftuħa, bħal Ħad-Dingli, Lapsi, il-Buskett, il-Ġnejna, ħarġiet kulturali b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta, fosthom żjarat fil-Forti Sant'Anġlu, fil-Forti Sant'Iermu u fiċ-Ċentru tal-Viżitaturi taċ-Ċittadella f'Għawdex.

### IS-SIĠĠIEWI – KUNDIZZJONIJIET RELATATI MAX-XOGĦOL TAL-BINI TAZ-ZUNTIER

**15878. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'kundizzjonijiet se jiġu osservati fix-xogħlijiet relatati mal-bini taz-zuntier tas-Siġġiewi biex jiġu preservati xi fdalijiet ta' wirt kulturali li jista' jinstab max-xogħol?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fix-xogħlijiet relatati mal-bini taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola fis-Siġġiewi ser jiġu osservati l-kundizzjonijiet stipulati mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali li jagħmlu parti mill-permess ta' żvilupp maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar.

### IS-SETTUR PUBBLIKU U S-SETTUR ĊIVILI – FTEHIM KOLLETTIV

**15881. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur iwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15120 u jippreżenta lista b'kull ftehim kollettiv pendenti fis-settur pubbliku u ċivili u meta dawn skadew? Jista' jgħid ukoll ma' liema union qed isiru jew se jsiru d-diskussjonijiet?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru konċernat.

### IX-XAGĦRA – SIT VAKANTI

**15902. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-'prehistoric burial pit containing human remains and prehistoric (Temple Period) cultural material' li ġiet investigata mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali f'Mejju u f'Ġunju tal-2023 instabitx fi 'Plot 17', is-sit fejn huwa propost l-iżvilupp PA/03174/23 li jinsab fi 'Vacant Site at, N/S off Triq il-Knisja c/w N/S off, Triq George Mcadam, Xagħra'?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-prehistoric burial pit li nstabet mhix fil-konfini ta' Plot 17.

### IX-XAGĦRA – ŻONA TA' LABLAB

**15903. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema hu n-numru tal-plot li ġo fih instabet il-'prehistoric burial pit containing human remains and prehistoric (Temple Period) cultural material' li ġiet investigata mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali f'Mejju u f'Ġunju tal-2023? Jista' l-Ministru jindika b'mod ċar fuq pjanta (site plan) fejn bl-eżatt fiż-żona f'Ta' Lablab, fix-Xagħra, Għawdex instabet?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-burial pit tinstab fi plot 16. Intant, pjanta li tindika l-lokazzjoni tal-istess burial pit tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

### IX-XAGĦRA – GĦAR

**15904. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 15565, 15566 u 15567, jista' l-Ministru jgħid jekk l-għar li nstab jestendix taħt is-sit kopert minn PA/03174/23 li jinsab fi 'Vacant Site at, N/S off Triq il-Knisja c/w N/S off, Triq George Mcadam, Xagħra'?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tikkonferma li l-għar jinstab taħt Plot 17, kopert b'PA3174/23. Is-Sovrintendenza tixtieq terġa' tikkjarifika li waqt il-monitoraġġ ta' permessi fuq dan is-sit ma nstabux għerien ġodda, iżda ġiet ikkonfermata l-

preżenza tal-għar li kien ġie innotat fis-sena 2012 u li dak iż-żmien kien deċiż li dan l-għar ma għandu l-ebda importanza, hekk kif imniżżel fir-risposta marbuta ma' PC40/13.

## MICRO GRANTS – APPIKAZZJONIJIET FL-2023

**15905. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'kien in-numru totali ta' applikanti fis-sena 2023 għall-Micro Grants? X'kien l-ammont ta' fondi li tqassam lil dawk li bbenefikaw minn din l-iskema? Jista' jagħti rendikont għal kull wieħed?

**ONOR. OWEN BONNICI:** In-numru totali ta' applikanti fis-sena 2023 għall-Micro Grants kien ta' 37 applikant.

L-ammont ta' fondi li tqassam lil dawk li bbenefikaw minn din l-iskema kien ta' €102,455.00.

It-tabella t'hawn taħt tagħti rendikont tal-istess:

| Benefiċjarju | Titlu tal-Proġett | Ammont |
|---|---|---|
| Alan Ferrante | Learning the Art of Real Life Figures | € 3,000.00 |
| Andrew John Sciberras | Generation Young | € 3,000.00 |
| Anna Marie Curmi | An Evening with Arie Antiche | € 3,000.00 |
| Antoine Mercieca | CD Recording | € 1,015.00 |
| Antoinette Cefai | Għidli – Music Video | € 3,000.00 |
| Clayton Gauci | Operation Activate | € 3,000.00 |
| Damian Spiteri | Music Video | € 3,000.00 |
| Ethan Attard | Ethan Attard: Debut | € 2,998.00 |
| Francesca Grech | Developing a New Picture Book for Children | € 3,000.00 |
| Gianni Selvaggi | CultureCast | € 2,820.00 |
| Glen Montanaro | Exploring and reinvigorating Maltese music through a collaborative lens | € 3,000.00 |
| Ivan Grech | Ivan Grech First Solo Album | € 3,000.00 |
| Jameson Cucciardi | The Writers' Playroom | € 2,780.00 |
| John Paul Azzopardi | Liquid Key | € 2,968.00 |
| Julian Dingli | Julian Dingli | € 3,000.00 |
| Klinsmann Coleiro | Klinsmann Music Album Project | € 3,000.00 |
| Kristina Critien | Songwriting Camp | € 3,000.00 |
| Liam Mizzi Peplow | Recording of SOUL Album | € 3,000.00 |
| Luca Selvai | Sounds of Ether – Multi Sensory Music & Sound Journeys of Introspection & deep rest | € 3,000.00 |
| Matteo Caruana Bond | The Bride | € 2,975.00 |
| Michael Farrugia | Mouse Trap | € 2,940.00 |
| Michelle Gruppetta | Mock-up Pitch Bible for Portfolio – 'Father I am not your strongest soldier' | € 3,000.00 |
| Mireille Estelle Camilleri | Malta Ħanina | € 3,000.00 |
| Natalia Rakhmatulina | Going Solo | € 3,000.00 |
| Owen Leuellen | Album Recording | € 3,000.00 |
| Patrick Fenech | CAGED SPACES – A photo documentary project | € 3,000.00 |
| Patryk Cutajar | Setting the Bar | € 3,000.00 |
| Paul Giordimaina | Recording for Gatt Groove, Album | € 3,000.00 |
| Rambert Paul Attard | How To Deal With a Breakup R&D | € 2,190.00 |
| Rowena Zammit | Giulietta – Research & Development | € 2,985.00 |
| Samuel Ciantar | no.site.studio x 2.3 | € 3,000.00 |
| Sephora Schembri | The art of weaving and printmaking | € 3,000.00 |
| Sheldon Saliba | Age of Human | € 3,000.00 |
| Thomas James Dempsey | Who We Used To Be | € 2,667.00 |
| Victor Agius | INEARTH, UNEARTH: Archives of Matter and Ritual | € 3,000.00 |
| Zoe Camilleri | Zowij.Makes | € 1,117.00 |

L-informazzjoni hawn fuq hija kollha disponibbli online fil-link segwenti: https://artscouncilmalta.gov.mt/pages/funds-opportunities/schemes-2023/micro-grant/

## KUNSILL TAL-ARTI

**15906. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jispjega kif il-Kunsill tal-Arti qiegħed jimplimenta l-prinċipju Nru 9

(Embrace culture as a pillar of sustainable development in terms of its sustainability and interlinkages with the social, economic and environmental dimensions of well-being) mill-10 prinċipji li jisħaq fuqhom l-istess Kunsill?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Hemm diversi inizjattivi u programmi li l-Kunsill Malti għall-Arti qed jimplimenta fejn is-sostenibbiltà qed tiġi mogħtija prijorità, kemm permezz tal-kontribut li l-arti jista' jkollha lejn l-iżvilupp sostenibbli u anke permezz ta' strutturi ta' appoġġ lejn is-settur artistiku li jħaddnu l-prinċipji tal- iżvilupp sostenibbli.

Fosthom hemm:

- Il-pubblikazzjoni ta' pakkett ta' riżorsi bbażat fuq konsultazzjoni ma gruppi soċjodemografiċi diversi, dwar kif prattiċi artistiċi mal-komunitajiet jistgħu jħarsu u jikkontribwixxu lejn id-drittijiet kulturali li huma fil-qalba tas-sostenibbiltà soċjali. B'hekk il-Kunsill qed jiffaċilita b'mod strutturali d-disinn ta' programmi u inizjattivi kulturali inklużivi, aċċessibbli, miftuħa għal-espressjonijiet kulturali diversi u b'impatti konkreti u b'legat fuq il-komunitajiet rispettivi.

- Skemi ta' fondi varji li jħarsu lejn is-sostenibbiltà bħala element importanti tal-implimentazzjoni ta' proġetti artistiċi bħall-iskemi ta' appoġġ tematiċi li jittrattaw id-drittijiet kulturali, skema biex tiffaċilita l-aċċess għal operaturi kulturali li jkunu ser jibbenefikaw minn fondi iżda jeħtieġu għajnuna oħra minħabba bżonnijiet fiżiċi, komunikattivi u intellettwali ta' aċċess. It-tema ta' sostenibbiltà ambjentali u soċjali hi prevalenti wkoll fis-sejħiet pubbliċi għal proposti artistiċi biex jipparteċipaw fi pjattaformi internazzjonali, skemi għal riċerka u innovazzjoni artistika li ssaħħaħ anke s-sostenibbiltà ekonomika ta' prattikanti.

- Il-Kunsill Malta għall-Arti ħadem u għadu qed jaħdem fuq l-iżvilupp ta' strateġiji ta' sostenibbiltà interni u anke għal imsieħba pubbliċi u indipendenti permezz ta' workshops u konsultazzjonijiet mal-kunsilli tar-reġjuni, mal-organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi u anke ma' benefiċjarji li huma appoġġati minn fondi strateġiċi. Dan l-aspett ta' sostenibbiltà jmiss mat-tliet pilastri tal-SDGs, jiġifieri l-aspett ambjentali, ekonomiku u anke soċjali. Eżempju ċar huwa kif ir-Reġjun Lvant li huwa r-Reġjun tal-Kultura għal din is-sena ħoloq strateġija ta' sostenibbiltà tiegħu grazzi għal dan il-proċess ffaċilitat mill-Kunsill Malti għall-Arti.

- Il-Kunsill Malti għall-Arti qiegħed jaħdem ukoll biex joħloq aktar viżibilità fuq il-konnessjonijiet bejn il-benesseri u l-kultura permezz ta' ingaġġi ma awtoritajiet konċernati kemm mis-settur kulturali u mis-settur tas-saħħa, kif ukoll konverżazzjonijiet ma' msieħba indipendenti u NGOs li jaħdmu f'dawn l-oqsma. Il-benesseri huma kruċjali għal kull aġenda li tpoġġi fil-qalba is-sostenibbiltà.

- Din is-sena se jkun hemm ukoll it-tnedija taċ-Charter for the Status of the Artist li ser jistipula qafas ta' prattika ta' kif is-setturi pubbliċi u privati għandhom jirrikonoxxu x-xogħol tal-artisti u l-prattikanti li b'xi mod jikkontribwixxu għal prodotti u servizzi artistiċi u b'hekk tissaħħaħ aktar il-kontabbiltà. Dan ser jindirizza aspetti li fosthom hemm il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-libertà tal-espressjoni artistika, l-infrastruttura kulturali, l-edukazzjoni artistika u l-aspetti amministrattivi fil-kuntest ta' rata ogħla mill-medja ta' xogħolijiet li ma jseħħux fil-ħinijiet konvenzjonali u kuntratti li ma jkunux dejjem jirriflettu sew id-drittijiet ta' min jaħdem fis-settur. Dan iċ-Charter qed jinbena b'mod riċerkat u konsultattiv ma' esponenti tas-settur.

- L-aspett ta' sostenibbiltà qiegħed integrat f'kull aspett tax-xogħol tal-Kunsill Malti għall-Arti mill-konsultazzjonijiet varji li jsiru qabel ma jittieħdu deċiżjonijiet fuq miżuri varji sal-inizjattivi li jkunu iddisinjati biex ikunu soċjalment inklużivi u aċċessibbli. Is-sostenibbiltà fil-ħidma hi ambitu li dejjem fih spazju għal titjib iżda l-Kunsill determinat li jibqa jisħaq u jattwa fuqu f'kull aspett ta' xogħolu għas-snin li ġejjin.

## MATSEC – EŻAMIJIET TAL-ARTI, MUŻIKA U DRAMA

**15907. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' studenti mill-iskejjel tal-Gvern, Indipendenti u dawk tal-Knisja li għamlu l-eżami tal-MATSEC għal dawn is-suġġetti: Arti, Mużika u Drama f'dawn l-aħħar ħames snin?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li l-MATSEC ma joffrix is-suġġett tad-Drama, mill-2025 mistenni jkun hemm is-suġġett SEC Theatre.

Matul dawn l-aħħar ħames snin kien hemm total ta' 2,540 student li rreġistraw għall-Arti jew il-Mużika.

## IL-BAĦRIJA – TRIQ TA' NAMURA – ARBLU TAD-DAWL

**15909. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jitneħħa arblu tad-dawl li jinsab f'nofs ta' triq fi Triq Ta' Namura, il-Baħrija, Rabat?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

## MEDIĊINA 'TUJEO'

**15910. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-mediċina Tujeo 80 units daily mhux tingħata lill-pazjent li qed ibati minn glycogenic hepatopathy?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Wara rikonsiderazzjoni tal-provi u evidenza ġdida mogħtija mill-konsulent tal-pazjent, din it-talba għal Tujeo ġiet approvata mill-EMTC għall-pazjent partokolari li jbati minn din il-kundizzjoni rari.

## OFFSHORE FLOATING PHOTOVOLTAICS – DOKUMENT MAĦRUĠ GĦALL-KONSULTAZZJONI

**15918. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument maħruġ għall-konsultazzjoni pubblika fil-31 ta' Jannar 2024 dwar interess għal proġetti ta' offshore floating photovoltaics?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fil-31 ta' Jannar 2024 nidejna proċess ta' konsultazzjoni preliminari, magħruf bħala preliminary market consultation (PMC), biex jiġi evalwat is-suq għall-pannelli fotovoltajċi f'wiċċ il-baħar (nearshore floating solar farms) fl-ibħra territorjali ta' Malta. Il-PMC, li l-konsultazzjoni dwaru se tkun miftuħa sa nhar l-Erbgħa 24 ta' April 2024, jidentifika żona ta' erba' mili nawtiċi 'l bogħod mill-kosta ta' Delimara bħala l-ewwel post fejn possibbilment jista' jkun hemm żvilupp ta' proġetti ta' teknoloġiji solari konnessi mal-grid b'kapaċità ta' 50 megawatt t'enerġija rinnovabbli.

Dan il-Gvern huwa impenjat li jkompli jixpruna aktar investimenti fl-enerġija nadifa biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi ta' Malta għad-dekarbonizzazzjoni u s-sostenibbiltà. Qed nipprovdu diversi għajnuniet biex ninkoraġġixxu lill-familji u l-imprendituri jiżviluppaw aktar sistemi ta' enerġija nadifa fuq l-art. Ta' kull sena qed naraw żieda ta' enerġija mir-rinnovabbli fit-taħlita tas-sorsi ta' enerġija tal-pajjiż. Madankollu, fi stat ta' gżejjer bħal tagħna, hemm limitazzjonijiet biex insibu spazji kbar għal sorsi ta' enerġija fuq l-art. Nemmnu bi sħiħ li l-opportunitajiet li joffru l-ibħra madwarna jistgħu jkunu soluzzjoni importanti. L-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi f'wiċċ il-baħar hija teknoloġija li għadha fil-bidu tal-iżvilupp tagħha li se tkompli tikber fis-snin li ġejjin, b'aktar riċerka u żvilupp. Permezz ta' din il-konsultazzjoni qed niskattaw proċess li jista' jinkoraġġixxi lill-investituri u l-innovaturi biex ipoġġu lil Malta fuq quddiem fl-iżvilupp ta' din it-teknoloġija ambjentali innovattiva.

Il-PMC għandu l-għan li jiġbor proposti minn operaturi għall-użu ta' proġetti ta' teknoloġiji solari f'wiċċ il-baħar, inkluż photovoltaic farms, li jestendu sa 12-il mil nawtiku mill-kosta ta' Malta u Għawdex. Operaturi ekonomiċi se jkunu jistgħu jipproponu proposti bbażati fuq iż-żona identifikata jew f'postijiet oħrajn li jitqiesu fattibbli għal dawn it-tip ta' proġetti. Dan il-proċess se jiffaċilita l-evalwazzjoni ta' kemm l-investituri huma interessati f'din it-teknoloġija biex il-Gvern ikun jista' jevalwa kemm is-suq huwa mħejji għalih. Fl-istess waqt, il-proċess se jgħin fl-istudji tekniċi li għaddejjin biex tkun tista' tinħareġ sejħa għall-offerti għal dawn il-proġetti.

Investituri li eventwalment jistgħu jintgħażlu għal dawn il-proġetti jkunu meħtieġa li jiksbu l-permessi tal-iżvilupp u ambjentali meħtieġa, u jagħmlu diversi studji, inkluż dawk biex

jiddeterminaw il-karatteristiċi ta' qiegħ il-baħar u aspetti oħrajn ambjentali u tekniċi għal kull sit.

Infakkar li qed naħdmu wkoll fuq proċess separat għal investimenti f'sistemi ta' enerġija rinnovabbli offshore, bħal floating wind farms, fiż-żona esklużiva ekonomika ta' Malta. Fl-2023 ġiet varat għal konsultazzjoni pubblika abbozz tal-politika bl-isem 'National Policy for the Deployment of Offshore Renewable Energy'. Din il-politika se tkun qed tiġi ppubblikata fix-xhur li ġejjin. Fl-istess waqt qed nippjanaw ukoll li nniedu pre-qualification questionnaire (PQQ) biex nistiednu lill-investituri jipproponu proġetti ta' enerġija rinnovabbli offshore.

Filwaqt li kopja tad-dokument tal-PMC tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti, inżid li dan id-dokument huwa aċċessibbli għall-pubbliku inġenerali fuq is-sit elettroniku tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) rews.org.mt/pmc u ilu aċċessibbli minn meta nidejnieh għall-konsultazzjoni.

## PROVVISTA TAD-DAWL – KUMPENS

**15919. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk l-għotja ta' kumpens li ngħatat għall-qtugħ fil-provvista tad-dawl fix-xhur li għaddew, kinitx waħda awtomatika? Tista' wkoll tgħid jekk kienx hemm individwi li applikaw għall-kumpens huma u t-talba ġiet milqugħa?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Il-parti l-kbira tal-għotja ta' kumpens li ngħatat għal qtugħ fil-provvista tad-dawl kienet waħda awtomatika.

Barra minn hekk, konsumaturi li għandhom il-kont tagħhom reġistrat għall-użu residenzjali jew domestiku u ma ngħatawx il-kumpens b'mod awtomatiku kellhom ukoll il-fakultà li jirreġistraw minn fuq is-sit tal-ARMS Ltd. Wara li saru l-verifiki neċessarji, dawn ingħataw il-kumpens kif suppost. Dawk li għandhom il-kont reġistrat għall-użu kummerċjali kellhom japplikaw direttament mal-Malta Enterprise.

## GRANTS TA' MUTURI ELETTRIĊI – APPLIKAZZJONIJIET

**15922. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-aħħar applikazzjonijiet għal grants ta' muturi elettriċi li ġew ipproċessati u approvati (eż. dawk li applikaw sa Diċembru 2023)?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Bħalissa qegħdin jiġu pproċessati u approvati l-applikazzjonijiet għal grants ta' muturi elettriċi għal dawk li applikaw lejn l-aħħar tal-2023.

## GRANTS TA' ROTI ELETTRIĊI – APPLIKAZZJONIJIET

**15923. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-aħħar applikazzjonijiet għal grants ta' roti elettriċi li ġew ipproċessati u approvati (eż. dawk li applikaw sa Diċembru 2023)?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Bħalissa qegħdin jiġu pproċessati u approvati l-applikazzjonijiet għal grants għal roti elettriċi għal dawk li applikaw lejn l-aħħar tal-2023.

L-Awtorità ħadmet sabiex il-proċess isir aktar effiċjenti. Fost it-titjib li sar, ninnota li l-applikazzjonijiet issa huma aċċessibbli online u b'hekk tnaqqas il-ħin sabiex l-applikazzjonijiet jiġu pproċessati u mħallsa.

## GRANTS GĦAL KAROZZI ELETTRIĊI – APPLIKAZZJONIJIET APPROVATI

**15924. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-aħħar applikazzjonijiet approvati ta' grants għal karozzi elettriċi li tħallsu lill-benefiċċjarji (eż. dawk tal-karozzi li nxtraw sa Ottubru tal-2023)?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Bħalissa qegħdin jitħallsu dawk l-applikazzjonijiet għal grants ta' vetturi elettriċi li applikaw lejn l-aħħar tal-2023.

L-Awtorità ħadmet sabiex il-proċess isir aktar effiċjenti. Fost it-titjib li sar, ninnota li l-applikazzjonijiet issa huma aċċessibbli online u b'hekk tnaqqas il-ħin sabiex l-applikazzjonijiet jiġu pproċessati u mħallsa.

## GRANTS TA' MUTURI ELETTRIĊI – APPLIKAZZJONIJIET APPROVATI

**15925. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-aħħar applikazzjonijiet approvati ta' grants għal muturi elettriċi li tħallsu lill-benefiċċjarji (eż. dawk tal-muturi li nxtraw sa Ottubru tal-2023)?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Bħalissa qegħdin jitħallsu dawk l-applikazzjonijiet għal grants ta' muturi elettriċi li applikaw lejn l-aħħar tal-2023.

L-Awtorità ħadmet sabiex il-proċess isir aktar effiċjenti. Fost it-titjib li sar, ninnota li l-applikazzjonijiet issa huma aċċessibbli online u b'hekk tnaqqas il-ħin sabiex l-applikazzjonijiet jiġu pproċessati u mħallsa.

## GRANTS GĦAL ROTI ELETTRIĊI – APPLIKAZZJONIJIET APPROVATI

**15926. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-aħħar applikazzjonijiet approvati ta' grants għal roti elettriċi li tħallsu lill-benefiċċjarji (eż. dawk tar-roti li nxtraw sa Ottubru tal-2023)?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Bħalissa qegħdin jitħallsu dawk l-applikazzjonijiet għal grants ta' roti elettriċi li applikaw lejn l-aħħar tal-2023.

L-Awtorità ħadmet sabiex il-proċess isir aktar effiċjenti. Fost it-titjib li sar, ninnota li l-applikazzjonijiet issa huma aċċessibbli online u b'hekk tnaqqas il-ħin sabiex l-applikazzjonijiet jiġu pproċessati u mħallsa.

## EUROPEAN BICYCLE DECLARATION

**15927. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Malta ffirmatx il-European Bicycle Declaration li qed titlob strateġija komuni Ewropea għall-promozzjoni taċ-ċikliżmu u sabiex l-2024 tkun nominata bħala s-Sena Ewropea għaċ-Ċikliżmu? Jekk iva, jista' jgħid meta u, jekk le, jista' jgħid għaliex jew hemmx ħsieb li dan isir fil-qrib?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-European Bicycle Declaration għadha qed tiġi diskussa f'istituzzjonijiet Ewropej u għaldaqstant għadha mhix iffinalizzata. Hu mistenni li tiġi adottata waqt il-laqgħa informali tal-Kunsill tal-Ministri tat-Trasport tal-UE skedata li ssir f'April.

## KULLEĠĠ SAN INJAZJU – SKOLA MEDJA TAL-ĦANDAQ – MANUTENZJONI FIL-GYM

**15934. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta se jsir ix-xogħol ta' manutenzjoni fuq l-art tal-gym fl-iskola medja tal-Ħandaq (Kulleġġ San Injazju)?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## MCAST – FTEHIM KOLLETTIV

**15941. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim kollettiv (inkluż dak finanzjarju) li qed jiġi effettwat bħalissa bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-MCAST?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet mal-istakeholders neċessarji.

## JUNIOR COLLEGE – FTEHIM KOLLETTIV

**15942. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim kollettiv (inkluż dak finanzjarju) li qed jiġi

effettwat bħalissa bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Junior College?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Bħalissa għaddejjin id-diskussjonijiet mal-istakeholders neċessarji.

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – FTEHIM KOLLETTIV**

**15943. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-ftehim kollettiv (inkluż dak finanzjarju) li qed jiġi effettwat bħalissa bejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Università ta' Malta?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 15942.